# IL-PONT

rivista letterarja elettronika miġbura minn Patrick Sammut
literary online magazine compiled by Patrick Sammut

Nu. 61– **ĠUNJU 2021**

# werrej


| | |
|---|---|
| **L-Editorjal** | **2** |
| **L-Aħbarijiet** | **3** |
| **Reazzjonijiet** | **7** |
| **L-Intervisti: Anton Sammut, Eliana Stendardo, u Alfred Massa** | **11** |
| **Kitba ta' Joe Axiaq (L-Awstralja)** | **23** |
| **Sensiela Traduzzjonijiet Faraxa** | **24** |
| **Kitba ta' Lino Ellul** | **27** |
| **Kitba ta' Sergio Grech** | **28** |
| **Ittra ta' Rigu Bovingdon lil Oliver Friggieri** | **29** |
| **Reċenzjoni *Il-Polz Li Baqa' Jħabbat*** | **30** |
| **Kitba ta' John A. Consiglio** | **32** |
| **Victor V. Vella jikteb dwar *Raġel Bil-Għaqal*** | **36** |
| **Reċenzjoni *Baħar il-Mewt u Reċti Oħra*** | **38** |
| **Il-Poeżiji** | **41** |
| **Versi lil hinn minn xtutna** | **46** |
| **Minn fuq l-ixkaffa** | **47** |


Min jixtieq jikkontribwixxi f'IL-PONT b'materjal ta' livell, mhux twil u adatt jista' jibagħtu direttament lill-Editur fl-indirizz **sammutpatrickj@gmail.com**







Il-Covid-19 issa ilu magħna iktar minn sena. Huwa realtà iebsa għalkemm inviżibbli, realtà li bosta adattaw għaliha b'modi differenti. L-internet u l-komunikazzjoni virtwali għenuna biex f'sitwazzjoni bħal din ir-rota tibqa' ddur, anki jekk forsi b'ritmi inqas mgħaġġla, imma għallinqas l-affarijiet ma staġnawx. Anki l-ħwienet tal-kotba lokali tgħallmu kif il-prodott ewlieni tagħhom, il-ktieb, jirreklamawh u jmexxuh permezz tal-internet. Insibu bosta siti llum li minnhom tista' tara x'kotba hemm disponibbli u tordna dawk li trid online, tħallas bil-kumdità, u jaslulek direttament id-dar wara ftit jiem. Bosta pubblikaturi tal-kotba lokali qed joffru wkoll skontijiet apposta biex iħajru iktar nies jixtru l-ktieb u jaqraw.

Mela, kif jgħid il-Malti, "Kull deni ħudu b'ġid." Qed nirreferi wkoll għall-bosta attivitajiet ta' natura kulturali, imma anki letterarja, li minħabba l-pandemija u l-istat ta' klawsura li poġġietna fih, qalbu għall-virtwali. U dan ippermetta sabiex bosta jkunu jistgħu isegwu u anki jipparteċipaw attivament f'avvenimenti bħal dawn, mhux biss fuq livell lokali, imma anki internazzjonali. Rajna fix-xhur li għaddew lil Salman Rushdie jitkellem direttament mal-kittieb u intellettwali lokali Alfred Sant, jew mal-kap tad-Dipartiment tal-Ingliż tal-Università ta' Malta, James Corby, jew anki ma' numru ta' studenti universitarji Maltin. Corby tkellem *online* anki mal-kittieb u poeta Mark Doty. Bosta setgħu jsegwu tnedijiet ta' kotba miktubin minn kittieba magħrufin kemm lokali kif ukoll barranin permezz ta' kollegamenti virtwali. Oħrajn żgur ipparteċipaw f'lejliet letterarji jew ta' poeżija waqt salotti virtwali organizzati f'kollaborazzjoni bejn entitajiet Maltin u barranin.

Din hija r-realtà li qegħdin nadattaw għaliha bħalissa, filwaqt li nittamaw li fi żmien mhux 'il bogħod ħafna, nerġgħu lura għan-"normalità" u nerġgħu nibdew insegwu attivitajiet kulturali bħal dawn fiżikament preżenti, kemm hawn Malta kif ukoll barra minn xtutna.

Fuq nota differenti, jista' jkun hemm min jistaqsi kif ċerti kitbiet li mhumiex strettament ta' natura kritika jew letterarja jiġu inklużi f'din ir-rivista virtwali? Kif bosta nnotaw, il-qarrejja u l-kontributuri ta' IL-PONT dejjem qed jiżdiedu, bħalma qed jitwessa' wkoll l-ispektrum tan-natura tal-kitbiet li wieħed jista' jaqra. IL-PONT hawn qed jikkontribwixxi wkoll billi juri kemm ilsienna, il-Malti, huwa lingwa flessibbli u dinamika, tant li biha tista' tesprimi kull tip ta' ħsieb jew argument: hawn insibu inklużi wkoll kitbiet ta' natura xjentifika, filosofika u ekonomika, miktubin b'Malti mill-isbaħ minn persuni li għandhom għal qalbhom tassew ilsienna.

Laqtitni post li ttellgħet mill-artist Mark Schembri fuq wieħed mis-siti soċjali dan l-aħħar u li kienet tgħid hekk: "Ta' min forsi l-Arti tiftaħ l-għajnejn, minflok idderri u tgħammex." L-arti hija sbuħija u għandha tpaxxi l-għajn, il-widna, il-qalb u r-ruħ, imma m'għandhiex twarrab dak kollu li jitfa' dell ikrah fuq id-dinja tal-bniedem. L-Artist għalhekk għandu jsemma leħnu meta jiġri dan bis-saħħa tat-talenti kollha tiegħu. Ikun interessanti kieku xi wħud mill-qarrejja ta' IL-PONT jesprimu x'jaħsbu dwar dan il-ħsieb.

Kumment ieħor li ltqajt miegħu kien dwar is-sistema tal-Jeddijiet tas-Self Pubbliku introdotta mill-KNK u li minnha nnifisha hija idea tajba ferm. Imma, hija sistema li tpoġġi f'vantaġġ lill-kittieba tan-narrattiva - mela ġabriet ta' novelli u ta' rumanzi - fuq kollox, filwaqt li minħabba raġunijiet differenti titfa' fi żvantaġġ lill-awturi ta' ġeneri oħrajn bħall-poeżija u l-kritika letterarja, fost oħrajn. Tkun idea tajba kieku l-KNK flimkien ma' entitajiet speċifiċi jibda jagħti daqqa t'id lil dawn is-setturi anki billi joħloq inizjattivi li jappoġġjaw u jinkoraġġixxu l-qari tal-poeżija u tal-kritika letterarja biex kotba ta' dan it-tip (imma anki kotba li jittrattaw l-Istorja, il-Filosofija, l-Ekoomija, u suġġetti oħrajn u bil-Malti fuq kollox) jibdew ikunu iktar imfittxija mill-qarrejja Maltin.

Xena waqt film li kont qed insegwi mis-serje "Commissario Montalbano" fuq Rai 1 kienet ambjentata f'sala kbira fejn kien hemm arkivjati eluf ta' volumi mwarrbin mimlijin bit-tifkitiet ta' ħafna persuni li għexu fl-imgħoddi. Minn moħħi għaddieli dan il-ħsieb: kemm huma importanti l-Arkivji, ibda minn dawk Nazzjonali, li żgur huma mimlijin b'tagħrif dwar kif kienu jaħsbu, jgħixu, jieklu, u l-bqija, missirijietna. Dan hu settur ta' riċerka li qed jikber sena wara sena u li jgħinna nifhmu minn fejn ġejna u minn xiex għaddejna, x'kellhom jaffaċċjaw il-Maltin u l-Għawdxin tal-imgħoddi. Ħsieb ewlieni hu dan, u li jgħodd iktar u iktar illum meta donnu l-popli, inkluż dak Malti, nesa l-passat tiegħu: nirrispettaw lilna nfusna fil-preżent biss jekk nifhmu l-passat tagħna bħala poplu. Dan iseħħ bil-għajnuna tar-riċerkaturi, storiċi, arkivisti u l-bqija. Jekk niġu naqgħu u nqumu minn dan kollu, nerġgħu mmorru lura sekli sħaħ u nitilfu dak kollu li missirijietna tqabdu għalih. Jekk ninsew il-passat tagħna nerġgħu naqgħu fi stat ta' skjavitù u nħallu lil min imexxina minn imneħirna.

### JUM IL-MARA U S-SEBA' ĊENTENARJU TAL-MEWT TA' DANTE ALIGHIERI



Nhar it-8 ta' Marzu 2021 id-Dipartiment tal-Italjanistika fi ħdan l-Università ta' Malta ħa sehem f'inizjattiva dinjija bl-isem ta' "Baci dal Mondo", li fakkret Jum il-Mara permezz tal-qari f'ilsna differenti tal-ħames kant tal-*Infern* tad-*Divina Commedia* ta' Dante Alighieri, kant iddedikat lil Francesca da Rimini u li jittratta dwar l-imħabba. Biex jitfakkar dan il-jum imma anki f'rabta mas-seba' ċentenarju mill-mewt tal-Poeta Taljan (1265-1321), ħadu sehem bosta universitajiet mid-dinja kollha. Kienet mill-isbaħ il-parteċipazzjoni Maltija. Introduċew din il-parti d-direttur tal-Istitut Kulturali Taljan, Dr Massimo Sarti - li qara wkoll tislima qasira bit-Taljan mit-traduttur Malti tad-*Divina Commedia*, Alfred Palma -, u l-kap tad-Dipartiment tal-Italjanistika fl-Universita ta' Malta, il-Prof. Gloria Lauri-Lucente. Ħadu sehem erba' studenti li qed jistudjaw it-Taljan fil-livell post-lawrea (Glen Bonnici, Tiziana Borg, Ilaria Labbate u Patrick Sammut) li qraw bit-Taljan, bil-Malti u bl-Ingliż mill-vers 88 'il quddiem tal-kant imsemmi. Ta' min ifakkar li fl-2008 Alfred Palma ħa sehem fl-avveniment "Dante nel Mondo" f'Ravenna fejn qara bil-Malti parti mid-*Divina Commedia* stess. Min jixtieq jara l-avveniment "Baci dal Mondo", jista' jsegwih f'din il-ħolqa: https://www.youtube.com/watch?v=aaUYnxX8cIk. Il-kontribut Malti jinsab bejn il-minuti 2.07.38 u 2.25.30.

### ŻEWĠ POEŻIJI TA' DUN KARM MOQRIJIN WAQT SERATA VIRTWALI INTERNAZZJONALI

Nhar l-10 ta' Marzu l-poetessa Marokkina Dalila Hiaoui organizzat salott poetiku virtwali ieħor bl-isem ta' "Poesia e generazioni". Waqt din l-attività fuq Zoom il-parteċipanti ltaqgħu virtwalment ma' żewġ poeti żgħażagħ Taljani, Gabriella N.V. Napolitano u Simone Principe, li qraw numru ta' poeżiji minn żewġ ġabriet ta' poeżija tagħhom, *I rovi, la mora, lo specchio, il camminare* (Volturnia Edizioni) u *Aria pulita al risveglio* (Edizioni Eva) rispettivament. Poeti Taljani kontemporanji bħal Giuseppe Napolitano, Ida Di Ianni u Antonio Vanni, ikkummentaw il-poeżija ta' dawn iż-żewġ żgħażagħ u għamlulhom ukoll numru ta' mistoqsijiet. Fost il-parteċipanti kien hemm poeti minn pajjiżi varji: l-Italja, l-Awstralja, l-Isvezja, l-Albanija, u anki Malta. Waqt l-istess okkażjoni l-parteċipanti ngħataw l-opportunità li jaqraw xi poeżiji minn tagħhom. Patrick Sammut qara żewġ poeżiji bit-Taljan ta' Dun Karm Psaila - *In classe* u *Certi studenti!* - it-tnejn miġburin fil-ktieb *Dun Karm. Le poesie italiane*, (MUP, 2007), editjat minn Oliver Friggieri, li ġew apprezzati mill-parteċipanti barranin. Din il-lejla tista' tiġi segwita fil-ħolqa https://www.facebook.com/jnan.argana.5/videos/262799792103538




**Il-parteċipanti fis-salott virtwali J'nan Argana ta' Dalila Hiaoui**

### *PAWLU TA' MALTA* - TAĦDITA

Dejjem permezz tal-pjattaforma virtwali Zoom, nhar il-15 ta' Marzu l-Akkademja tal-Malti organizzat żewġ taħditiet b'tifkira f'ġieħ il-Prof. Oliver Friggieri, f'xahar twelidu. L-ewwel taħdita saret minn P. Charlò Camilleri, intitolata "Pawlu ta' Malta: Bejn il-loġika u l-mit fil-kelma, fil-kitba, u fir-raġuni f'*Pawlu ta' Malta*." Hawn il-prinċipju loġiku u mitoloġiku tfanndu flimkien sabiex, fi kliem Friggieri nnifsu, "mument reliġjuż, hu mbiddel f'għażla storika u kulturali" li jsir hu nnifsu prinċipju ta' għaqda. F'din it-taħdita, P. Charlò Camilleri ttanta jitkixxef kif dawn il-prinċipji, proprji tal-qasam filosofiku, teoloġiku u letterarju, huma s-sisien tal-viżjoni kulturali ta' Friggieri għal pajjiżu. Fit-tieni taħdita, li saret minn Dr Immanuel Mifsud, bl-isem ta' "Il-Klandestin f'*Pawlu ta' Malta*", il-kelliem iffoka fuq l-element ta' klandestinità fl-oratorju, li l-effett tagħhom iressaq il-ħsieb ta' Friggieri lejn determiniżmu divin li jikxef orkestrazzjoni sħiħa f'dak kollu li ġara fil-vjaġġ aħħari ta' Pawlu. B'dan il-

mod, jittanta joħroġ is-sinjali tad-determiniżmu determinanti ta' klandestinità determinata.

### LAQGĦA TA' POEŻIJA VIRTWALI BEJN ESPRIMI U L-GRUPP E' VALTELLINA




Nhar il-21 ta' Marzu, f'il-Jum Internazzjonali tal-Poeżija, ittellgħet serata virtwali ta' poeżija fuq il-pjattaforma Zoom, organizzata mill-gruppi EspRimi u Laboratorio Poetico E' Valtellina. Is-serata nfetħet b'diskorsi qosra tal-okkażjoni mill-presidenti taż-żewġ gruppi, Emmanuel Attard Cassar u Paola Mara De Maestri, rispettivament. Inqraw poeżiji bil-Malti u bit-Taljan minn numru ta' poeti, fosthom Emmanuel Attard Cassar u Paola Mara De Maestri, flimkien ma' Joseph Felix Cachia, Ronald Cuschieri (li qara żewġ poeżiji ta' Marquita Degabriele, bint il-mibki poeta Ġorġ Zammit), Marino Spini, Alda Volpi, Lucia Mescia, u Patrick Sammut. Kien hemm ukoll intervalli mużikali permezz ta' videos ta' kanzunetti bil-Franċiż u bil-Malti. Emmanuel Attard Cassar għalaq is-serata permezz ta' messaġġ tal-għeluq fejn ħajjar biex il-poeti jibqgħu jiktbu u jiġġieldu fuq kollox kontra l-ħażen fid-dinja. Ħajr lil Riccardo Flask li ħa ħsieb il-parti teknika ta' din il-laqgħa virtwali.

### IL-FESTIVAL TAL-KTIEB FUQ IL-KAMPUS - EDIZZJONI VIRTWALI 2021

Għall-ewwel darba l-Festival tal-Ktieb fuq il-Kampus 2021, sar kollu kemm hu online bejn l-24 u s-26 ta' Marzu. Il-programm sar f'ħidma ma' numru ta' dipartimenti tal-Università, għaqdiet studenteski, u pubblikaturi lokali. Fost is-17-il attività wieħed seta' jsegwi tnedijiet, klabbs tal-kotba, sessjoni ta' palk ħieles, u diskussjonijiet ma' kittieba internazzjonali u lokali, li xxandru mill-paġna tal-Facebook tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb u s-sit https://ktieb.org.mt/mt/ tul it-tlitt ijiem tal-Festival. L-għan ewlieni tal-Festival tal-Ktieb fuq il-Kampus hu li jiġu promossi




**Il-poeta u memorjalist Mark Doty mal-Prof. James Corby**

kull tip ta' letteratura, Melitensia, u kotba tar-riċerka, billi jipprovdi pjattaforma lill-pubblikaturi lokali fejn ikunu jistgħu ibigħu u jippromwovu l-pubblikazzjonijiet tagħhom immirati għal udjenza postsekondarja u terzjarja. It-tmien eżebituri tal-Festival kienu BDL, Horizons, Merlin Publishers, Klabb Kotba Maltin/Midsea Books, Faraxa Publishing, Kite Group, SKS u l-Għaqda tal-Malti - Università. Kollha ppreżentaw titli ġodda u skontijiet speċjali fuq xi kotba għal waqt il-Festival u għax-xahar ta' Marzu kollu. Il-mistieden internazzjonali għall-Festival ta' dis-sena kien il-poeta u kittieb ta' tifkiriet awtobijografiċi Mark Doty, li ħa sehem f'sessjoni ta' klabb tal-kotba ma' studenti Universitarji mmexxija minn Dr Mario Aquilina. F'sessjoni oħra Doty ġie intervistat mill-Kap tad-Dipartiment tal-Ingliż fl-Università, Prof. James Corby, fuq ix-xogħlijiet tiegħu, kemm fittizji u anki le. Mark Doty kien anki wieħed mill-qarrejja waqt il-palk ħieles organizzat f'kollaborazzjoni ma' Inizjamed. Huwa kien l-ewwel Amerikan li rebaħ il-Premju T.S. Eliot tar-Renju Unit fl-1995, u fl-2008 rebaħ in-National Book Award tal-Istati Uniti bil-ktieb *Fire to Fire: New and Selected Poems* (HarperCollins, 2008). Nhar il-25 ta' Marzu, SKS niedu t-tieni volum ta' tifkiriet awtobijografiċi ta' Dr Alfred Sant *Confessions of a European Maltese* –




**Il-kittieb u traduttur Charles Flores jitkellem dwar *Kwarantina***

*The Middle Years 1975-1992* (2021), li ġie intervistat minn Simone Inguanez. Stephen Lughermo tkellem dwar il-ġabra ġdida ta' novelli tiegħu ppubblikata minn Horizons, *Ċelel Bla Ħitan*. Fl-24 ta' Marzu Horizons niedu wkoll l-edizzjoni Maltija ta' Jim Crace, *Kwarantina* (*Quarantine*), maqluba minn Charles Flores. Bħala parti mis-sensiela 'Traduzzjonijiet Faraxa', Faraxa Publishing niedu *Kaligula*, traduzzjoni tad-dramm ta' Albert Camus minn Toni Aquilina. L-Assoċjazzjoni tal-Istudenti tal-Istorja tal-Arti u l-Arti (HoASA), flimkien ma' Midsea Books, ippreżantaw intervista ma' Dr Keith Sciberras dwar il-pubblikazzjoni tiegħu *Mattia Preti: Life and Works* (2020). L-Għaqda tal-Malti - Università, indirizzaw l-applikazzjoni ta' teknoloġiji diġitali waqt diskussjoni nhar l-24 ta' Marzu bejn il-Kap tad-Dipartiment tal-Malti, Dr Michael Spagnol, u Sephora Francalanza. Huma ppreżentaw malti.mt, portal ġdid tar-riċerka mniedi ftit ġimgħat ilu. Fl-okkażjoni tad-90 sena mit-twelid tal-ewwel pubblikazzjoni tar-rivista tal-Għaqda, "Leħen il-Malti", itlaqqgħu kelliema differenti li kellhom sehem f'bordijiet editorjali mill-passat, fosthom Ġorġ Mallia, Joseph P. Borg, u Leanne Ellul, sabiex introduċew il-ħarġa nru. 40. Kull attività tal-Festival tal-Ktieb fuq il-Kampus ixxandret b'xejn mis-sit tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb bejn l-Erbgħa 24 u l-Ġimgħa 26 ta' Marzu.

### TNEDIJA VIRTWALI TAL-ĠABRA POETIKA *RIFLESSI* FL-ITALJA




Nhar is-27 ta' Marzu 2021 saret lejla ta' tnedija virtwali tal-ġabra ta' poeżiji ta' Patrick J. Sammut bl-isem ta' *Riflessi*, ippubblikata f'dawn l-aħħar ġimgħat mill-Volturnia Edizioni. Mexxiet is-serata l-għalliema u poetessa Ida Di Ianni, u kien hemm interventi ta' natura kritika minn poeti oħrajn bħal Giuseppe Napolitano u Irene Vallone. Waqt is-serata nqraw numru ta' poeżiji mill-ġabra *Riflessi*, imma anki oħrajn minn ġabriet oħra ta' Sammut bħal *Beyond-Oltre-Lil Hinn* (2009) u *Sponde amanti* (2012). Għal din l-okkażjoni kienu preżenti kemm parteċipanti Maltin - fosthom il-president ta' EspRimi, Emmanuel Attard Cassar -, kif ukoll Taljani. *Riflessi* għandu daħla kritika minn Giuseppe Napolitano u postfazzjoni ta' Ida Di Ianni u jiġbor fih 32 poeżija li Sammut kiteb bit-Taljan. Il-lejla tista' tiġi segwita permezz tal-ħolqa [https://www.youtube.com/watch?v=LJqpyQUGhzI](https://www.youtube.com/watch?v=LJqpyQUGhzI) Ħajr li Zr Web tv. Għal min jixtieq jakkwista kopja jista' jikkuntattja direttament lill-editur ta' din ir-rivista online.

### IL-25 TA' MARZU JFAKKAR JUM DANTE

Is-sena 2021 qed tfakkar is-700 anniversarju mill-mewt tal-poeta Taljan Dante Alighieri. It-Taljani waqqfu saħansitra jum iddedikat lilu bl-isem ta' Dantedì li jaqa' fil-25 ta' Marzu. Din is-sena l-attur Roberto Benigni qara l-25 Canto mit-tielet ktieb tad-*Divina Commedia*, *Paradiso*. Is-sit magħżul kien ir-residenza tal-President tal-Italja, il-Quirinale, u l-okkażjoni ġiet imxandra direttament fuq Rai 1. Preżenti kien hemm il-President tar-Repubblika Taljana Sergio Mattarella u l-Ministru għall-Kultura Dario Franceschini. Din kienet biss waħda mill-bosta inizjattivi li qed jittellgħu din is-sena biex ifakkru lil dak li t-Taljani jsejħulu "il Sommo Poeta".

### TAĦDITA F'ĠIEĦ MARLENE MIFSUD CHIRCOP MILL-AKKADEMJA TAL-MALTI

Nhar il-15 ta' April li għadda l-Akkademja tal-Malti tellgħet permezz tal-pjattaforma virtwali Zoom it-taħdita "Il-Ħrara ma Torqodx: Marlene Mifsud Chircop u l-Folklor Malti". Il-kelliema kienu Mark Montebello u Yanika Schembri Fava. Marlene Mifsud Chircop twieldet fit-23 ta' Mejju 1950. Studjat fl-Università ta' Malta fejn ippreżentat l-ewwel teżi tagħha għall-B.A. "Il-Folklor fir-Rumanz Storiku/Romantiku Malti" (1972) u t-tieni teżi għall-MA "A Motif-Index of the Maltese Folktale". Għallmet il-Malti fis-sekondarja fil-Kulleġġ ta' San Alwiġi. Għamlet ukoll id-Diploma fit-Traduzzjoni u l-Interpretazzjoni u għal bosta snin għallmet l-Ingliż fl-Istitut tan-Negozju u l-Kummerċ (MCAST). Marlene ħadmet mal-folklorista Ġużè Cassar Pullicino u mal-mibki żewġha, il-folklorista antropoloġiku Dr Ġorġ Mifsud Chircop, u kompliet bir-riċerka fin-narrattiva popolari, fl-irrakkuntar u fl-għana Malti, b'mod speċjali l-element kulturali u soċjali fl-għana tal-fatt. Hija mietet fis-26 ta' Awwissu 2020. Mark Montebello studja l-Filosofija, u għallimha professjonalment f'ċentri għoljin ta' studju f'Malta u

barra minn xtutna. Ħadem ħafna fil-qasam soċjali, l-aktar fil-ħabs u l-Kottonera. Hu awtur ta' bosta kitbiet u pubblikazzjonijiet fl-oqsma tal-Filosofija, il-kritika soċjali u politika, u fl-istorja intellettwali fil-Gżejjer Maltin. Yanika Schembri Fava hi riċerkatriċi fil-proġett "It-Tradizzjoni Orali", għalliema tal-Malti fi skola sekondarja u tgħallem taqsima-studju dwar It-Tradizzjoni Orali tad-Dipartiment tal-Malti fl-Università ta' Malta. Fl-2019 kienet waħda mir-riċerkaturi tal-proġett "Il-Kelma fil-Komunità" u bħalissa qiegħda tiġbor it-taqbil tal-festi flimkien ma' riċerkaturi oħra bħala parti mill-proġett "Minn fuq l-Ispalla: It-Taqbil fil-Festi." Studjat il-Malti u t-tagħlim tal-Malti fl-Università ta' Malta u qed tkompli tistħarreġ il-qasam tat-Tradizzjoni Orali, speċifikament versifikazzjonijiet ironiċi, bħala parti mir-riċerka tat-tieni Maġisteru tagħha.

### IMUT IL-KITTIEB U DRAMMATURGU ANTHONY PORTELLI



Nhar id-9 ta' April 2021 ħalla din id-dinja l-kittieb u drammaturgu Anthony Portelli. Huwa twieled f'San Pawl il-Baħar fl-1947. Fl-2002 huwa rebaħ il-Premju Francis Ebejer għall-aħjar dramm permezz tax-xogħol *Caravaggio, Ħajja mill-Ġdid*. Bosta mid-drammi tiegħu ttellgħu fit-Teatru Manoel. Dramm ieħor tiegħu huwa *Ċella Numru 5. Il-Borg Pisani* (2004) u l-ġabra ta' stejjer *Innuendo* ppubblikata flimkien ma' Antoinette Borg fl-2019. Kondoljanzi lill-familjari u jistrieħ fis-sliem.

### MARGARET ATWOOD EDITRIĊI TA' KTIEB LI SE JISSAPPORTJA LIL KITTIEBA OĦRA MATUL IL-PANDEMIJA






**Margaret Atwood u Douglas Preston**

Il-kittieba Kanadiża u Premju Nobel għal-Letteratura Margaret Atwood se tkun l-editriċi tal-ktieb *Fourteen Days: An Unauthorised Gathering*, rumanz kollaborattiv li xtaq il-kittieb Douglas Preston biex jgħin lill-kittieba matul din il-pandemija. Il-kunċett huwa bbażat fuq ix-xogħol klassiku *Decameron* tal-kittieb Taljan Giovanni Boccaccio li nkiteb f'nofs is-seklu 14. Hemm Boccaccio jimmaġina grupp żgħir ta' ħbieb li matul il-pandemija tal-1348 jaħarbu mill-belt ta' Firenze u jsibu rifuġju temporanju ġo villa fil-kampanja fejn jirrakkuntaw numru ta' stejjer biex jgħaddu ż-żmien. Fil-ktieb ta' Atwood se jkun hemm kitbiet ta' John Grisham, Diana Gabaldon (awtriċi ta' *Outlander*), Tess Gerritsen, Emma Donoghue, Celeste Ng, Dave Eggers u Emma Cruz. Douglas Preston, president tal-Author's Guild, ħaseb li l-idea tad-*Decameron* tista' tkun trasferita fil-preżent fejn grupp ta' persuni minn New York jissakkru ġewwa biex jistkennu mill-Covid-19. Kull filgħaxija huma jitilgħu fuq il-bejt biex jirrakkontaw l-istejjer tagħhom ta' kull tip biex jgħaddu ż-żmien. Meta Atwood semgħet b'din l-idea, hija pproponiet grupp ta' kollaboraturi magħmul minn studjużi ta' Shakespeare, poeti, kittieba ta' stejjer tal-imħabba u stejjer misterjużi, ġurnalisti, kittieba għat-tfal u ta' *science fiction*. Atwood qalet li l-personaġġi ta' dan ix-xogħol esperimentattiv għandhom ħafna xi jgħidu mhux biss dwar il-ħajja matul il-pandemija imma anki dwar il-ħajja inġenerali. *Fourteen Days: An Unauthorised Gathering* għandu joħroġ fir-rebbiegħa tal-2022. Suzanne Collins, awtriċi ta' *Hunger Games*, għamlet donazzjoni ġeneruża biex tissapportja dan il-proġett. Studju reċenti juri li l-kittieba rrapportaw li tilfu medja ta' 49% tad-dħul li kien ikollhom qabel il-pandemija.



**Email mingħand Amanda Busuttil, it-28 ta' Frar 2021**

Grazzi mill-qalb Patrick. Wasalli IL-PONT, kemm nieħu gost bih.

Ġa rajt li hemm artiklu dwar Lina Brockdorff u fraħt immens li rajt ir-ritratt ta' meta ħriġna dak il-ktieb flimkien *Bejn il-Barrakka u l-Baviera*; hemmhekk l-Excelsior fejn kienet saret it-tnedija tal-ktieb. Tassew memorji sbieħ. Grazzi ħafna u tislijiet!

Amanda

**Email mingħand Paul Vella, it-28 ta' Frar 2021**

Grazzi, Patrick, għall-ħarġa ta' IL-PONT, mimlija b'ħafna informazzjoni fuq il-letteratura u ħafna poeżiji sbieħ.

F'dan iż-żmien li għaddejjin minnu se jkolli ħafna ħin biex naqrah kollu.

Grazzi għax-xogħol siewi f'dan il-qasam u ħafna tagħrif fuq x'qed jiġri fil-kamp letterarju.

Ħudu ħsieb.
Paul

**Email mingħand Michael Zammit, l-1 ta' Marzu 2021**

Grazzi wisq. Napprezza ħafna. Aktar tard illum nibda naqrah ftit ftit ... u nkompli fil-jiem li ġejjin.

Ħajr kbir għal dan l-isforz eċċezzjonali. Kull min iħobb l-ilsien Malti żgur li huwa kburi ħafna bik u grat lejk.

Saħħiet,
Michael

**Email mingħand Marta Obiols Fornell, l-1 ta' Marzu 2021**

Oh, that's so nice! Well, thanks to you for putting all this together. It looks great. You just revealed to me this writer: Isabel Martinez Barquero. I am enjoying it now with a cup of coffee. It seems you received a lot of feedback from your readers, so is quite a lively magazine.

Thank you so much!
Marta

**Email mingħand Joseph Sciberras, l-1 ta' Marzu 2021**

Grazzi, Patrick

M'għandix kliem li bih nista' ngħidlek prosit ta' dan il-kontribut b'mod l-aktar professjonali ta' din ir-rivista. Li qiegħed jiġrili hu li meta nirċievi din ir-rivista nkun irrid naqraha malajr u nispiċċa biex ma naqra xejn mill-bidu sal-aħħar.

Prosit tassew. Għandi xi poeżiji għal din ir-rivista. Irrid insib ħin biex nibgħathom.

Sliem,
Joseph Sciberras

**Email mingħand Joseph Borg, l-1 ta' Marzu 2021**

Nirringrazzjak f'isem l-Akkademja tal-Malti li ħadt ħsieb tinkludi ħafna tagħrif fuq l-Akkademja, b'mod partikulari l-artiklu ta' Prof. Charles Briffa f'għeluq iċ-ċentinarju.

Wieħed isib ukoll tagħrif dwar il-ħidma l-aktar



riċenti: il-Midalja tad-Deheb 'Ġieħ l-Akkademja tal-Malti' (2021) tant mistħoqqa lil Lina Brockdorff u l-intervista lill-poetessa Simone Galea.

Bħal dejjem, IL-PONT mimli daqs bajda b'dak kollu li jinteressa lil min għandu l-letteratura Maltija għal qalbu ... u jkompli l-omaġġ lill-Prof. Oliver Friggieri.

Il-lejla t-tajba,
Joe

**Email mingħand Rita Saliba, l-1 ta' Marzu 2021**

Għażiż Patrick,

Qed nieħu gost naqra l-aħħar edizzjoni ta' IL-PONT; bħal dejjem interessanti u informattiv. Il-ġeneri huma varjati u r-rivista tibqa' tinħass friska fil-kontenut.

Grazzi li jirnexxilek tgħaqqad ġabra ta' kitbiet li jvarjaw fl-istil u tagħrif dwar awturi ta' kull età, li flimkien jgħaqqdu *collage* sabiħ.

Tislijiet,
Rita

**Email mingħand Patricio Shaw, l-1 ta' Marzu 2021**

Dear Mr. Sammut,

I am very obliged to you for having published an article by Prof. Briffa on the work I did about Mons. Luigi Vella.

I hope there will be readers who will enjoy reading his originals made available online.

I have memories of many nice people and places all over the Maltese Islands where I spent two years long ago.

Best,
Patricio Shaw

**Email mingħand Charles Bezzina, l-1 ta' Marzu 2021**

Għażiż Patrick,

Grazzi ta' IL-PONT. Reġa' fih minjiera ta' tagħrif interessanti u aġġornament tal-kotba li ħarġu issa.

Ħadt pjaċir naqra t-tislimiet lill-Professur Oliver Friggieri, li jien u ħafna oħrajn ħadna mingħandu. Kien poeta kbir, kittieb famuż, u bniedem umli u għaref li qajla ssib bħalu. Nibqa' nammirah u nitlob għalih tul ħajti kollha.

Inħoss li bir-rivista IL-PONT qed isir ħafna ġid letterarju, u barra hekk, tagħti wisa' biex kittieba magħrufin u mhumiex jippubblikaw ix-xogħlijiet tagħhom. Niftakar fir-rivista *Versi* li l-Għaqda Poeta kienet toħroġ xi tliet darbiet fis-sena. Sfortunatament din waqfet u l-Għaqda Poeti ma nafx x'ġara minnha! Ħasra. Nittama li dir-rivista IL-PONT, ikollha ħajja ferm itwal u li tnissel interess fil-kittieb u fil-qarrej, u tkompli tiftaħ it-tieqa letterarja lejn letteraturi internazzjonali u l-bqija. Prosit Patrick.

Tislijiet u saħħa,
Charles Bezzina

**Email mingħand Carmen Refalo, l-4 ta' Marzu 2021**

Għażiż Sur Sammut,

L-ewwel ħaġa li naqra huwa l-editorjal u dejjem



tolqotni bl-imħabba tiegħek lejn l-ilsien Malti. B'dil-ħeġġa kollha mhux ta' b'xejn jirnexxilek tgħaqqad IL-PONT. Barra minn hekk jagħtini wkoll għarfien fuq ċerti sitwazzjonijiet li saħansitra ssibhom ukoll fil-qasam tal-kultura. Hija ħasra għax wara kollox fiż-żgħar fl-età, kemm l-irġiel kif ukoll in-nisa, hemm il-futur; hekk għandu jaħseb kull min iħobb Ilsien art twelidu.

Prosit Patrick.

Inselli għalik u ibża' għal saħħtek,
Carmen

**Email mingħand Marielle Spiteri, is-7 ta' Marzu 2021**

Għażiż Patrick,

Nixtieq ngħidlek li l-kliem li għidt smajtu miljun darba mill-għaaia missieri, Antoine Camilleri, - meta fi żmienu wkoll kien jiġri l-istess lill-artisti (1950ijiet, 1960ijiet, 1970ijiet...) sakemm miet missieri fl-2005! Qrajt l-editorjal tiegħek b'għafsa ta' qalb - għas-sinċerità tiegħek u għall-imħabba ġenwina li għandek għall-arti tal-kitba. Nikteb bid-dmugħ f'għajnejja - dmugħ ta' swied il-qalb u ta' kuraġġ biex Alla jieqaf ma' iktar nies bħalek u bħal missieri li toħorġu sidirkom b'kuraġġ liema bħalu għall-Arti u Kitba.

B'umiltà kbira, nixtieq il-permess tiegħek biex inxandar din il-kitba tiegħek fuq il-paġna Facebook tal-papà - m'għandux eluf ta' *followers* imma jekk Allajrid tkun żerriegħa żgħira forsi tispiċċa fuq farka art fertili.

Saħħiet,
Marielle

**Email mingħand Joseph Vella Bondin, is-7 ta' Marzu 2021**

Għażiż Patrick,

Grazzi ħafna ta' IL-PONT, il-ġurnal elettroniku tiegħek li qed jaqdi niċċa importanti fit-tirxid u l-għarfien tal-ilsien Malti. Napprezza l-mod espert li bih teditjah u l-firxa wiesgħa ta' artikli interessanti li tippubblika.

Qrajt b'sogħba n-nekroloġija ta' Carmelo Aquilina. Nispera li dawk li xi darba jiktbu bis-serjetà u b'sens ta' responsabbiltà l-Istorja tad-Drammaturgija Maltija, vojt li sfortunatament għad irid jimtela, jagħtuh l-importanza li tixraqlu.

Bniedem ta' immaġinazzjoni u viżjoni fina sew fil-kitba oriġinali u sew fid-direzzjoni, sirt nafu meta dderieġa għall-MADC d-dramm tiegħi f'att wieħed *Xi darba għada jisbaħ* li kien rebaħ l-ewwel premju fil-MADC 1986 Playwriting Competition. Kien ittella' fl-MADC Playhouse f'Santa Venera fl-20 ta' Mejju 1988.

Meta konna qed nitkellmu u ried jaf jekk kellix drammi oħra kont infurmajtu li kelli imma li d-dramm li kien qed jidderieġi kien biss parti minn wieħed b'żewġ atti, *Meta se jisbaħ?* Talabni kopja.

*Meta se jisbaħ?* kien ippreżentat għall-ewwel darba mill-Koperatturi bil-kollaborazzjoni tal-Ministeru taż-Żgħażagħ u tal-Kultura fit-Teatru Manoel fit-13 ta' Marzu 1993. Kienu ħadu sehem Manuel Cauchi, Tonio Farrugia, John Farrugia, Michael Tabone, John Suda, Simon Curmi, Kevin Causon, Tanya Briffa, u Marjorie Grima taħt id-direzzjoni ta' Carmelo Aquilina. Kienet direzzjoni mnebbħa u dettaljata li, fost il-ħafna elementi brillanti kien hemm dik li ġagħal lil Michael Tabone li kellu l-parti ta' Xiħ, jirreċtaha bid-djalett Għawdxi. Safejn naf jien kien l-



ewwel darba li djalett kien iddaħħal fi dramm serju fit-Teatru Manoel.

Koperatturi kienet il-kumpanija teatrali li kien għaqqad Carmelo, flimkien ma' personalitajiet oħra tat-teatru, fosthom Manuel Cauchi, John Suda u Michael Tabone. Fl-opinjoni tiegħi kienet kwalitattivament l-aħjar kumpanija fil-qasam drammatiku Malti li qatt kellna.

Carmelo ddereġieli wkoll żewġ drammi oħra *Żerafa*, rebbieħ tal-Konkors ta' Radjudrammi 1996 imniedi mir-Radju tal-Università u *Kamikaze*, dramm għat-televiżjoni li kont ktibtu fuq talba tiegħu stess.

Dawn it-tliet drammi, flimkien ma' dramm ieħor, *Għidli, missier, jekk il-gwerra spiċċatx*, jinsabu fl-ewwel ġabra ta' drammi miktuba minni taħt it-titlu *Labirint tas-sejjieħ*. Kien Carmelo stess li kitibli introduzzjoni verament mirquma għall-ktieb.

Kondoljanzi lill-familja tiegħu.

Tislijiet,
Joseph Vella Bondin

**Email mingħand Alfred Palma, is-7 ta' April 2021**

Għażiż Patrick,

It-13 ta' Settembru 2021 jaħbat għeluq is-700 sena mill-mewt ta' Dante Alighieri. Kif inhu xieraq, għal din l-okkażjoni se jsiru bosta ċelebrazzjonijiet mad-dinja kollha biex ifakkru lil dan il-poeta kbir Taljan, l-awtur fost xogħlijiet oħra, tal-famuża *La Divina Commedia*, il-poema monumentali li fiha l-poeta jirrakkonta l-vjaġġ mistiku tiegħu lil hinn mill-qabar, mill-Infern u l-Purgatorju, sakemm ruħu, meħlusa mid-dnub, terġa' ssib il-mistrieħ fil-Ġenna, fejn Dante għal ftit sekondi jara lil Alla!

F'Malta wkoll ma jistgħux jonqsu ċelebrazzjonijiet bħal dawn, ħajr fost oħrajn għall-Ambaxxata Taljana, l-Istituto Italiano di Cultura, is-Società Dante Alighieri, l-AŻAD u entitatijiet kulturali oħrajn. Żgur li wieħed mill-avvenimenti l-aktar mistennija hawn Malta se jkun ir-ristampar mill-ġdid tat-traduzzjoni bil-Malti tad-*Divina Commedia* li jiena ppubblikajt fl-1991 (Palprint Press). Din it-traduzzjoni, li domt naħdem fuqha 20 sena sħaħ, hija l-unika waħda kompluta u rrimata li għandna f'pajjiżna, u r-ristampar tagħha se jkun wieħed ta' kalibru monumentali, kemm għal Dante nnifsu kif ukoll għal-Letteratura Maltija, għax permezz ta' din it-traduzzjoni, Malta ssieħbet mal-bosta pajjiżi oħra madwar id-dinja kollha li għandhom dan il-poema maestuż fi Lsienhom. Din l-edizzjoni ġdida, ristampata ħajr għall-kollaborazzjoni mimlija ħeġġa u entużjażmu bejn l-Istituto Italiano di Cultura u l-AŻAD, għall-kuntrarju tal-ewwel waħda, li kienet imqassma fi tliet volumi, b'kopertini bi tliet ilwien differenti, li kienu jissimbolizzaw l-Infern (aħmar), Il-Purgatorju (aħdar) u l-Ġenna (blu), se tkun f'volum wieħed, se tkun imżejna b'għadd sabiħ ta' inċiżjonijiet famużi ta' Gustave Doré, li kienu jżejnu l-edizzjoni famuża ewlenija tad-*Divina Commedia* ta' Eugenio Camerini, li kienet stampata (u baqgħet tkun ristampata) fl-1883, u li fuqha jiena ħdimt it-traduzzjoni tiegħi. Fiha se jidhru wkoll messaġġi u kummenti minn personalitajiet distinti, kemm Maltin kif ukoll Taljani, imżewqin bil-ġrajjiet strambi li jiena nirrakkonta fid-Daħla tiegħi, ġrajjiet marbutin mal-ġenesi fatidika ta' din it-traduzzjoni.

Insellimlek,
Alfred




## INTERVISTA MA' ANTON SAMMUT DWAR IR-RUMANZ *IL-VANĠELU SIGRIET TA' ĠESÙ* (2020)

**Dan tiegħek hu rakkont li jimxi parallelament mar-rakkonti li naqraw fit-Testment il-Ġdid, imma b'ċerti dettalji li ma nsibuhomx f'dawn tal-aħħar. Xi tgħid dwar dan?**

Bħalma taf perfettament, kull rumanz jew ktieb jeħtieġ l-istil letterarju tiegħu, u dan għandu jkun biex b'hekk ikun jista' jirrifletti t-tema tal-istess ktieb. F'dan il-każ, fejn jidħol *Il-Vanġelu Sigriet ta' Ġesù*, ridt inżomm l-istil tal-Vanġeli biex b'hekk f'dan l-ambjent bibliku l-qarrej ikun jista' jirrelata mat-test aktar faċilment.

Rigward dawk id-dettalji li qed tirreferi għalihom nixtieq nissottolinja l-fatt, li dawn ma ivvintajthomx minn żniedi, imma huma bbażati u kultant imniżżla *verbatim* minn Vanġeli Njostiċi u dokumenti storiċi oħra li kienu ġew imwarrba mingħand dawk li biex iżommu l-poter fuq in-nies ma ridux li joħorġu fid-deher. Prova ta' dan huwa l-fatt li s-27 ktieb tat-Testment il-Ġdid huma frazzjoni żgħira ħafna mil-letteratura Kristjana li ġiet prodotta fl-ewwel tliet sekli wara Ġesù; Vanġeli magħrufa bħala Apokrifi; testi sagri, li kellhom rispett kbir mingħand il-komunità bikrija tal-ewwel żminijiet, u għaldaqstant, xi wħud minnhom inkorporajthom ukoll f'dan ir-rumanz.

**Ġesù u l-imħabba tiegħu lejn id-dgħajfin, fosthom in-nisa, it-tfal u l-annimali. Kemm kien rivoluzzjonarju Ġesù fi żmienu u fl-ispazju fejn kien jgħix?**

Naturalment, għal bnedmin illuminati bħalma kienu l-Budda u Ġesù, kienet tkun xi ħaġa naturali li permezz tal-Morphic Resonance tagħhom, jew permezz tal-interkonnektività totali li kellhom mal-kreaturi kollha kienu jaqbżu għal dawk li kienu l-aktar emarġinati fis-soċjetà. Infatti, fattur ieħor li xtaqt noħroġ f'dar-rumanz kien fuq ir-rapport sabiħ li Ġesù kellu mas-sess oppost; tant, li f'dar-rumanz, huma n-nisa li kienu l-aktar dixxipli devoti tiegħu, u fuq kollox, kienu huma, bl-intwizzjoni straordinarja tagħhom, li fehmu perfettament it-tagħlim tiegħu, fosthom Mari ta' Magadha, li llum nafuha aħjar bħala Marija ta' Magdala; mara straordinarja, li m'għandha x'taqsam xejn mal-mod kif ġie mħammeġ isimha fil-Vanġeli mbagħbsa tat-Testment il-Ġdid, kif probabbilment se naraw aktar tard.

Min-naħa l-oħra nifhem ukoll, li t-term 'rivoluzzjonarju' li qiegħed talludi għalih qed tużah mill-aspett pożittiv, fis-sens, li t-tagħlim ta' Ġesù kien bil-ferm aktar avvanzat u radikali miż-*Zeitgeist* jew mill-Ispirtu taż-Żmien li s-soċjetajiet kontemporanji tiegħu kienu maqbudin fih. Madankollu, dan it-term ma tantx għandna nużawh spiss fuq il-persuna ta' Ġesù, għaliex psikoloġikament nitkellem, dan it-term jimplika kunċett duwalist, jiġifieri li Ġesù kien jidher kontra xi forma ta' *Status Quo*. Irridu noqogħdu ferm attenti hawnhekk, għax Ġesù ma kellu ebda intenzjoni li jkun rivoluzzjonarju minn dan l-aspett. Iva, vera, kien jiġġieled ukoll f'isem il-ġustizzja u f'isem iż-żgħir, bħalma kien jagħmel ngħidu aħna Gandhi permezz tas-Satyagraha, imma Ġesù ma kienx rivoluzzjonarju minn dak l-aspett duwalist li semmejt aktar qabel, għax ta' bniedem illuminat li kien, hu ma kienx jaħdem fuq l-illużjoni tas-separazzjoni duwalista, jiġifieri b'dik il-mentalità ta' 'jien' versu l-'oħrajn', imma kien jara kollox bħala ħaġa waħda mal-Etern. Għaldaqstant, ġaladarba Ġesù kien jitkellem b'mod ħieles mill-preġudizzji tal-ego uman, allura dan kien jimplika li tagħlimu kien jispiċċa jċaqlaq bl-ikrah il-preġudizzji duwalisti tas-soċjetà.

**X'ħajrek tikteb rumanz bħal dan? Liema huma s-sorsi li użajt?**

Rigward is-sorsi li użajt kienu ħafna, fosthom dawk li tkellimt fuqhom aktar qabel. Iżda fuq dar-rigward inżid ukoll, li mhux kulħadd jista' jkollu aċċess faċli jew dirett għal xi wħud minn dad-dokumenti.

Wieħed hawnhekk jista' jirraġuna u jgħid, li dawn it-testi, bħal ngħidu aħna l-Apokrafi u testi Njostiċi oħrajn, ma jagħmlux parti mit-Testment il-Ġdid, imma bl-istess argument ngħid ukoll, li lanqas li Ġesù suppost twieled f'għar ma nsibuha fit-Testment il-Ġdid, imma ħafna nies jaħsbu li hekk marru l-affarijiet. Li forsi ma jafux huwa l-fatt, li din li Ġesù twieled f'għar ġiet mittieħda minn dawn id-dokumenti li użajt għal dan ir-rumanz.

**Hija interessanti l-parti li tikxef ir-rabta ta' Ġesù mal-għerf u t-tagħlim tal-kulturi Orjentali. Dan hu dak li jorbot dan ix-xogħol ma' kotba oħra li ppubblikajt. Reazzjonijiet tiegħek?**

Infatti, dan ix-xogħol huwa l-prodott finali ta' tliet kotba ta' studju oħra li kienu ġew qabel dan ir-rumanz, li huma *In-Naħa l-Oħra tal-Istorja Ġudeo-Kristjana*, *Il-Filosofija tal-Ispiritwalità Kożmika*, u *Il-Filosofija tal-Moħħ*, li lkoll ġew tradotti għall-Ingliż. Il-fatt li dal-kotba fassalthom taħt forma ta' triloġija kien biex l-ewwel nett immexxi lill-qarrej minn stadju għal ieħor, u t-tieni, biex b'hekk jissokta jifhem ukoll li t-tagħlim ta' Ġesù kien wieħed universali li ma kien jintrabat ma' ebda forma ta' reliġjon, tant, li l-għerf tiegħu kien l-istess wieħed li għallmu persuni illuminati oħrajn. Pereżempju, minn dan l-aspett naraw li dak li għallem il-Budda – li ġie 500 sena qabel Ġesù – kien l-istess tagħlim li pprietka Ġesù. Ngħidu aħna, fis-Sutra Buddista Dhammapada (10:1), il-Budda jgħid, "Ikkonsidra lill-oħrajn bħalek innifsek," mentri Ġesù jgħid, "Kif tridu li jagħmlulkom in-nies, hekk agħmlu lilhom." Imbagħad fis-Sutra Majjhima Nikaya (21:6), il-Budda jgħid, "Jekk xi ħadd jagħtik daqqa ta' ħarta b'idejh, int għandek tabbanduna kull vendetta" waqt li min-naħa l-oħra, Ġesù jgħid, "Min jagħtik daqqa ta' ħarta fuq ħaddek, dawwarlu l-ieħor." Imbagħad fid-Dhammapada (4:7), il-Budda jgħid, "Tħarsux lejn id-dnubiet ta' ħaddieħor, imma osserva dak li għamilt u x'm'għamiltx int" waqt li Ġesù jgħid, "Min minnkom hu bla dnub jitfa' l-ewwel ġebla," u ħafna tagħlim ieħor li jirrifletti l-istess ħsieb. Tajjeb li nkunu nafu li dal-paraguni huma frazzjoni żgħira ħafna minn dawk li tennew il-Budda u Ġesù b'mod eżatt bħal ta' xulxin; u jekk bniedem ikun interessat jista' jsib dal-paralleliżmu kollu fil-ktieb tiegħi *Il-Filosofija tal-Ispiritwalità Kożmika*, fejn fih dħalt ferm aktar fid-dettall minn dan l-aspett.

**B'xi mod dan hu rumanz li jistedinna nwarrbu dak kollu li hu superfiċjali u żejjed biex fl-aħħar naraw il-veru Dawl. Għaliex, u x'inhu dan?**

Minn dan l-aspett naraw li sa minn elfejn sena ilu, u allura sa minn dak iż-żmien meta l-Għerf jew id-Dawl beda jiġi mwarrab biex jagħmel spazju għar-reliġjonijiet tal-Kollettiv, il-Bniedem waqa' fi dlam ta' injoranza spiritwali ferm akut; mhux għax l-umanità marret lura minn dan l-aspett, imma għax dawk li wettqu din l-akrobazija perversa riedu li jibqgħu jżommu l-poter fuq in-nies. Dawn il-'linji gwida reliġjużi', madankollu, mhumiex, u qatt ma jistgħu jirriflettu l-għerf li għallmu bih Ulied id-Dawl, proprju għaliex dal-forom ta' reliġjonijiet se ssibhom jaħdmu biss fuq il-livell kunċettwali tal-moħħ, jiġifieri f'dak id-dipartiment psikoloġiku li fih jiffunzjona l-ego illusiv ta' kull esseri uman (Sanskritu, Karmaja-adhyasa). Infatti, kien proprju minħabba f'hekk li l-umanità, speċjalment dik tal-Punent, inħakmet minn psikożi ta' biża' reliġjuż tremend, fosthom permezz tal-invenzjoni tal-infern, li permezz tiegħu, il-massa setgħet tiġi taħt il-kontroll totali ta' dawk li sa mill-bidu ma kellhom qatt grazzja mad-Dawl Divin, proprju għaliex dan tal-aħħar kien se jispiċċa jeħles lill-umanità minn kull forma ta' skjavitù, sew fl-ispirtu kif ukoll fil-qalb, jiġifieri eżatt dak li ried jagħmel Ġesù.

Madankollu, ħafna nies xorta waħda se jibqgħu jaderixxu ma' dat-tip ta' reliġjonijiet, u r-raġuni hija li għalihom ikun biżżejjed li jibqgħu 'jemmnu' dak li ġie dettat lilhom mill-passat. Ftit li xejn tista' tagħmel ma' nies bħal dawn, għax hekk kif tipprova tagħmel dan se jispiċċaw jagħmlulek reżistenza ferm atroċi, mingħajr ma jkunu qed jintebħu, li hija din l-istess reżistenza kontra l-ħelsien interjuri tagħhom – li Ġesù kien jirreferi għalih bħala s-Saltna tas-Smewwiet – li tkun qed tissokta teżawrihom mill-*élan vital* jew mil-*life force* li tinsab ġo fihom stess, b'konsegwenza, li se tibqa' ssibhom dejjem jissupplikaw lil xi 'entità' li jaħsbu li tkun tinsab barra minnhom biex 'issalvahom'.

Min-naħa l-oħra, b'daqshekk ma jfissirx li dal-persuni ma jkunux individwi tajbin; anzi, ħafna minnhom ikunu persuni tajbin ferm. L-ewwel u qabel kollox nixtieq niċċara l-fatt, li m'hemm xejn ħażin li bniedem iħaddan reliġjon. Li jridu jifhmu biss dal-persuni huwa l-fatt, li dan it-tajjeb tagħhom ma jkunx ġej għax ikunu qed isegwu xi forma ta' reliġjon, imma għax ikunu jinsabu f'*level of*

*Consciousness* avvanzat (biex bniedem jifhem tajjeb xi rrid ngħid fuq dar-rigward nistiednu jaqra l-ktieb tiegħi, *Il-Filosofija tal-Moħħ*, jew *Consciousness, The Concept of Mind*). Pereżempju, bniedem jista' jkun illitterat u ma jkun iħaddan ebda forma ta' reliġjon, u madankollu, jista' jkun l-aktar bniedem ġust li hawn fuq din l-art; mentri min-naħa l-oħra, bniedem ieħor jista' jkollu tilja dottorati fit-teoloġija u x'naf jien, imma bħala persuna jkun wieħed diżonest. Dan qed ngħidu biex nissottolinja l-fatt, li mhijiex ir-reliġjon li tagħmel minnek bniedem ġust, imma kemm tkun kapaċi tirbaħ lilek innifsek u ssir bniedem aħjar; trasformazzjoni interjuri, li bil-Grieg oriġinali hi magħrufa bħala *Metanoia*, jiġifieri dik l-istess waħda li tant kien jitkellem fuqha Ġesù, li dan inzerta wkoll it-titlu ta' wieħed mir-rumanzi tiegħi li ktibt f'dawn l-aħħar snin. Huwa dan, il-veru Dawl li bniedem għandu jaspira għalih; Dawl, li ma tista' ssibu mkien jekk mhux ġo fik stess, hekk kif kien jgħallem Ġesù permezz tas-Saltna tas-Smewwiet li tista' ssibha ġo fik biss.

**L-aħħar taqsimiet jieħdu l-għamla ta' rakkont detective fejn tispjega x'seta' seħħ minn Ġesù wara li tniżżel minn fuq is-salib. Mill-ġdid hawn qed timrah f'ilmijiet perikolużi ladarba qed tikxef li hemm veritajiet li ġew imwarrba għal sekli sħaħ. Xi tgħid dwar dan?**

Huwa minnu dak li qed tgħid, u l-fatt li dal-kapitli bnejthom fuq forma ta' rakkont detective kien biex b'hekk stajt ninvolvi lill-qarrej b'mod ferm aktar dirett, peress li dal-kapitli huma kruċjali biex wieħed jifhem sew il-gist kollu tar-rumanz.

Min-naħa l-oħra naraw ukoll li s-soċjetà hija int u jien ilkoll flimkien – tirrikonoxxik, imma b'ebda mod ma tkun trid tarak realizzat lil hinn mill-kanoni tagħha, fosthom lil hinn mir-reliġjon tal-Kollettiv li tirrappreżentaha, proprju għaliex dir-reliġjon tiddependi biss mill-kaos organizzat li joħroġ mill-istess dinamika tal-aġir inkonxju tal-Kollettiv. Tant kemm huwa minnu dan, li r-reliġjon kollettivista tippermettilek kważi kollox – tidneb, tikser il-liġi, u l-kumplament, barra li ssir taf lilek stess, biex b'hekk tħallik inkonxju biżżejjed sabiex b'hekk tkun tista' 'taħfirlek dnubietek' u tikkoreġik meta jkollok bżonn, mingħajr ma tkun qed tintebaħ, li f'dal-proċess tkun spiċċajt taħt il-kontroll totali ta' dawk li ironikament issibhom, li 'qas biss ikollhom il-kontroll tagħhom stess. Iżda kif taf perfettament, dan it-tip ta' kontroll




fuq il-massa jġib miegħu il-poter assolut, u huwa proprju dan biss li jkun jinteressahom dawk li mit-tagħlim pur ta' Ġesù biddluh f'diktat reliġjuż. Għaldaqstant, jekk int tinzerta wieħed minn dawk li ma taqax taħt dal-mudell reliġjuż, għal din l-entità se tiġi awtomatikament ittimbrat bħala 'bniedem perikoluż', u dan għas-sempliċi raġuni għax tkun ġejt *aware* ta' min int verament.

**Dan ix-xogħol ifakkarni f'*The Last Temptation of Christ* ta' Nikos Kazanstakis, u *Il Vangelo Secondo Matteo* ta' Pier Paolo Pasolini. Hemm xi rabta bejn ix-xogħol tiegħek u dawn iż-żewġ xogħlijiet?**

Mill-film ta' Pasolini apprezzajt l-aktar in-Neorealiżmu li adotta fuq stil Cinéma vérité, u allura sa ċertu punt, dal-film joffri ambjentazzjoni ferm aktar rustika u realistika minn dik idealista u romantiċizzata li nsibu ngħidu aħna f'*Jesus of Nazareth* ta' Zeffirelli. Iżda fejn jidħol ir-rumanz tiegħi ma hemm ebda rabta minn dan l-aspett. Madankollu, jekk nieħdu ngħidu aħna *The Last Temptation of Christ*, fih hemm sekwenzi li jistgħu jiġu rikonċiljati pjuttost faċilment mar-rumanz tiegħi. Pereżempju, jekk f'dal-ktieb – jew fil-film li Scorsese

kien adatta fuqu – naraw lil Ġesù jgħaddi minn ħafna tentazzjonijiet, fosthom dawk karnali, fir-rumanz tiegħi, it-tribulazzjonijiet tiegħu kienu fuq livell ferm aktar traxxendentali, b'mod speċjali fejn jidħol il-Lejl Mudlam tar-Ruħ li Ġesù kellu jgħaddi minnu meta kien fid-deżert. Fl-Ispiritwalità Mistika, din l-esperjenza hi magħrufa bħala Dark Night of the Soul; stadju psikiku/spiritwali, fejn fih l-individwu jidħol fi speċi ta' vortiċi psikoloġiku jew f'dipressjoni spiritwali fejn fiha jħossu bħal qisu ġie diżintegrat mill-umanità tiegħu stess; għad li minn din l-esperjenza trawmatika jkun hemm dejjem eżitu pożittiv; anzi, kultant ikun wieħed illuminattiv. Infatti, il-psikjatra u psikologu Pollakk, Kazimierz Dąbrowski (1902-1980), kien semma lil dal-proċess Positive Disintegration; jiġifieri d-diżintegrazzjoni tal-*egoic mind* li nkunu identifikajna ruħna miegħu f'ħajjitna stess, biex b'hekk naslu biex naraw il-vera Natura Eterna tagħna li ma taf b'ebda twelid u mewt; Entità Immortali, li bis-Sanskritu hi magħrufa bħala Paramātmā. Fir-rumanz tiegħi, huwa dan li kiseb Ġesù wara li ġie lura mit-tribulazzjonijiet li għadda minnhom fid-Deżert ta' Khirbet Qumrān.

Imbagħad jekk niftakar sew hemm is-sekwenza fejn jidħol Sawl (ċ. 3-63 wK), li f'dak ta' Kazanstakis, San Pawl jgħid lil Ġesù (wara li ġie salvat mis-salib), li għalkemm ir-reliġjon il-ġdida tiegħu, jiġifieri dik Kattolika li kien ivvinta San Pawl, hija Gidba Kbira, id-dinja kienet se tilqa' u taċċetta l-Gidba tiegħu ferm aktar minn dak li għallem Ġesù verament. Għalkemm storikament dan hu kollu minnu, fir-rumanz tiegħi ġibt provi storiċi kif seħħew verament l-affarijiet; fatti, li jmorru ferm lil hinn minn dir-rappreżentazzjoni artistika.

**Hu interessanti u provokattiv il-fatt li n-nisa setgħu jgħallmu t-Triq u li kienu saħansitra awturi ta' vanġeli (bħal Mari ta' Magadha). Xi tgħid dwar dan?**

L-ewwel u qabel kollox irridu nżommu f'moħħna, li sa minn meta twieldu dar-reliġjonijiet kollettivisti tal-Punent, il-ħsieb, ħafna drabi kien jiġi assoċjat mal-intellett maskil, u dan minħabba kampanja miżoġina feroċi li kienet ilha għaddejja għal dawn l-aħħar elfejn sena sħaħ. Pereżempju, fuq dar-rigward, wieħed mill-akbar Dutturi tal-Knisja Kattolika, Santu Wistin ta' Hippo (354-430) kien qal, "In-nisa m'għandhom b'ebda mod jiġu edukati. Fil-fatt, in-nisa għandhom jiġu segregati għaliex huma l-kawża tal-erezzjoni tal-irġiel qaddisa; u minnha nnifisha, il-mara mhijiex l-immaġni t'Alla."

Dan qed ngħidu biex nurik x'pożizzjoni diżumana kienet tinsab fiha l-mara f'dar-reliġjonijiet miżoġini tal-irġiel. Iżda qabel ma feġġew dal-forom varji ta' psikożi perversi, il-mara kienet ikkunsidrata ferm fid-dinja ta' dak iż-żmien. Pereżempju, in-nisa edukati Indjani kienu sa mill-bidu nett parteċipi fid-dibattiti filosofiċi, sew bħala skulari kif ukoll bħala saċerdotessi tal-Vedas; jiġifieri ta' dawk it-Testi Sagri Indjani li ġew miktuba sekli sħaħ qabel Ġesù, u li Ġesù stess kien saħansitra jikkwotahom anki fil-Vanġeli tat-Testment il-Ġdid, għalkemm ħafna nies m'għandhom ebda ħjiel ta' dan.

Ġo Lixandra tal-Eġittu, min-naħa l-oħra, kien hemm l-istess moviment, fejn f'dil-belt kien hemm fost oħrajn is-sede tal-Kult ta' Isis, li hija l-Omm Universali u r-rappreżentazzjoni tal-Għerf Divin. Iżda hekk kif mar-raba' seklu, il-Knisja Kattolika kompliet tieħu r-riedni f'idejha mal-firxa kollha tal-Kontinent l-Antik, bdiet tara x'tagħmel biex lil Isis u lis-saċerdotessi tagħha teliminahom kompletament, u huwa proprju hawnhekk li r-reliġjon Kattolika li kien ivvinta San Pawl ġietha l-idea li tibdel lil Omm Ġesù ma' Isis il-ġdida bħala r-'Reġina tas-Smewwiet'; tattika, li hija magħrufa bħala Apotheosis, jew id-divinazzjoni ta' figura speċifika bħalma r-reliġjon Kattolika kienet wettqet l-istess proċess bejn il-Mit ta' Mithra u l-figura storika ta' Ġesù, kif spjegajt tajjeb f'dan ir-rumanz.

Għaliex qed ngħid dan kollu? Għax sa mill-ewwel żminijiet, l-Għerf kien sa minn dejjem jiġi ppersegwitat mir-reliġjonijiet miżoġini tal-irġiel, u ħafna drabi, dan kien jgħaddi permezz ta' nisa straordinarji li kienu jgħallmu t-Triq jew l-Ispiritwalità Kożmika f'kull era u żmien, fosthom Mari ta' Magadha. Infatti kien hawnhekk, ġewwa Lixandra, li l-Ebjoniti, jew is-segwaċi oriġinali ta' Ġesù, bdew jiktbu trattat ieħor biex it-tagħlim tat-Triq ma jintilifx (Sanskritu, Rahasya, jew Misteru Sigriet); trattat, li kien ibbażat fuq dak ta' Mari, u li eventwalment kienu semmewh il-Vanġelu tal-Ebjoniti, li llum, tiegħu, fadal biss frammenti żgħar. Dan kien dovut għax flimkien mal-Vanġeli Njostiċi l-oħra fosthom dawk ta' Mari u ta' Tumas, il-Knisja Kattolika spiċċat biex qerdithom minn fuq wiċċ l-art, hekk kif irnexxielha teqred għall-istess motiv lil-Librerija ta' Lixandra li fiha kien studja aktarx Ġesù, li

seħħet fis-sena 391; u fejn ma setgħetx teqred għalkollox xi wħud minn dal-manuskritti, rat kif għamlet biex tiċċensurahom jew timmanipulahom, bħalma ġara fil-każ ta' Mari, fejn aktar tard, din bdiet tiġi identifikata mal-mara midinba li nsibu f'Luqa 7:37-50, jiġifieri dik li kienet dilket saqajn Ġesù. Dir-reputazzjoni negattiva ta' Mari, madankollu, ma kinitx ġejja mill-Vanġeli oriġinali, imma minn digriet li Papa Gregorju l-Kbir (540-604) kien għamel waqt omelija speċifika fejn fiha Mari jew Marija ta' Magadha ġiet mibdula fi prostituta. Infatti, kellhom jgħaddu 1,387 sena, fis-sena 1960, li l-Knisja Kattolika 'irranġat' dan l-iżball, u naturalment, dan għamlitu biss għax kienet inqabdet fil-fatt u ġiet daharha mal-ħajt.

**Fl-aħħar parti ta' dan ir-rakkont tikkonċentra iktar fuq il-passi ta' Mari ta' Magadha wara li Ġesù, salvat mill-mewt, joħroġ mix-xena. Għaliex dan?**

Għax simbolikament ridt inwassal il-messaġġ, li l-epoka reliġjuża u miżoġina ta' Pisces issa għaddiet ukoll, u minflokha qed tidħol bil-mod il-mod dik spiritwali/femminili ta' Aquarius, rappreżentata b'Mari b'mod speċjali fl-aħħar parti ta' dan ir-rumanz.

L-Epoka ta' Pisces (ċ. 10 qK - 2050 wK) kienet l-epoka tar-reliġjon miżoġina tal-Kollettiv, fejn fost oħrajn welldet lill-Kristjaniżmu Ellenist li kien ivvinta San Pawl, li permezz tagħha seta' jiġi garantit il-poter fuq il-Kollettiv. Iżd'issa ninsabu f'mument ta' tranżizzjoni ferm interessanti għall-umanità, fejn fost oħrajn, din l-era ġdida t'Aquarius (ċ. 2050-4000) sejra ġġib magħha t-tmiem tas-superstizzjonijiet reliġjużi kollha tal-passat, fejn eventwalment, dan id-dlam reliġjuż – li huwa dak l-istess dell fl-inkonxju li kien semma l-psikjatra Żvizzeru Carl G. Jung (1875-1961) – se jinbidel f'epoka ta' illuminazzjoni fost ħafna ġnus.

Infatti, f'wieħed mix-xogħlijiet tiegħu fuq dar-rigward, Jung kien qal li l-Konoxxenza tal-bniedem tirrifletti l-bilanċ tal-erba' elementi prinċipali li jinsabu ġewwa fih, li huma l-ġisem, il-menti, l-ispirtu, u r-ruħ, fejn dawn jistgħu jipparteċipaw b'mod bilanċjat f'armonija sħiħa f'ħajjet dak li jkun. Iżda sfortunatament, dan kien pass li mar wisq lil hinn minn kemm suppost kellu jmur, u r-riżultat ħareġ ħafna drabi f'aberrazzjonijiet psikoloġiċi u nevrotiċi li l-'mediċina' għalihom kienet ir-reliġjon tal-Kollettiv. Minn dan l-aspett, Jung kien ikkonkluda li meta jkun hemm dan l-iżbilanċ psikofiżiku, jispiċċa joħroġ fina dak id-dell fl-inkonxju li permezz tiegħu jibdew jimmanifestaw l-ewwel sintomi nevrotiċi li jkomplu jitilfu l-identità proprja tal-Jien Elevat, deskritt ukoll bħala l-Għalliem Interjuri tal-esseri uman (Grieg, Daimōn). Dal-mekkaniżmu nevrotiku, il-Bniedem kellu jwettqu għaliex tul dawn l-aħħar 2000 sena (circa) ġie mmexxi mhux mill-Ispirtu/Konoxxenza personali tiegħu, jew inkella minn dik il-Qalb Spiritwali li kien tkellem fuqha l-filosfu Franċiż, Jean-Jacques Rousseau (1712-1778), imma minn reliġjonijiet kollettivisti li kienu dejjem antagonisti lejn l-iżvilupp fil-Konoxxenza personali tal-esseri uman.

Iżda issa, li bil-mod il-mod deħlin fl-Era t'Aquarius u allura fl-Era tal-Illuminazzjoni, il-Bniedem se jidħol fi stadju fejn fih se jibda jelimina lil din l-istess dissonanza nevrotika minn ġewwa fih, u bħala eżitu, se jkompli jiskopri aktar min hu verament; għarfien, li l-psikologu Amerikan Abraham Maslow (1908-1970) kien iddeskrivieh bħala B-cognition. Il-'B' li Maslow kien qed jirreferi għaliha tfisser 'Being', jiġifieri l-għarfien li jkun laħaq individwu f'sinkronija miegħu innifsu u mal-bqija tal-Ħolqien (Sanskritu, Tatsamāveśalakşaņam). Għaldaqstant, aktar kemm bniedem se jibda jsir jaf lilu nnifsu minn dan l-aspett, se jibda jsir aktar 'in-dividwali' (Sanskritu, amrita-yana); Għarfien Interjuri jew Aparōkşa Jñāna, li permezz tiegħu se jwasslu biex jikseb ġewwa fih l-Istat Illuminattiv jew is-Saltna tas-Smewwiet li tant kien jitkellem fuqha Ġesù; fattur, li għamiltu espliċitu ferm f'dan ir-rumanz, biex b'hekk, kulħadd ikun jista' jifhmu faċilment.








## IL-PONT JINTERVISTA LILL-POETESSA TALJANA ELIANA STENDARDO

**Qual è il suo mestiere/la sua professione?**

Pur lavorando come amministrativa in un Dipartimento universitario, se dovessi definirmi direi che sono una organizzatrice di eventi che è, di fatto, il lavoro che ho svolto con impegno e passione per gran parte della mia vita professionale. Nata come interprete e traduttrice, mi sono poi occupata di organizzazione congressuale; in seguito, ho lavorato per circa quindici anni al Rettorato dell'Università degli Studi di Napoli Federico II, dove ho avuto l'opportunità di seguire un corso di Esperto in Protocollo e Cerimoniale della Presidenza del Consiglio dei Ministri presso la Scuola Nazionale di Amministrazione e, soprattutto, di far parte del team incaricato di organizzare gli eventi istituzionali dell'Ateneo, alla presenza delle massime autorità dello Stato e della cultura.

Sono tra i soci fondatori di Amartea, Associazione che si occupa di eventi di promozione culturale; tra le affiliazioni recenti ricordo l'Associazione Culturale Giuseppe Gioachino Belli (2018, Roma), l'Associazione Amici della Grande Russia, e il Salotto Letterario Tevere (2019, Roma).

**Luogo di nascita, e luogo dove abiti nel presente? Il bello e il brutto di tali luoghi?**

Sono nata e vivo a Napoli, in Italia, città che non abbandonerei per nessuna al mondo. Chiedere a un napoletano di descrivere Napoli significa andare a toccare il suo cuore. Napoli ha una lingua ufficiale, il napoletano, e una sua cultura. Innumerevoli gli scrittori, i musicisti, i filosofi, gli scienziati, gli artisti di scuola napoletana. Questa città, densa di contrasti, non è una cartolina, né un raffinato affresco da ammirare a distanza; è piuttosto una guache composta da una infinita serie di minuscoli dettagli tutti da scoprire. Per comprendere Napoli bisogna accantonare i cliché – a volte poetici, a volte terribili – che la connotano nell'immaginario collettivo, in Italia come all'estero.

Malgrado il pesante retaggio di una storia secolare che ha penalizzato l'intero Mezzogiorno d'Italia nel suo sviluppo economico e industriale, Napoli ha sempre saputo risollevare le proprie sorti, non senza grandi sacrifici per la sua popolazione. Antica e moderna allo stesso tempo, per l'immenso patrimonio storico, culturale, artistico e naturale, per la ricchezza dell'offerta turistica e per le eccellenze che vanta in quasi ogni ambito imprenditoriale e scientifico, questa straordinaria città meriterebbe il titolo di capitale culturale d'Italia. Tra il mito universalmente conosciuto e il mistero da svelare, c'è la città viva con tutto il suo fervore, la sete di crescere e fiorire.

**Da dove nascono le tue poesie?**

Scrivere, in prosa o in versi, è innanzitutto un'esperienza personale con indiscusso valore catartico. Non so mai quando scriverò una poesia e perché; la scrittura è per me rifugio ed evasione, il ritrovarmi con me stessa in un tempo sospeso. I temi e le immagini dei miei versi prendono vita da un moto interiore, dalla memoria con le sue diverse narrazioni prospettiche, dalla dimensione onirica, o ancora da una personale percezione del mondo circostante.

Più della scrittura in prosa, la poesia rappresenta una sfida che affronto con grande cautela e umiltà; impugno la penna con la necessaria consapevolezza che ogni sfumatura impone ancora maggior cura per scelta lessicale e stilistica.

La condivisione, ovvero il passaggio da una dimensione interiore e intima al dialogo con l'altro, il lettore, appunto, rappresenta per il poeta un atto di responsabilità e, al contempo di coraggio. Responsabilità nel trasferire un messaggio che possa

essere apprezzato, per valore estetico e contenutistico; coraggio nel mettere a nudo la propria anima, cosa che nessun poeta può esimersi dal fare.

**Perchè scrivere la poesia?**

La poesia è una forma d'arte che merita di sopravvivere all'essenzialità della comunicazione moderna. Non bisogna pensare alla poesia come espressione letteraria d'élite o, peggio, superata. La poca attenzione che la società contemporanea presta alla poesia è una grave responsabilità delle nostre generazioni nei confronti dei più giovani, e sono convinta che la poesia possa conquistarsi spazi maggiori, uscire dalla nicchia dove viene troppo spesso relegata. L'esperienza poetica può essere proposta come corale, entusiasmante, e non necessariamente solitaria e noiosa, affinché non perda ulteriore respiro e attrattività per le nuove generazioni.

Ritengo che scrivere poesie favorisca una continua evoluzione personale poiché richiede non solo un preliminare e indispensabile lavoro di scavo nel profondo dell'io scrittore, ma soprattutto pretende ricerca e studio, anche quando risponde a un'urgenza dell'animo.

**Quali sono i temi principali trattati?**

Dall'intimismo al sociale, dall'essere umano agli elementi della natura, dalla scienza al pensiero romantico… Le mie poesie sono la trasposizione scritta del vissuto o del percepito, pertanto i temi e le immagini variano, così come lo stile, in armonia con i contenuti.

Spesso nei miei scritti il corpo umano funge da elemento conduttore di sensazioni, dall'interno verso l'esterno e viceversa; anche la natura torna di frequente, per la sua forza evocativa e metaforica. Altro tema che sento fortemente, è l'incedere del tempo e il ruolo del Caso. Mi affascina la sincronicità, sono attratta dal disegno del destino, che si dipana nel quotidiano in modi misteriosi, per svelarsi con i suoi paradossi in colpi di scena inattesi. L'intima, tranquilla, umile sincerità evocata da Rainer M. Rilke (1929, *Lettere a un giovane poeta*) è lo stile comunicativo che prediligo e che – almeno in questa fase della mia vita artistica – più mi




rappresenta.

**Alcuni dei suoi libri pubblicati preferiti? Di cosa trattano**

Le mie poesie sono state incluse in diverse antologie, e solo dopo molti anni ho vinto la mia innata timidezza pubblicando una raccolta dal titolo *Il mio grido non ha eco* (2020, Vitale ed., Sanremo), ritratto di copertina del M° Erminio Staffieri.

Questa piccola raccolta è un viaggio nello spazio e nel tempo del mio percorso personale; include, infatti, alcuni lavori scritti diversi anni fa, e altri più recenti.

Apre il volume 'Sono albero a novembre', premiata nel 2019 al Campidoglio, a Roma, con il Premio Internazionale Puskin, Sez. Poesia singola.

Seguono altre poesie di taglio intimistico. Ricordo 'Passi' e 'Run baby, run', nelle quali la fatica del cammino assurge a metafora dell'avanzare della vita e nella vita; anche ne 'Il deposito dei sogni morti di stenti', tratta da un'immagine donatami dal M°

Domenico Altei e alla sua memoria dedicata, il protagonista deposita nelle proprie orme, impresse nella dimensione eterna del passato, i sogni svaniti per sempre.

Chiudono la raccolta '2020' e 'Il giorno verrà' - entrambe riferite al drammatico periodo che l'umanità sta vivendo a causa della pandemia da Covid-19 - lasciando comunque al lettore uno spiraglio di speranza.

Sto lavorando al mio primo volume di racconti, nel quale inserirò alcune brevi poesie a scandire le diverse sezioni narrative.

**Il poeta come cittadino cosmopolita. Cosa ne pensi?**

Sono napoletana, eppure, nel profondo mi sento cittadina del mondo. In questo nostro sofferente pianeta, non c'è luogo che non ci appartenga e al quale a nostra volta non apparteniamo, per quanto lontano fisicamente da noi. Non c'è bellezza, che non sia patrimonio dell'umanità, intesa non come vago ente, ma come unione di individui. Non c'è delitto, in nessuna parte del globo, per il quale possiamo sentirci del tutto assolti. Abbiamo tutti il diritto di vivere con eguale dignità nel rispetto della natura e delle sue risorse. Lo stesso rispetto si deve, a mio avviso, a ogni essere umano, senza distinzione di etnia, religione, condizione sociale.

Sono convinta che il linguaggio poetico sia universale e unificante, e il poeta non può escludere dal proprio pensiero l'alterità, non può chiudersi alla bellezza e alla ricchezza culturale che la diversità può offrire. L'incontro e lo scambio interculturale contiene in sé un potenziale enorme, ed è a mio avviso, la sola possibilità di sopravvivenza e riscatto per l'intera umanità.

Il poeta cosmopolita è colui che accoglie nei suoi versi l'arcobaleno di colori che il mondo ci dona, ed è il solo poeta possibile.

**2020**

Attraverso la tempesta di sabbia
Che morde, che graffia
Camminiamo cantando
Inni e lodi vane
Lui-è -qui
C'è Lui
C'è Giuda
E noi soli senza splendore
Soli con un cane
Inni cantiamo
Alla terra arsa, riarsa, risorta, rimorta
Sabbia che sfianca occhi
E serrate labbra
Lui è tra noi
Invisibile, udibile
Rantolo di sirena
Tempesta su di noi
Sui germogli che prendono vita e
Pretendono gloria
Sabbia ardente di fuoco amico
Di fuoco amore
Sberleffo ai senti-menti
Dietro maschere necessarie
E maschere opportune.
Uomo, sei tu Giuda.
La sabbia ti seppellisce in un lamento sordo
Senza coscienza di sé

**ALL'ANGOLO**

Al vento
lo sforzo del vivere,
al mare
la fatica di un amore,
alla terra
i sorrisi perduti…

Le cicatrici
non sono
ornamento di gloria
ma trionfo di anni
sconfitti
e monito per gli illusi.

La guerra è perduta ormai.
All'angolo, rifugio e resa.
Attesa di ciò che verrà.

**ELIANA STENDARDO**

**IX-XAHAR TA' ĠUNJU JFAKKAR IL-MEMORJA TA' ŻEWĠ PRESIDENTI ONORARJI TAL-GĦAQDA POETI MALTIN. IL-PONT JINTERVISTA LIL ALFRED MASSA, PRESIDENT ONORARJU IEĦOR FL-OKKAŻJONI TA' DAN L-ANNIVERSARJU**

**Ġunju (l-24 jum) huwa x-xahar li jfakkar il-mewt ta' żewġ personalitajiet importanti f'rabta mal-istorja tal-Għaqda Poeti Maltin: Mons. Amante Buontempo u Charles Magro. It-tnejn kienu wkoll Presidenti tal-istess għaqda. Xi tgħid dwar dan u x'tifkiriet għandek tagħhom?**

Nibda biex ngħid li t-tifkiriet li għandi ta' dawn iż-żewġ persuni huma għeżież ħafna għalija. Iżda huma wkoll differenti.

Ibda biex il-familja tiegħi min-naħa tal-mara kellha rabtiet familjari mal-familja Buontempo peress li Ġuża, oħt il-Monsinjur, għamlet żmien għarusa liz-ziju tal-mara. Sfortunatament dan kien miet fil-Gwerra. Għalhekk, mhux l-ewwel darba li kont immur mal-mara nżur il-familja Buontempo fi Triq San Pawl, il-Belt. In-nisa ġeneralment kienu jinqatgħu għalihom u jiena u l-Monsinjur (dak iż-żmien kien għadu biss kanonku tal-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu) konna mmorru f'kamra oħra u kliemna kien ikun ħafna drabi dwar il-letteratura, speċjalment dwar il-poeżija.

Għalhekk, meta darba Mons. Buontempo ċempilli u talabni mmur inżuru ma bsartx x'kellu f'moħħu. Jien mal-ewwel ċans li sibt mort. Hawn ta' min jgħid li sa ftit qabel f'pajjiżna kellna Għaqda tal-Poeżija bl-isem Malta Poetry Society li kienet immexxija mill-British Council (Malta). Kienu anki jġibu poeti barranin, l-aktar Ingliżi, biex jitkellmu dwar il-poeżija inġenerali. Iżda kif dejjem ġara din l-Għaqda sfumat fix-xejn u l-vojt tagħha ta fastdju lill-Monsinjur.

Talabni kontx naqbel mal-idea li ġietu, li nwaqqfu Għaqda ġdida tal-poeżija bl-isem Għaqda Poeti Maltin. Jien mhux biss qbilt miegħu, imma wegħedtu l-għajnuna kollha tiegħi. Dak iż-żmien kont editur letterarju tal-ġurnal "Il-Ħajja".

Bdejna naħdmu biex insibu n-nies. Bil-mod il-mod irnexxielna u f'Diċembru 1975 l-Għaqda saret realtà.



**Mons. Amante Buontempo**

Għamilna Statut proviżorju, sejjaħna lil dawk li wrew ix-xewqa li jissieħbu magħna u fil-laqgħa li saret fi Triq San Pawl, il-Belt quddiem il-knisja parrokkjali għaddejna l-iStatut b'xi emendi. Dak kien l-ewwel pass u biż-żmien beda dejjem jikber.

L-ewwel President kien Mons. Amante Buontempo u Segretarju ċertu Frans Xuereb minn Birkirkara. Kaxxier kien Mario F. Bezzina. Viċi President inħatar Dr V.M. Pellegrini u Viċi Segretarja s-Sinjorina Maria Pisani. Jien kont bqajt barra minn dak il-Kumitat; iżda dħalt is-sena ta' wara fil-kariga ta' Viċi President.

Rigward il-ħbiberija tiegħi ma' Charles Magro din twieldet fl-iskejjel fejn konna ngħallmu flimkien: jien il-Malti u hu t-Taljan. Meta sirt nafu sewwa, għaraft kemm kien bniedem serju, responsabbli, tal-affari tiegħu u ħawtiel; fl-istess waqt ħajjartu jissieħeb magħna. Sadattant, konna spiċċajna bla Segretarju, peress li kien telaq mill-kariga Philip P. Borg u lil Charles bi ftehim ma' Mons. Buontempo ħajjarnieh jidħol f'dik il-kariga li aċċetta u baqa' jżommha sakemm ħa posti bħala President, meta kelli nirreżenja minħabba saħħti.



Charles Magro M.O.M.

B'hekk il-ħbiberija u x-xogħol fejjiedi li wettaqna flmkien mal-membri tal-Kumitati futuri beda jħalli l-frott.

**L-Għaqda Poeti Maltin twaqqfet fl-1975 u għal snin twal organizzat inizjattivi differenti biex ixxerred l-interess u l-imħabba lejn il-Poeżija. X'kienu dawn l-inizjattivi? Ma' min kontu tikkollaboraw bħala Għaqda?**

Bdejna norganizzaw l-ewwel attivitajiet fi Triq San Pawl, il-Belt, fejn dak iż-żmien kien hemm il-Bank APS. Konna ntellgħu kull xahar Lejla ta' Nbid u Poeżija. Kien hemm min ikkritikana u pprova jirridikulana għax mal-qari tal-poeżija konna ndaħħlu l-pastizzi, xi biċċa pizza u l-inbid. Imma n-nies bdiet tiġi u dejjem tiżdied. Numru ta' poeti żgħażagħ sabu sfog fejn setgħu jaqraw xogħlijiethom u ħassewhom kuntenti.

L-Għaqda ma dametx ma bdiet turi li kienet qed tieħu r-ruħ. Minn Triq San Pawl morna fi Triq id-Dejqa, l-Belt. Ġejna mistiedna mill-propjetarju ta' ħanut (bar) u mxejna fuq l-istess ideat ta' qabel. Anzi, wara ftit biex niġbdu anki turisti u barranin residenti f'Malta bdejna naċċettaw anki poeżiji b'ilsna differenti. Ġieli ġew barranin, Ingliżi b'mod speċjali u qraw vrushom. Sid il-ħanut mar tajjeb ukoll għax konna nixtru xi tazza nbib jew luminata mingħandu u xi ħlewwiet.

Konna wasalna fi stat meta ntbaħna li dak il-lokal kien sar ċkejken għalina. Niftakar f'laqgħa tal-Kumitat jien kont ippoponejt li noħorġu mill-Belt. Għall-ewwel kien hemm min ma qabelx, iżda meta ħadt l-Għaqda f'idejja dak kien l-ewwel pass li wettaqt. Illum kulmin hu midħla tal-Poeżija u segwiena jaf li ġrejna f'diversi postijiet kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex.

Sadattant, bdejna nippubblikaw l-Antoloġiji. L-ewwel waħda kienet bl-Ingliż bl-isem *A Poetic Galaxy* (1983). Biex infakkru l-10 snin mit-twaqqif tal-Għaqda ppubblikajna *Diwi fl-Ispazju* (1985) u f'għeluq il-25 sena ħriġna l-Antoloġija *Riflessi Fiddiena*. Imbagħad biex infakkru d-dħul ta' pajjiżna fl-Unjoni Ewropea ppubblikajna *Arkadja* (2004) bi tliet lingwi u ppreżentajnieha lill-Ambaxxturi Ewropej f'pajjiżna u lill-President ta' Malta. L-istess għamilna meta żarna l-Q.T. l-Papa Ġwanni Pawlu II fl-1990: ħriġna l-Antoloġija *Il-Papa fi Ħsieb il-Poeti Maltin*. L-aħħar pubblikazzjoni kienet l-Antoloġija *Raddiena ta' Lwien* (2015) biex infakkru 40 sena mit-twelid tal-Għaqda.

Dwar il-kollaborazzjoni li semmejtli fit-tieni mistoqsija, ngħidlek li rari sibnieha. Biex na ngħidx li ġieli sibna minflok bsaten fir-roti u twarrib fil-ġenb bil-għan li l-Għaqda titlef mill-importanza - biex ma ngħidx l-eżistenza - tagħha. U dan minn min suppost kien jippriedka l-għaqda fost il-kittieba kollha Maltin! Tant hu hekk, li l-Għaqda Poeti Maltin tħalliet barra għal kollox mill-ktieb *l-Istorja tal-Poeżija Maltija* (PIN, 2001). Skont ma kien qalli l-awtur innisu, dan kien sar bi svista!!

**Int President Onorarju tal-Għaqda Poeti Maltin. Ilħaqt waqtiet sbieħ, imma anki waqtiet ta' diqa f'rabta ma' din l-Għaqda. Xi tgħidli dwar dan?**

Fil-ħajja ma jeżistux biss waqtiet sbieħ jew koroh, imma jeżistu t-tnejn. Jekk insemmi l-waqtiet "sbieħ" tal-Għaqda ma nistax ma nsemmix il-manifestazzjonijiet li saru f'pajjiżna fit-tmeninijiet fil-preżenza tal-President tar-Repubblika ġewwa l-Palazz, il-Belt. Qed nirreferi għall-Premio Città di Valletta li konna organizzajna diversi drabi ma' żewġ Għaqdiet kulturali Taljani.

F'dan il-Premio l-Għaqda kellha d-dritt tagħżel persuni Maltin biex jingħataw il-ġieħ għall-ħidma tagħhom b'risq l-arti inġenerali. Għalhekk, konna nagħżlu persuni ġejjin minn fergħat differenti tal-arti. Fost il-persuni li ngħataw dan ir-rikonoxximent insemmi lill-Prof. Ġużè Aquilina, lill-Prof. Oliver Friggieri, lill-Kav. Rafel Bonnici Calì, Ġużè Chetcuti,

Maria Pisani, l-Imħallef Eduardo Magri, Pawlu Axiaq, Dr Joseph Calleja, Mro Joe Vella, Francis Ebejer, Ġużè Cassar Pullicino, Dun Frans Camilleri u oħrajn.

Irrid ngħid li numru ta' poeti mseħbin fl-Għ.P.M. kellhom iċ-ċans li jsiefru l-Italja bħala ospiti taż-żewġ Għaqdiet Kulturali Taljani li kienu jorganizzaw magħna l-Premio Città di Valletta. Morna żewġ gruppi u konna alloġġjati ġewwa Rivachiara, provinċja ta' Catanzaro. Hemm konna tellajna anki Manifestazzjoni Poetika fil-pjazza ewlenija tal-belt ta' Paola fejn qrajna poeżiji bit-Taljan u bil-Malti. Naturalment għall-versi tagħna saru kelmtejn ta' introduzzjoni bit-Taljan minn Mons. Buontempo.

Ma nistax ma nsemmix ir-rivista "Versi". Wellidha Dr Karmenu Mallia fl-1986 u aktar tard għaddiet f'idejn l-Għaqda Poeti Maltin. Rivista li daħlet saħansitra fl-iskejjel sekondarji statali u privati u saret popolari u mfittxija ħafna minn dawk kollha ħbieb tal-Poeżija. Fiha kienu jiktbu poeti Maltin u anki barranin. L-aħħar ħarġa ta' "Versi" ħarġet fl-2015.

Fl-aħħarnett, nixtieq nirreferi għal dak li għedt aktar 'il fuq, jiġifieri l-Lejliet ta' Poeżija li l-Għaqda Poeti Maltin organizzat f'diversi bliet u rħula kemm Maltin kif ukoll Għawdxin fejn l-attendenzi kienu dejjem sodisfaċenti. Il-poplu tal-gżejjer tagħna beda jifhem u japprezza aktar is-siwi tal-Poeżija.

Dan intwera wkoll fin-numru ta' Parteċipanti li kienu jieħdu sehem fil-Konkors li l-Għaqda kienet torganizza kull sena. Bdiet b'Konkors għall-kbar. Wara beda jsir il-Konkors għat-tfal. Aktar tard dan il-Konkors fetaħ il-bibien għal tliet lingwi: Malti, Ingliż u Taljan.

Kien hemm attivitajiet oħra li l-Għaqda Poeti Maltin organizzat matul is-snin meta kienet fl-aqwa tagħha. U l-apprezzament beda jiżdied. Insemmi b'eżempju meta jiena bħala President ġejt mistieden biex nagħmel id-diskors ewlieni quddiem il-Monument tal-Poeta Nazzjonali tagħna f'Jum Dun Karm.

Imma naħseb l-isbaħ mument li kellha l-Għaqda kien meta ġiet rikonoxxuta mill-aqwa poeti lokal ta' dak iż-żmien waqt ċerimonja li saret is-sala ewlenija tas-Soċjetà tal-Arti Manifattura u Kumment, fil-Belt Valletta. F'dik iċ-ċerimonja nħatru bħala Membri Onorarji l-poeti Karmenu Vassallo, Ġorġ Pisani, Ġużè



Alfred Massa

Chetcuti, Patri Wistin Born OP, l-Imħallef Dr Wallace Ph. Gulia, il-Prof. Ġużè Aquilina, u n-Nutar V.M. Pellegrini. Aktar tard kienu żdiedu Dr Karmenu Mallia, Peter A. Caruana u Alfred Palma.

Rigward il-waqtiet ta' diqa ftit li xejn hemm x'nista' nżid ma' dak li għedt. Il-Kumitat ħadha bi kbira meta l-Għaqda ġieli ngħatat il-ġenb, bħal meta tħalliet barra mill-ktieb dwar l-Istorja tal-Poeżija Maltija.

**L-Għaqda Poeti Maltin hija wkoll magħmula minn dawk kollha li kienu jagħmlu parti minnha u taw kontributi varji matul ħajjithom. Għandi f'moħħi l-memorja ta' membri u poeti bħal Toni Caruana, Peter A. Caruana, Godwin Cini, Lino Grech, Mario F. Bezzina u bosta oħrajn li bħalissa m'iniex niftakar. Xi tgħid dwar dan?**

L-Għaqda Poeti Maltin fehmet tajjeb li kellha tiftaħ il-bibien tagħha mhux biss għal dawk il-poeti ġa stabbiliti, imma anki għal dawk li nisġu vrushom u għax forsi ma ġewx rikonoxxuti mill-*intelligentia* tal-Poeżija lokali sfaw imwarrbin. Titwila lejn l-ismijiet li semmejtli hija xhieda ta' dan. Għalkemm poeti bħal Peter A. Caruana u Mario F. Bezzina kienu ġa stagħnew il-Poeżija Maltija bi vrushom, oħrajn meta



Waqt serata ddedikata lill-Prof. Oliver Friggieri fl-2013

sabu l-kuraġġ fl-Għaqda komplew jaqdfu 'il quddiem.

Fuq kollox, mhix ħaġa faċli tagħti ġudizzju fuq vrus u tittimbrahom jekk humiex "poeżija" jew le!

**Kemm hi importanti l-Poeżija fis-soċjetà tal-lum? Taħseb li l-bniedem f'dawn iż-żminijiet ta' pandemija u *lockdown* jista' jiskopri xi elementi li jistgħu jgħinuh fiha?**

Is-siwi tal-Poeżija jmur lura ħafna snin. Sa minn żmien il-Griegi. Dan għax skont il-kritiku Ingliż Matthew Arnold (1822-1888) il-Poeżija "offers man serenity." U forsi mhux għal din it-tip ta' ħajja jiġġieled kull bniedem! X'hawn isbaħ madwarna mill-paċi tal-moħħ u tal-qalb? Dan qegħdin inħossuh fi żmienna waqt li għaddejjin minn din il-pandemija indimonjata.

Mhux ta' b'xejn allura tinħass fis-soċjetà l-ħtieġa tal-Poeżija; u biex ikollna l-Poeżija jrid ikollna min jinsiġha. Hawn jidħol l-apprezzament li l-bniedem għandu jkollu lejn il-Poeta, li bosta jqisuh bħala Leħen is-soċjetà kontemporanja. Araw ftit x'qalet darba Nilde Iotti li għamlet żmien Speaker tal-Parlament Taljan lill-ġurnalist Antonio Lombardo ('Sorrisi e Canzone': 8-14/2/ 1981): "Ho sempre amato di più i poeti che gli eroi. Anche se molte volte i poeti sono allo stesso tempo eroi."

Min-naħa l-oħra, il-ħtieġa tal-Poeżija tant hi kbira u essenzjali għall-bniedem li l-Prof. Oliver Friggieri (1947 - 2020) wara li jistqarr li "il-Poeżija hi kollox għalija", jissokta jsejjaħ lil Alla essenzjalment poeta!

Ir-rispett lejn il-poeta hu msejjes fuq il-fatt għax skont il-qawl Ċiniż, dejjem jikteb il-verità. B'hekk, ġibed u għadu jiġbed lejh il-fiduċja tal-qarrej/ semmiegħ.

Il-pandemija li għaddejjin minnha bħalissa hi okkażjoni fejn il-bniedem jista' jidħol daħla fih innifsu u jgħarbel ftit ħajtu. Dan jista' jagħmlu wkoll il-poeta, li żgur isib diversi elementi u temi li jimbuttawh biex jikteb dwarhom. Fil-fatt, dan qed iseħħ mhux biss f'pajjiżna, imma anki barra minn xtutna.

**X'qed tikteb f'dawn iż-żminijiet?**

Ftit li xejn. Iċ-ċirkostanzi li ninsab fihom u li inti tafhom tajjeb rari joffruli spazju biex inħaddem il-pinna tiegħi. Xi drabi ngħaddi ż-żmien inqalleb, infittex fil-kxaxen u jirnexxili nsib kitbiet tal-passat. Uħud nirranġahom xi ftit, oħrajn inħallihom b'daqsxejn ta' pinzellata ċkejkna għal dehra aħjar.

Imma għandi materjal li qed jistenna l-pubblikazzjoni. Kollox f'waqtu. U dak il-waqt ċertament mhux dejjem f'idejja. Battuta favur twemmini dwar id-destin?

**Messaġġ tiegħek lill-qarrejja tar-rivista IL-PONT**

L-ewwel u qabel kollox appell għal ringrazzjament lilek li rnexxielek tippubblika regolarment IL-PONT, rivista virtwali li mliet vojt ta' rivista stampata bħalma kienet "Versi". Veru li hemm rivisti oħra bħal "Il-Malti" u "Leħen il-Malti". Imma bir-rispett kollu semmejt "Versi" għax IL-PONT hu miftuħ bħalma kienet "Versi" għal kull kittieb bla ebda ċensura jew għażla partikolari.

Dan l-appell tiegħi lill-qarrejja ħiereġ minn qalbi għax naf kemm inti bħala editur tieħu l-affarijiet bis-serjetà u bla ma tħares lejn wiċċ ħadd. Nappella però lill-qarrejja li qabel jibagħtu xogħlijiethom ikunu żguri mil-livell letterarju tagħhom biex ir-rispett li IL-PONT igawdi ma jintilefx.

L-aħħar kelma mingħandi, Patrick. Prosit! Kuraġġ u kompli ibni dak li bdejt.

## META KONT TRID TIFFOLLA

**Kitba ta' Joe Axiaq (mill-Awstralja)**

Il-kelma 'tiffolla' hija l-verb tan-nom 'folla', għadd ta' nies miġbura flimkien, b'mod diżorganizzat bi ftit li xejn spazju fejn titħarrek, u ħafna drabi jkun hemm min jimbotta. Kienet kelma tintuża ħafna fi tfuliti, fejn kju ma kienx jeżisti u f'xi okkażjonijiet biex tinqeda kien ikollok tiffolla jew tibqa' l-art.

Meta ommi kienet tibgħatni għall-ħobż mill-forn taz-ziju Ġużepp, kienet tgħidli biex ma noqgħodx lura u niffolla, għax inkella nibqgħu bla ħobż. Kienet il-qatla tiegħi bl-ixkora tal-ħobż f'idejja nistenna qabel jiftaħ il-forn, jew fl-entratura, qabel joħroġ il-ħobż, nistenna ma' għadd ta' nisa u tfal lesti biex jaqbżu jiffullaw fuq xulxin, hekk kif jiftaħ il-forn u z-ziju Ġużepp jibda joħroġ il-ħobż fuq il-pala twila. U 'Mija' kif konna nafu lil Marija, il-mara twajba, li kienet tmur tagħti daqqa t'id fil-form, bil-kemm tidher, fil-qalba tan-nies tgħajjat biex ma jimbuttawx waqt li titfa' l-ħobż minn fuq il-bank fl-ixkora ta' dik u l-oħra.

Kont trid tiffolla wkoll għax-xarabank wara l-festa ta' Santa Marija u San Ġorġ u l-Karnival. Kien ikun hemm xarabank waħda lejn iż-Żebbuġ, hekk kif jispiċċa kollox u kont trid tiġri lejn Pjazza Savina, biex hekk kif tersaq ix-xarabank, tiġri lejn il-bieb qabel ma tieqaf. Jekk ma tilħaqx post fuq ix-xarabank kont tlaqqatha bil-mixi, għax ma kienx ikun hemm xarabank oħra. Sena minnhom grupp ta' ġuvintur ftehmu li hekk kif jitla' l-ewwel wieħed, imur jiftaħ il-bieb ta' wara tax-xarabank biex l-oħrajn jitilgħu minn wara, waqt li kulħadd ikun jimbotta u jiffolla fil-bieb ta' quddiem.

Ix-xufier malajr induna u beda jgħajjat. Ġiegħel lil kulħadd jinżel u beda jtella' wieħed wara l-ieħor lil min ried hu, speċjalment lin-nisa u t-tfal. Imma fl-aħħar mill-aħħar kien hemm post għal kulħadd u Pina, li kienet taħdem fl-uffiċċju u kienet tal-iskola qalet minn taħt l-ilsien, imma li semagħha kulħadd, "Għarukaża, u mbagħad nieħdu għalina meta jgħidulna li bqajna lura, jew ta' wara l-muntanji."

Kulħadd kien sieket, imma mhux biss in-nies taż-Żebbuġ kienu jiffullaw. Kont trid tiffolla meta l-vapur t'Għawdex kien jankra l-Marfa. Xi wħud kienu anke jaqbżu l-art qabel jittrakka biex jilħqu l-ewwel xarabank għall-Belt, jew il-vann ta' Sander tal-Posta li kien jibqa' sejjer dirett bla waqfa sal-Belt. Meta




mbagħad il-vapur kien jorbot mal-moll u jiftaħ quddiem, in-nies li jkunu diġà marsusa fuq xulxin, lesti għall-ġirja lejn ix-xarabank, jibdew jimbuttaw.

Meta fl-1984, kont Għawdex għall-vaganza mal-mara tiegħi li trabbiet fl-Awstralja u konna qegħdin noqorbu lejn iċ-Ċirkewwa wissejtha biex tipprepara. Dakinhar qgħadt lura nosserva lin-nies u nitbissem bil-farsa li kienet intirtet minn ġenerazzjoni għall-oħra. Sakemm wasalna sal-bieb tax-xarabank, in-nies kienet għadha tiffolla. Waħda tal-Mużew, liebsa l-iswed, kważi waqgħet għax xi ħadd laqatha b'minkbu u t-toppu li kellha mkebbeb wara rasha nqala' minn postu bil-furfuċetti ħierġa minnu. Il-mara tiegħi, staqsietha jekk kinitx weġġgħet, imma b'nofs tbissima, tal-Mużew kompliet timbotta 'l quddiem sakemm idha laħqet mal-ħadid tat-taraġ tax-xarabank u poġġiet sieqha fuq l-ewwel tarġa', żgura li kienet se tilħaq post.

Il-mara tiegħi staqsietni, "Allura dawn ma jafux bi kju?"

Tajtha prova ta' kemm l-Għawdxin kienu jafu x'inhu kju, meta ftit jiem wara, konna l-bank u kien hemm kju twil ta' nies, sa kważi l-bieb ta' barra, kulħadd jistenna wara xulxin, sakemm imissu. F'daqqa waħda nisma' min isejjaħli. Ġennibt ftit rasi fuq in-naħa tax-xellug, biex nara min kien qed jgħajjatli minn wara l-ħġieġa tal-bank, quddiem dak il-kju ta' nies. Kienet waħda tiġi minna, min-naħa t'ommi li kienet qed isservi l-klijenti. Kienet ratni fil-kju u għamlitli s-sinjal biex naqbeż lil kulħadd u nersaq 'il quddiem ħalli taqdini, mingħajr ma noqgħod nistenna. Ridt l-art tiblagħni.




***ĦAFNA ĦAJJIET, ĦAFNA MGĦALLMIN* TA' DR BRIAN WEISS, MAQLUB GĦALL-MALTI MINN TONI AQUILINA U JOANNE MICALLEF.**

**L-EWWEL KTIEB FIS-SENSIELA TRADUZZJONIJIET FARAXA**

*Many Lives, Many Masters / Ħafna Ħajjiet, Ħafna Mgħallmin* (Faraxa, 2011) huwa każ affaxxinanti dwar il-ħajja ta' Catherine u Dr Weiss. Ta' psikoterapista tradizzjonali li kien, Dr Brian Weiss baqa' mistagħġeb u xettiku fl-istess ħin meta waħda mill-pazjenti tiegħu bdiet tiftakar trawmi li kellha fil-ħajjiet imgħoddija tagħha u li dehru joffru s-soluzzjoni għall-attakki ta' ansjetà u ħmar il-lejlijiet li kienu jaqbduha. Ix-xettiċiżmu tiegħu telqu għal kollox, madankollu, meta hi bdiet tittrasmetti messaġġi mill-'ispazju bejn ħajja u oħra', li kien fihom rivelazzjonijiet tal-għaġeb dwar il-familja u t-tifel mejjet ta' Dr Weiss. Bl-użu tal-ħajjiet imgħoddija bħala terapija, hu seta' jfejjaq lill-pazjenta u jidħol f'fażi ġdida u aktar sinifikanti tal-karriera tiegħu.

Dan hu ktieb ta' 229 paġna, maqsum f'16-il kapitlu flimkien ma' Daħla u Epilogu. Hu miktub fi stil sabiħ, jinqara daqslikieku kien djarju jew saħansitra rumanz, ladarba hemm il-vuċi narranti fl-ewwel persuna u anki partijiet djalogati. Hu rakkont li jġagħlek taħseb, filwaqt li jegħleb il-barrieri tal-psikoterapija konvenzjonali u joffri trattament innovattiv u effettiv tabilħaqq. Hu għandu jittieħed bis-serjetà minn dawk involuti fil-professjoni tas-saħħa mentali.

Huwa rakkont tassew kommoventi ta' wieħed li jistenbaħ spiritwalment bla mistenni. Dan hu ktieb kuraġġuż tabilħaqq li fetaħ il-bieb għal żwieġ bejn ix-xjenza u l-metafiżika. Huwa wkoll storja ta' każ affaxxinanti li tikkonferma s-siwi ta' ħajjiet imgħoddija bħala terapija. *Ħafna Ħajjiet, Ħafna Mgħallmin* jiftaħ bibien għal dawk li qatt ma kkunsidraw il-validità tar-reinkarnzzjoni.

Brian L. Weiss (t. 1944), M.D., huwa psikjatra, li jgħix u jipprattika f'Miama, Florida. Huwa ggradwa mill-Università ta' Columbia u l-Iskola Medika ta' Yale, u hu ċ-Ċerman Emeritus tal-Psikjatrija fiċ-Ċentru Mediku ta' Mount SInai f'Miami. Dr Weiss għandu klinika privata f'Miami u jmexxi seminars internazzjonali u *workshops* ibbażati fuq l-esperjenza kif ukoll programmi ta' taħriġ għall-professjonisti. Huwa wkoll l-awtur ta' *Through Time into Healing* u *Same Soul, Many Bodies*, fost oħrajn. Is-sit elettroniku tiegħu huwa www.brianweiss.com

\- - - -

**IL-PONT JITKELLEM MAL-AWTRIĊI U FUNDATRIĊI TAD-DAR TAL-PUBLIKAZZJONI FARAXA**

**Għaliex għażilt dak ix-xogħol partikolari biex taqilbu għall-Malti? It-titlu kif jintrabat eżattament mal-kontenut tal-ktieb?**

Ma nistax ngħid li jien għażilt dan ix-xogħol imma hu għażel lili. Wara t-telfa ta' binti Miriam fl-2004 il-perspettiva tiegħi tal-ħajja nbidlet. F'dawk il-mumenti ta' kif u għaliex, persuna introduċietni mal-ħsibijiet ta' Brian Weiss f'*Many Lives, Many Masters*. Dal-ktieb tant kien ħalla impatt fuqi li ddeċidejt li naqsmu mal-oħrajn billi nittraduċih bil-Malti.

Meta taqra dan il-ktieb tinduna li t-titlu jiddeskrivi perfettament l-essenza ta' tiegħu.

**Qatt ikkomunikajt direttament ma' Dr. Weiss? Jekk iva, il-kuntatt tiegħek miegħu għenek fil-qlib ta' xogħlu għal ilsienna? Kif?**

Iltqajt l-ewwel darba ma' Dr Weiss fit-tnedija tal-ktieb waqt seminar tiegħu f'Logan Hall, Londra, meta jien u l-kotraduttur ippreżentajnielu kopja tat-traduzzjoni, *Ħafna Ħajjiet, Ħafna Mgħallmin* quddiem sala mburġata bin-nies .

**Milli qrajt jiena *Ħafna Ħajjiet, Ħafna Mgħallmin* huwa miktub fi stil mexxej ħafna li jagħmel xogħol bħal dan leġġibbli ħafna u fl-istess ħin interessantissimu. Jinżel għasel anki mal-qarrejja li jħobbu n-narrattiva fittizzja, minkejja li nafu li dan huwa xogħol ta' natura psikjatrika. Xi tgħid dwar dan?**

Mal-ewwel daqqa t'għajn, dan ix-xogħol taħsbu fittizju, imma hi storja vera fejn pazjenta tfejqet meta ftakret it-trawmi li kellha fil-ħajjiet imgħoddija tagħha u li dehru joffru s-soluzzjoni għal dak li kienet qed tbati minnu f'dik preżenti. Jien l-aktar li laqtuni kienu l-messaġġi profondi li l-pazjenta, Catherine, kienet tittrasmetti mill-'ispazju bejn ħajja u oħra'. Dawn kien fihom ukoll rivelazzjonijiet tal-għaġeb dwar il-familja u t-tifel mejjet ta' Dr Weiss innifsu.

**Kif tiddeskrivi r-relazzjoni bejn Dr Weiss u l-pazjenta tiegħu Catherine?**

Catherine kenet pazjenta tal-psikoterapista Dr Weiss. Hi marret għandu biex issib soluzzjoni għall-attakki ta' ansjetà u ħmar il-lejlijiet li kienu jaqbduha. Bit-terapija tradizzjonali ma wasalx fejn xtaq u emmen li se jasal. Imma meta permezz tal-ipnożi profonda rnexxielu jdaħħalha fil-ħajjiet imgħoddiha tagħha, hu użahom bħala terapija, hu seta' jfejjaq lil Catherine u jgħinha tidħol f'fażi ġdida u aktar sinifikanti fil-karriera tiegħu.

**X'kien ir-rwol tal-Prof. Toni Aquilina?**

Il-Prof. Toni Aquilina kellu rwol importanti biex il-ħolma tiegħi setgħet titwettaq. Meta jien iddeċidejt



**Dr. Brian Weiss**

li naqleb dan il-ktieb għall-Malti kont dħalt għall-kors tal-Masters fit-Traduzzjoni, l-Università ta' Malti, fejn il-Profs Aquilina kien it-tutur tiegħi. Hu dejjem tani l-appoġġ tiegħu u inkoraġġieni biex jitwettaq dan il-proġett. Dak li naqleb jien kien jaqilbu hu wkoll u mbagħad nagħmlu *brain storming* sa ma naqblu fuq il-verżjoni finali. Nista' ngħid li mingħajr l-għarfien tiegħu fit-traduzzjoni din il-pubblikazzjoni ma kinitx tkun daqshekk b'saħħitha.

**X'kienu l-ikbar sfidi matul il-proċess ta' traduzzjoni li għamilt fuq dan ix-xogħol?**

Waħda mill-akbar sfidi kienet biex naqilbu l-ħafna termini psikjatriċi, psikoloġiċi u paranormali għall-Malti li fih il-ktieb.

**Dan kien l-ewwel xogħol ta' traduzzjoni li ppubblikajt. Qatt tħajjart taħdem fuq xi xogħol ġdid?**

Din it-traduzzjoni kienet l-ewwel xogħol li qatt

ippubblikajt. Infatti, nista' ngħid li b'dan ix-xogħol ftaħt id-Dar tal-Pubblikazzjoni Faraxa u nedejt is-Sensiela ta' Traduzzjonijiet għall-Malti ta' kull ġeneru ta' kitba li llum saret tant popolari (wasalna qrib il-25 ktieb).

Ittraduċejt xogħlijiet għat-tfal imma biċċa xogħol kbira bħal dan il-ktieb għadha qed tistennieni. Biċċa xogħol ambizjuża bħal *Ħafna Ħajjiet, Ħafna Mgħallmin* tinħtieġ il-ħin, u bħalissa m'għandix. Imħajra kieku naqleb ktieb ieħor tal-istess awtur, *Same Soul, Many Bodies.*

**Min jixtieq jakkwista kopja ta' *Ħafna Ħajjiet, Ħafna Mgħallmin,* jista' jmur direttament f'din il-ħolqa: [https://www.faraxabooks.com/product/hafna-hajjiet-hafna-mghallmin](https://www.faraxabooks.com/product/hafna-hajjiet-hafna-mghallmin)**



Issue 1 • May 2021
Ħarġa nru 1 • Mejju 2021

Newsletter Ittraħbar

Editorial

Welcome to the very first issue of the Faraxa Publishing Newsletter. Our publishing house was established in 2011 with the aim of bringing readers literary and non-literary translations, both from and to the Maltese language. However, we also publish original books in countless other genres, from children's fantasy to young adult dystopian. Moreover, we pride ourselves in being a bilingual company, which is why this newsletter can be read in both Maltese and English. We hope you enjoy this first edition, where we'll be sharing some new releases, book recommendations, and even recounting some of our recent events to you.

Editorjal

INSIDE THIS ISSUE:

- Editorial — Page 1
- New Releases — Page 1
- Events — Page 2
- Book recommendations — Page 2
- Books of the Month — Page 3
- Author Spotlight — Page 3
- Children's Corner — Page 4
- Children's Activities — Page 4

FUQ ĠEWWA TA' DIN IL-ĦARĠA:

- Editorjal — Paġna 1
- Pubblikazzjonijiet Ġodda — Paġna 1
- Avvenimenti — Paġna 2
- Rakkomandazzjonijiet ta' Kotba — Paġna 2
- Kotba għal matul ix-Xahar — Paġna 3
- Lenti fuq Awturi — Paġna 3
- Rokna għat-Tfal — Paġna 4

Latest Releases — Pubblikazzjonijiet Riċenti

*Ġikkur: "Aħna Ilkoll Naffermaw u fil-Karnival mal-Indjani Nkantaw"* – Cedric Chircop

The *Ġikkur* series by Cedric Chircop is aimed at children who would like to explore simple, yet incredibly helpful, techniques to make their lives a little bit brighter. In *"Aħna Ilkoll Naffermaw u fil-Karnival mal-Indjani Nkantaw"*, the second book in the series, children are introduced to the notion of creating affirmations in order to boost their positivity and self-esteem.

*Kaligula* – Albert Camus (Translated by Toni Aquilina)

*Kaligula* is the 22nd translation in the Faraxa Translation Series. Originally written by the French philosopher Albert Camus (*Caligula*), the play has been masterfully translated into the Maltese language by Toni Aquilina. Published for the first time in 1944, Camus's play tackles the idea of the Absurd as it follows the historical Roman Emperor Caligula's downfall. This translation is a must-read for local scholars, as well as literature and philosophy students alike.

*Bubble in Trouble* by Naila N. is a brand-new book aged at children between the ages of 4 and 6. Bubble is constantly getting into trouble, despite everyone's warnings. Will he manage to stay out of trouble today? 20% of proceeds from this book will go towards *Inspire Foundation*, so be sure to grab a copy of your own!

PAGE 1

Inizjattiva ġdida minn Faraxa hija l-pubblikazzjoni tan-Newsletter/Ittraħbar bilingwi. Min jixtieq jibda jirċievi kopja virtwali ta' din il-pubblikazzjoni jista' jikteb direttament lil info@faraxapublishing.com jew jidħol f'dil-ħolqa: [https://www.faraxabooks.com/news-and-events/faraxa-newsletter-issue-1](https://www.faraxabooks.com/news-and-events/faraxa-newsletter-issue-1)



***Love and Angst* ta' Edvard Munch**

## BĦAL BISTURIN...

Tixtieq tkun tista' ttir
u ma tistax. B'sarima
ikkontrollak: dik tal-'tagħmel
kif ngħid jien inkella tpatti'.
Ġwinħajk frakass ma jerfgħukx
'il fuq. Ankrati f'gaġġa.

Jaf jirgnek is-sikkant:
idur miegħek birbant u jrossok
f'kantuniera, idejh forċina
m'għonqok. Imdeffsa bejn snienek,
il-qronfla tal-velenu.

B'difru bisturin, ifellel
tiċritiet fil-laħam ħaj
tal-angst 'x'għamiltlek jiena'.

Hemm ħwejjeġ li ma
jissewwewx biż-żmien.
Bħall-għira. Bħas-suppervja.

Tarak m'intx xaqq kapaċi
li jittrasporta d-dawl,
li jħoll għadbek imsensel
għoqod għoqod, iqattar kiebi
minnu d-diq tad-dipressjoni.

B'idejk marbuta ma tiggranfax
mal-wiċċ - togħdos fl-abbissi;
tispara f'rasu 'l-ħolm;
iċċedi l-armi; tilgħaq,
ġwejda bħall-ġwejjef, il-ġrieħi
li ebda ngwent ma jfejjaq.

**THERESE PACE**

## X'INHUMA R-REALTAJIET TAL-FATTI?

**Kitba ta' Lino Ellul**



Meta kawża ta' ħafna ambizzjonijiet, fid-dinja kulħadd jimmagina li fl-argumenti tiegħu għandu raġun, ta' min jistaqsi, "Iżda tgħid fir-realtà tal-ħajja, x`inhuma r-riżultati tal-fatti?"

Bla ħafna logħob tal-kliem, nibda biex ngħid li jiena nemmen li l-Moħħ tal-bniedem huwa maħluq bħala kompjuter li jikkontrolla l-ġisem kollu; il-moħħ huwa wkoll kompjuterizzat mal-Qalb u l-kuxjenza li kapaċi tagħraf kemm dak li huwa tajjeb, kif ukoll dak li huwa ħażin; nemmen fl-Apoloġetika, fil-Loġika, fis-Sens Komun, fl-Etika, u fil-Prudenza, għaliex appuntu għalija dan huwa Dak li jfisser Rispett lejn l-Umanità!

Min-naħa l-oħra, jiena nemmen li l-Għerf huwa don tas-Sinjur Alla Ħallieq tal-Ħolqien Kollu, iżda l-Malizzja hija l-Ħazen tax-Xitan!... Nemmen li Għerf jikber mal-Persuna, mal-medda tas-snin; u allura jiddependi ħafna minn kemm Persuna tkun tħalltet ma' Persuni, jekk mhux ukoll ma' Kulturi differenti f`ħajjitha, jiddependi wkoll minn kemm din il-Persuna taf tgħarbel l-Intelliġenza, kemm minn dak li tisma' mill-media televiżiva, kif ukoll mil-Letteratura li taqra!

Għaliex, appuntu, l-Għerf jista' jiġi trażmess u żvolġut minn Persuna għall-oħra, mill-esperjenzi tal-ħajja ta' KULL Persuna. Fil-fatt ħadd fostna ma jista' jinjora l-Għerf meħud mill-Għorrief tal-Qedem; u żgur mhux ta' b`xejn li l-Malti jgħidilna, "Kliem IX-XIĦ zomm fih"! Min-naħa l-oħra, żgur li dan ma jfissirx li X-XIĦ dejjem għandu raġun u Ż-ŻAGĦŻUGĦ dejjem għandu l-ħtija! U għalhekk huwa importanti dejjem id-Djalogu reċiproku.

Tajjeb ukoll li niddistingu u ngħarblu bejn Dak li jfisser Għerf u Dak li jfisser Malizzja, għaliex minkejja li f'xi każi l-Malizzja tista' tfisser ukoll Għerf (li allura ma tħallix lil min jingannak), min-naħa l-oħra, meta fil-Malizzja jkun hemm il-qerq, bla ebda ġenwinità, il-malizzja ma tistax tissejjaħ Għerf, iżda biss MOD TA' INGANN!

Żgur li huwa fatt konkret, li żewġ fatturi prinċipali li minn dejjem kienu ta' inkwiet serju u kontroversjali fost l-Umanità huma r-Reliġjon u l-Politika! Mentri jekk kulħadd għandu dritt u l-obbligu li jiddefendi l-argumenti tiegħu, skont dak li jemmen fihom hu, żgur li ĦADD ma għandu dritt li jimponi t-twemmin tiegħu fuq xi Ħadd, meta Loġikament dan imur kontra d-Drittijiet u l-Libertà tal-Bniedem!

Fil-fatt għalija, dak li mhux aċċettat b'mod LIBERU, ifisser DITTATORJAT li allura mhux biss li jmur kontra s-Sinjur Alla Ħallieq tal-Ħolqien kollu, iżda jmur ukoll kontra D-DEMOKRAZIJA, li allura tiġbor fiha kemm id-dritt tal-Libertà Umana, kemm id-dritt tal-Libertà tal-espressjoni tal-Kelma, kemm id-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll l-obbligi tal-Bniedem lejn l-istess Umanità, allura mhux biss kif inhuma miktuba fil-Kmandamenti tas-Sinjur Alla. Iżda anki kif inhuma miktuba u aċċettati anki mill-Ġnus Magħquda, fil-konvenzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem!

U allura f'din il-Pandemija Dinjija nixtieq nistaqsi: Proprjarment Aħna x'nemmnu dwar il-Futur misterjuż tagħna: "IR-RUĦ TAL-BNIEDEM HIJA MORTALI JEW HIJA IMMORTALI?!" Appuntu, jiena nemmen li dan huwa l-qofol li jirrigwardja l-argumenti kollha tagħna!

### NUOTO...

Nuoto
mi tuffo
resto immersa.
Temporalmente
passeggio per strada.

C'è il verdino della primavera
il verdino della mia speranza.

**CARLA LONZI**
**(minn *Taci, anzi parla. Diario di una femminista*, Scritti di Rivolta Femminile, 1978)**

## EKI MILL-ĠNEJNA MALTIJA

**Kitba ta' Sergio Grech**

Waqt *spring cleaning* ordinarju, ma nafx minn fejn, tfaċċa skript tax-xandira "Mill-Ġnejna Maltija" li kienet tagħmel l-Għaqda Letterarja Maltija. L-Għaqda Letterarja Maltija twaqqfet fl-1951 minn grupp ta' ħbieb fosthom Vincent Caruana li dejjem tqies mill-għaqda bħala l-fundatur/missier l-għaqda.

Fil-ħamsinijiet din l-Għaqda li oriġinarjament kellha l-isem tal-Għaqda tal-Kittieba Żgħażagħ imma li wara ftit inbidel għal kif jafha min hu midħla tal-istorja letterarja f'Malta, kienet irnexxielha tikseb programm letterarju fuq ir-Rediffussion li maż-żmien tkompla wkoll f'forom differenti minn preżentaturi differenti fuq l-istazzjon nazzjonali fosthom l-awtur ta' dil-kitba.

Il-programm kien jismu "Mill-Ġnejna Maltija". Kien programm segwit tant li antoloġija editjata minn Oliver Gulia ngħatat l-istess isem.

L-iskript li sibt jien imur lura għall-1966. Sentejn wara l-Indipendenza ta' Malta. Ix-xandira kienet ġiet irrekordjata fis-16 ta' Ġunju 1966. Instemgħet xahar wara eżatt. Il-programm ġie rrekordjat fil-binja preżenti tal-PBS li kienet ġiet iddisinjata minn Carmelo Falzon.

Kien għadu ma twaqqafx il-Moviment Qawmien Letterarju u awturi ġodda li kienu daħlu għall-impenn li jġeddu l-letteratura lokali mhux darba u tnejn kienu jużaw il-programm minfejn ixandru kitbiethom. Fil-fatt f'antoloġiji tal-perjodu tal-Għaqda nsibu xogħlijiet ta' dawn l-awturi, fosthom Albert Marshall.

Dan il-programm partikulari fetaħ b'saġġ miktub minn Frans Sammut, "Btala mir-Ruħ". L-iskript tal-programm kien ta' John Sciberras – wieħed mill-ewwel fundaturi tal-Għaqda. Il-mużika għall-programm kienet ġiet magħżula minn F. Pace. Kien żmien meta t-test kien jitħallat mal-mużika normalment klassika. Ma ninsewx li skont George Peresso, ir-Rediffusion kellu waħda mill-aqwa libreriji diskografiċi fil-Mediterran.

Sciberras iddeskriva hekk l-essay ta' Sammut – [l-awtur] "jagħti kwadru ta' bniedem maħkum minn kriżi tar-ruħ – fenomenu li donnu jilħaq lil kull bniedem matur u intelliġenti – meta wieħed iħossu għaddej minn perjodu iebes fil-ħajja, fejn donnu li kollox ikun ikreh u mdallam."

Wara "Btala mir-Ruħ" inqrat il-poeżija "Il-Baħar ta' Żgħożiti" miktuba minn Maurice Vella Borg. Skont Sciberras, il-poeżija ta' Borg kienet tixbah lill-kitba ta' Sammut, "iżda dawn huma mfissrin bi kliem u b'tixbihat differenti."

Wara nqrat il-poeżija tal-poeta Ġorġ Borg "Ħajti". Il-poeżija hi "ispirata mill-problemi li toffri l-ħajja ta' kuljum." Imma minkejja kollox il-poeta juri preferenza lejn il-ħajja kif inhi "u ma jrid jibdilha ma' ta' ħadd u lanqas irid li xi ħaddieħor jibdilhielu."

Inqrat wara l-poeżija ta' Alfred Massa fejn jiċċelebra l-omm. Il-poeżija tiegħu ġġib l-isem "Il-Poeżija tal-Omm". Il-programm ingħalaq bil-ballata ta' A. Mercieca dwar "ġrajja traġika ta' żagħżugħ, iben waħdieni ta' armla, li rħielha għax-xogħol tas-sajd fuq il-baħar iżda maqbud f'tempesta intilef u qatt ma reġa' lura."

Il-programm kien ta' tletin minuta u kien jinstema' darba f'ġimgħa.





## IL-WEĠGĦA TAL-AĦĦAR ITTRA
**Kitba ta' Rigu Bovingdon**

O Wisq Għażiż Oliver (19.x.2019)

Kemm ħabbtet fi żmienha dik il-qalb tenera tiegħek! Tenera għal għajrek il-Malti (il-Malti t-tajjeb); għall-Malti l-kolt (dak l-individwu fin li jaf japprezza; li jaf iħobb, jagħder, jgħożż u li jifhem il-qalb vera Maltija). Int li għarrixt u fannadt f'qiegħ ġuf niesek; in-nisel Malti! Iben dik l-art ċkejkna; dik l-art kbira!

Għalkemm inti li tinsab magħtub taħt salibek, b'dik il-marda tant kiefra li ħafnitek fi fjur ħajtek, xorta waħda, asaħħ minni, għandek il-faraġ li taf li qalbek, ġismek, ruħek għad ilkoll jitgħannqu għal dejjem ġewwa dik l-art għażiża fis-sikta u l-kalma tat-thanatos (θάνατος) fejn jinsabu l-egħżież missierek u ommok. (Il-bikja ta' Pascoli u tabilħaqq ta' Laurent Ropà wkoll li baqa' ħajtu kollha jixher għall-għażiża ommu li kellha tindifen f'art għariba fl-Alġerija!).

Jien u kull min infatam minn dik l-omm-pajjiż u li jħoss bħali – il-firda, l-eżilju, it-trawma, is-sentenza (il-cada tal-Kantilena) – jaf li xi darba jrid jissikket taħt għatu frustier ġo ħofra ta' art għariba; minn ħadd magħruf; minn kulħadd minsi!

O kemm hi qarsa d-dewqa ta' dak il-mument ewlien li naf li għad irrid inġarrab; imbiegħed minn kulma qatt ħabbejt u għożżejt u għannaqt bl-ikbar għaxqa ġenwina u sinċiera! (Ara l-versi tiegħi 'Irrid Ħ'Attard Nindifen' li jinsabu fid-damma *Aporija Mill-Ġdid*).

Ħadd! Ħadd! Ħadd! ma jifhem jew jaf jew jagħraf il-weġgħa!

Jien li ħabbejt lil Malta dejjem u f'kollox ġejt imgħajjar minn xi għorrief tal-Malti faċċol u ipokrita! Dan kollu għaliex esprimejt il-valutazzjoni tiegħi tal-kapaċità dgħajfa, jew aħjar tal-inkapaċità ta' dawk l-individwi. Ma kienx ħaqq fieragħ tiegħi! Kienet espressjoni ġenwina ta' infiskar, ta' frustrazzjoni li fl-aħħar ġegħlitni niżvoga l-għajta muġugħa tiegħi.

Għax wara li ssagrifikajt erba' snin minn ħajti, mifrud mill-għażiża familja tiegħi - marti u ż-żewġ uliedi fl-Awstralja u jiena waħdi ġo Malta għal dak il-perijodu twil - fi tmiem il-kors fil-Lingwistika Maltija (mhux le fil-Letteratura taħt it-tmexxija għaqlija tiegħek Oliver), bqajt ma ħriġtx sodisfatt bin-nuqqas ta' speċjalizzazzjoni akkademika fil-linja tagħhom, li jiena stennejt minn għerfhom u minn tagħrifhom. Dan baqa' ma safagħlix!

Dawn huma l-kolonni l-ġodda tan-nazzjon Malti?

Saħħa għal dejjem jiena ngħajjat lil dan l-egħżeż ideàl Malti tiegħi! L-ideàl li jiena kont rawwimt fija nnifsi wara snin twal ta' turufnament u ħlim! Saħħa li talli stmajtek ja ideàl u emmint fik, ikkultivajtek u xandartek, kelli nġarrab din il-kundanna hekk kiefra, hekk salvaġġa, hekk ħarxa u mhux mistħoqqa. Il-viltà fl-egoiżmu sfrenat ta' min tkabbar bih innifsu!

Bi ktiebek *Dun Karm. Le Poesie Italiane* f'idejja għażiż Oliver, waqt li ngħarrex fil-versi ħelwin tal-poeta ċelebri tal-Maltin, tlanġas demgħa kiebja ma' ħaddejja fl-għaxqa ta' versih, versi li ironikament tefgħuni f'din il-belliegħa ta' niket il-qalb, għaliex waqt li Il-Poeta ħabb u gawda sal-aħħar, nagħraf li jiena qatt ma sa jkolli s-sodisfazzjon ingawdi bħalma eventwalment se tgawdi int u kull min bħalek ma

nfatamx mill-mamma tiegħu, Malta. Dan il-punt naħseb li ftit huma dawk ġo Malta li japprezzawh aħseb u ara kemm jirriflettu fuqu.

Rigu Bovingdon

**Nota Bene** – Din l-ittra, sa fejn irnexxieli nikkalkula jien, hija l-aħħar korrispondenza li jiena bgħatt bl-eposta (email) lill-wisq għażiż ħabibi Oliver Friggieri. Fiha, għal min jinteressah, hemm riflessjoni tiegħi, stimulata mill-qagħda prekarja f'saħħet Oliver, li hu almenu għandu l-fortuna li m'għandix jien u qatt mhu se jkolli (jekk ma ninzertax immut xi darba waqt li nkun f'xi żjara tiegħi f'Malta, pajjiżi), li huwa sejjer eventwalment meta jasal il-waqt tiegħu, jindifen fil-ġuf tal-pajjiż li huwa tant ħabb u rrispetta!

Mhux kull min siefer b'immigrazzjoni bħali jgħaddi minn din l-esperjenza qarsa u tant ħarxa. Lanqas dawk li jħossuha ma jġarrbuha lkoll bl-istess intensità.

Mela dal-messaġġ lil Oliver minn għandi kien intezjonat li jservih b'sens ta' mogħdrija mħallta ma' ċertu faraġ li jien, imbiegħed minn pajjiż trobbiti sa nibqa' sal-aħħar nifs ta' ħajti mikrum biex nispiċċa għomri mgħannaq fi ħdan, fil-camposanto li kiteb tant tajjeb dwarha Carducci fil-'Il Giorno Dei Morti'! Hekk ukoll ħass Laurent Ropà għall-għażiża ommu li mietet qasir il-għomor fl-Alġerija fejn tinsab midfuna; pajjiż mhux biss barrani u mbiegħed minn Art Twelidha iżda saħansitra pajjiż mhux nisrani!

Din hija x-xorti qarsa taċ-ċittadin devot, leali, patrijott, kburi sal-aħħar nett bl-identità unika Maltija tiegħu!!!




## RAĠĠI GĦALL-KUXJENZA FID-DAWL TAR-RUMANZ *IL-POLZ LI BAQA' JĦABBAT* TA' BERTRAM PORTELLI

***Kitba ta' Amanda Busuttil***

"Clifford kien iħoss demmu jbaqbaq meta kien jara lil Gabriel kien ikun donnu dejjem kuntent. Hu kien jipprova jagħmel minn kollox biex ikun kuntent huwa wkoll, iżda ma kienx għadu rnexxielu. Tfajliet madwaru kellu kemm irid; mill-ħbieb u l-ħruġ magħhom ma kienx nieqes lanqas. Iżda minkejja dan, Gabriel, li skont Clifford kien mimli dwejjaq u dejjem kien ikun maqful ġewwa jistudja jew ibus xi salib jew xi kuruna tar-Rużarju, kien jidher akar kuntent minnu. Ma setax jifhem għaliex. Kien ħalef f'qalbu li jara x'jagħmel biex kissru. Kien irnexxielu b'xi mod ikeskes kontrih lill-grupp li kien ikun miegħu iżda ra li b'dak biss kien għadu kemm kemm beda."

Din is-silta, fix-xogħol ta' Portelli tpoġġi sfida, tqiegħed il-kuxjenza fi skumdità, proprju għax hu diskors validu, kontemporanju u qawwi ġmielu fis-seklu tal-lum. Kważi kważi din u siltiet oħra fir-rumanz huma dik is-sulfarina li tqabbad il-ħuġġieġa



**Bertram Portelli**

f'kuxjenztek, int li taqra dan ix-xogħol u tixtarru għax ipoġġina f'qafas umanistiku per eċċellenza. L-isfidi tal-kuxjenza huma kbar; f'dinja fejn il-kuxjenza trid tiskot, trid titwarrab, trid kważi tmut minn ġewwa l-bniedem għax m'għadhiex moda, m'għadhiex konformi mar-regoli soċjali, għax inkella tidher l-istramb jew ta' wara l-muntanji. Ix-xogħol mentali jrid jitwarrab, is-skiet u r-riflessjoni nħalluhom biss imsakkra fil-monasteri u żgur ma nabbinawhomx mad-dinja żagħżugħa. L-ambjent magħġun f'dan ir-rumanz jappella għal ġenerazzjoni li qed tifforma ruħha u għalhekk il-*climax* jintlaħaq iżjed u jagħmel ħoss ikbar fir-rumanz.

Min jaf kemm silta bħal din għexna bħalha u doqqnieha wkoll. Portelli jippreżenta wkoll karattri validi ħafna, f'ħajja reali u f'ambjent realistiku biex iwassal messaġġ pożittiv li l-valuri tajbin għandhom jibqgħu u l-ebda żmien ma jista' jbiddilhom, anke jekk is-soċjetà tipprova tibdel u tnessi b'forom ġodda ta' għejxien, l-uman għandu jibqa' jagħraf x'jagħmlu uman għal dejjem. Gabriel, il-protagonist fin-narazzjoni huwa rappreżentanza ta' żagħżugħ li qed jipprova jgħix tajjeb u dejjem isib is-saram ma' wiċċu. Il-qarrej jiġi 'iddisturbat' b'mistoqsijiet retoriċi kbar; id-domandi universali li bqajna nistaqsu f'kull żmien u nibqgħu bil-għatx għalihom. 'Għaliex tagħmel it-tajjeb fid-dinja u triqitna tixxekkel mill-ħażen?'; 'Għaliex tħobb u tiġi ttradut?'; 'Għaliex temmen f'Alla, tgħix għall-oħrajn u jweġġgħuk b'ingratitudni?'; 'Għaliex taħdem u tistinka u l-premju ma teħdux, anzi tiġi tħabbatlek salt tbatija?'; 'Għaliex ikollok tant għedewwa meta tipprova tgħix fit-tajjeb?'; 'Għaliex qed isaltan tant il-mard terminali?'

L-awtur ipoġġi elementi fil-karattri tiegħu biex iġagħalna naħsbu: Leah li minkejja stmata sew mill-imgħallem tagħha, tibda tisirqu; Clifford li jikkontempla fuq il-ħsara li jixtieq jagħmel lil Gabriel u l-għira li kellu għalih. Fi Clifford, l-awtur ipoġġi l-id tas-soċjetà li 'titnejjek' bil-valuri tajbin: 'U ejja, 'qas li għajnejk mhux f'wiċċek. Baqa' xi ftit la antika hux qisu, ngħidlu jien. Imur għall-quddies, qabel l-eżami jrodd is-salib. Qisu good boy, hekk', ikkonkluda Clifford.' (p. 82) Naraw kull xorta ta' ħażen fi Clifford, qerq, preġudizzji, diżonestà, u saħansitra jinqeda b'Leah (l-għarusa tal-protagonist) biex jieħu vantaġġ minnha, biex b'hekk jasal ipattihielu żgur għal xejn b'xejn.

Leah, karattru ieħor b'saħħtu fir-rumanz, jibda jogħġobha l-ħażen: serq, li toħroġ ma' ġuvni ieħor u turi diżrispett lejn il-maħbub tagħha qisu xejn mhu xejn; imma narawha wkoll iġġorr il-piż u l-prezz tal-ħażen. Hawn terġa' tieħu postha l-kuxjenza fix-xena: id-dnub, anke jekk is-soċjetà moderna trid tgħattih u tostru għax donnu m'għadux fil-moda, iġib il-konsegwenzi fuq min iwettqu. Id-dnub barra li jġib kriżi fil-fidi għal min jemmen, dak li jemmen iħossha wisq iebsa t-tbatija mhux mifhuma għax din iġġib tbatija psikoloġika qawwija. F'paġna 168, naraw lil Gabriel itenni dan: 'M'għadux jismagħni. Donnu ttarrax. Tgħidx kemm ilni nitlob bil-qalb, imma l-affarijiet donnhom sejrin għall-agħar mhux għall-aħjar. Naħseb li jekk ma nitlob xejn, ikun xorta.' Sentenza realistika ħafna għal kull nisrani li jipprova jgħix tajjeb u dejjem jaqla' fuq wiċċu. Sentenza bħal din m'hemmx età u żmien għaliha. Jgħiduha kemm iż-żgħażagħ u kemm dawk akbar; għalhekk l-awtur iwassal messaġġ ċar li n-nisrani jitħabat min-nieqa sal-qabar u r-realtà hi 'ħajja kiefra, ħajja bagħla, ħajja rħisa li malajr tinxtara mill-mewt, anki fil-fjur tagħha.' (p.216)

Ħadd ma jeħlisha; ir-rumanz jibqa' jfakkarna dan, li kulħadd irid iġorr ir-responsabbiltajiet li jagħżel jew iwarrab, kulħadd għandu kuxjenza, anke jekk jipprova jsikkitha u l-ikbar eżami huwa meta nissuperaw lilna nfusna. Martin Luther King Jr. sostna li 'The time is always right to do what is right' u ż-żgħożija għandha wkoll tkun mixja b'saħħitha, jgħidilna l-awtur. 'Always do your best. What you plant now, you will harvest later.'- Og Mandino.

## IT-TMIEM TAL-ĠERARKIJA

**Kitba ta' John A. Consiglio**

Meta Isaac Newton kiteb dak li ħafna jqisu bħala li kien il-*magnum opus* tiegħu, il-"Principia", fl-1687, żgur li qatt m'għaddhielu minn moħħu li dak kellu jkun il-bidu tar-Rivoluzzjoni Xjentifika, il-pont li jifred l-era moderna minn dik medjovali.

Ix-Xjenza tat enerġija lil rinaxximent kulturali, wessgħet il-potenzjal ekonomiku, u għamlet possibbli l-politika tal-pluraliżmu u l-parteċipazzjoni, li kinset 'il barra d-divinità tas-slaten u heżżet anki l-infallibilità tal-papiet. Fi żminijiet medjovali Knisja u Stat kienu marbutin bħal ilsir ma' sidu. Is-slaten kienu jassumu jew jasserixxu dritt divin li jsaltnu; l-Istat spiss kien biss espressjoni tal-Knisja; u dan kien ifisser li l-Istat kien biss il-mezz għat-tmexxija ta' affarijiet sekulari minn bnedmin li kienu qed jitkellmu "f'isem Alla."

F'aktar minn tliet sekli minn żmien Newton ix-xjenza donnha għamlet minn kollox biex iġġenneb lill-Knisja għalli ssir speċi ta' reliġjon sekulari. Ix-Xjenza bil-mod il-mod ħadet f'idejha ħafna mill-funzjonijiet tal-Knisja medjovali, sabiex twaqqaf saċerdozju mgħallem fost dawk li kellhom aċċess għall-misterji moħbija, biex tilleġittima lil dawk li kellhom dawk il-ħatriet, u biex teżerċita l-prerogattivi u tgawdi l-attributi tat-tmexxija ekonomika u politika, u tbierek l-ortodossija li n-nies kienu mħollijin li jemmnu.

Mal-mixja taż-żmien ix-Xjenza u l-Istat waslu huma wkoll biex jiġu mgħaqqda daqslikieku sid u qaddej. Is-sors tal-leġittimità għal dik li bl-Ingliż insejħulha *statecraft* (l-arti tat-tmexxija tal-affarijiet tal-Istat) bdiet tidher bħala li hija dak kollu li jidher bħala korrettament xjentifiku. Uffiċjali governattivi, jew min ikun qed ifittex sussidji pubblici, kellhom jibdew jargumentaw il-każ tagħhom b'metafori mix-xjenza, mill-metodologiji tal-makroekonomija, mill-matematika tal-analiżi spiża-benefiċċju, u b'kalkoli ta' dħul ġejjieni skuntat (*discounted future values*). Dak li iżda ma setax jingħadd sar "esternalità" – jiġifieri fattur rilevanti li jħalli effett imma li ma jidholx fil-moda kurrenti tal-ħsieb sistematiku, u jkun għalhekk mitfugħ fuq l-ixkaffa biex naħsbu dwaru aktar 'il quddiem.

Illum il-metodu "xjentifiku" tant sar mod użat komuni dwar kif wieħed jaħseb li l-metafori tiegħu



**Isaac Newton (1642-1727)**

spiss wasslu għal mod ġdid kif wieħed iqis lill-umanità, lis-soċjetà, l-ekonomija, u saħansitra l-gwerer u l-paċi. Kien biss wara li Newton tana stampa tal-univers bħala xiħaġa mmexxija minn regoli preċizi dwar ċaqliq li John Locke imbagħad sab, fir-"regoli tan-natura", is-sisien għas-soċjetà umana. Kien hemm ukoll Adam Smith (li ħafna jqisuh bħala l-missier tal-ekonomija klassika) li skopra "id invisibbli" li tiggwida il-kummerċ u l-industrija skont ir-regola (naturali?) tal-provvista u talba, u James Madison kiteb li bilanċ fost gruppi "li jitlewmu" jista', bħal dak il-punt fin-nofs tal-kwiekeb u ħlejjaq tas-smewwiet, jipprovdi demokrazija b'awto-kontrolli minn ġo fiha nnifisha. Il-mudell ta' Jefferson għal repubblika kien essenzjalment wieħed Newtonjan fl-ispirtu u l-konċettwalizzazzjoni.

It-teorija dwar l-evoluzzjoni naturali ta' Charles Darwin (*The Origin of the Species* ġie ppublikat fl-1859) għamlet wisa' għal viżjoni alternattiva tad-dinja, waħda fejn il-ħajja hija waħda storbjuża, u tinbidel, u takkomoda lilha nnifisha għal dak li ssib ruħha fih. F'din il-viżjoni, lotta qatt imbassra, ħalja u kaotika, telimina lil dawk nieqsa mis-saħħa, u tpoġġi flokhom l-ordni u r-raġuni bħala d-dinamika ċentrali. Ftit wara segwa d-Darwiniżmu Soċjali li kien iqis il-lotta tal-kompetizzjoni bħala l-liġi ġdida tan-natura, li tiġġustifika l-ħala u l-egoiżmu bħala mezzi utli sabiex jingħażlu "l-aktar invenzjonijiet sodi, burdati, istituzzjonijiet, u mexxejja individwali."

Fis-Seklu Għoxrin il-verżjoni popolarizzata tat-teorija ġenerali dwar ir-relattività ta' Albert Einstein, inkluża l-idea revoluzzjonarja li l-materja u l-enerġija huma biss aspetti ta' xulxin, bħal iġġenerat il-falliment soċjali tagħha nnifisha. Einstein qajla kien dak li llum



**Albert Einstein (1879-1955)**

uħud forsi jsejħulu "relattivista". Hu kien qed ifittex għal liġi fiżika li setgħet tiġi applikata għas-sistemi kollha, u cioè ekwazzjoni assoluta. Iżda r-"relattività" saret, u damet għal żmien mhux ħażin, metafora soċjali b'saħħitha. L-idea li "kollox huwa relattiv", sostnuta mill-approċċ ta' mġiba lejn ix-xjenza soċjali, issoktat timmina r-reliġjon organizzata, u għamlitha ħaġa rispettabbli li wieħed jemmen li l-veritajiet eterni setgħu tabilħaqq jiġu ppruvati żbaljati, sempliċiment b'aktar studju xjentifiku. It-tixrid dinji tar-relattività soċjali seta' anki kkontribwixxa għal tkabbir ta' konvinzjoni, b'mod speċjali f'pajjiżi kolonizzati u artijiet sotto-żviluppati, li l-prinċipji, evidenti fihom infushom, li permezz tagħhom kienet ġiet ġustifikata s-soppressjoni ta' popli, setgħu f'dinja ġdida jirriżultaw mhux ġustifikabbli.

Mill-bidu tas-Snin Sittin 'l hawn tfaċċat attitudini soċjali ġdida ġejja mill-iskoperti profondi dwar ix-xjenzi tal-ħajja (p.e. it-tkissir tal-kodiċi ġenetiċi, id-DNA , id-dawl li jiddi u juri x'jiġri ġo ċellula jew fil-ġisem, u oħrajn). U ssokta jikber l-interess xjentifiku fir-rabta bejn il-bijoloġija, il-kimika, il-fiżika, il-meteoroloġija, l-ekonomija, u l-ġeofisika, biex bl-għajnuna ta' dawn jiġu solvuti l-enigmi ikel-klima-popolazzjoni-enerġija. F'daqqa waħda l-evidenza bħal daret bis-sħiħ lejn li kollox huwa relatat b'xi mod ma' kollox, u daħlet fil-moda l-kelma 'ekoloġija'. Ix-xjenza tal-ekoloġija tidderieġi l-attenzjoni tagħna lejn il-mod kif varjetajiet ta' ħajja jirrelataw ma' xulxin. Il-kelma kruċjali – f'linja parallela ma' "armonija", "lotta", u r-"relattività" fil-kożmoloġiji ta' qabel – issa saret il-kelma 'interdipendenza".

Ir-revoluzzjonijiet ta' żminijietna għadhom dejjem aktar u aktar stimulati minn skoperti xjentifiċi u l-wirt tekonoloġiku tagħhom. Bidla dimensjonali f'dik li hi saħħa esplussiva ħolqot perikli li bħalhom qatt ma rajna (Hiroshima, Chernobyl), ipprovdiet għajn alternattiva ta' enerġija, aktar għodda għall-mediċina, u ġagħlet li bilfors ikun hemm ħsieb ġdid dwar strateġiji militari. Billi għamlitha possibbli li jiġu vvintati armi potenti wisq biex jintużaw, ix-xjenza tista' anki forsi tpoġġi għata li jikkontrolla fuq id-daqs tal-vjolenza umana.

L-iskoperti seminali f'dak li hu l-għarfien li writna dwar il-ġeneru - il-"genes" – tawna firxa kbira ta' bijoteknoloġiji, b'applikazzjonijiet li jvarjaw minn korrezzjonijiet ta' difetti fit-twelid ta' fetu individwali, sa ġenoċidji permezz ta' gwerer bijoloġiċi. Gassijiet fl-atmosfera, prodotti taċ-ċiviltà industrijalizzata, illum jistgħu jkunu l-għodda għal tibdil kbir u li ma jistax jitreġġa' lura fil-klima dinjija. Din il-bidla dinjija tista' tkun kontroll doppju fuq iċ-ċiviltà umana, radikalment tqassam mill-ġdid l-umdità u l-ibħra, u, fi żmien biss ġenerazzjoni waħda, tgħarraq uħud mill-aqwa portijiet tad-dinja.

Fuq kollox, il-konverġenza bejn żewġ linji separati ta' xjenza u teknologija – kompjuters li jaħdmu b'aktar ħeffa, u telekomunikazzjonijiet b'wesgħa ikbar ta' kuntatti – qed toħloq soċjetajiet fejn ir-riżorsa ewlenija hija l-informazzjoni, u l-attività dominanti mhix aktar il-produzzjoni u kummerċ ta' affarijiet tanġibbli, iżda l-produzzjoni u tixrid ta' simboli. Bħalissa qed niftakar fit-terremot kbir politiku li kien ħoloq f'pajjiżu l-istatista kbir Taljan Aldo Moro li fis-sena 1978 kien ġie assassinat mill-avversarji politiċi tiegħu talli, fost affarijiet oħra, ippropaga t-teorija tiegħu ta' paralleli konverġenti, jiġifieri li ideat differenti għal kollox minn xulxin jistgħu iżda jitressqu lejn konverġenza u xi forma ta' twaħħid ta' ħsieb u azzjoni.

L-informazzjoni bħala riżors, b'differenza pereżempju mill-art, u minn riżorsi oħra 'naturali' u limitati, tista' tikber hekk kif hi stess tkun qed tiġi użata, tista' tiġi ttrasportata b'ħeffa daqskemm jimxi d-dawl, u huwa aktar diffiċli li taħbiha, jew iġġemmagħha, minn ċerti riżorsi tanġibbli. It-tixrid tal-edukazzjoni bilfors li jgerrem u jnaqqas mis-setgħa li darba kienet tinġema' f'ħoġor il-ftit li kienu "jkunu jafu"! L-għoti jew bejgħ ta' informazzjoni mhix transazzjoni ta' bdil jew tpartit, hija transazzjoni ta' qsim f'dak li hu wirt waħdani maqsum u f'idejn kulħadd, dak li l-Ingliżi jifhmu meta jużaw it-terminu "commons". Ideat bħal "kontroll", "segretezza", "propjetà", "privileġġ", u "ġeopolitika", dawna bħal jitilfu r-rilevanza tagħhom meta aħna nirrealizzaw li l-aktar li nkunu qed nagħmlu hu li nimmaniġġjaw l-informazzjoni. Minħabba li l-piramidi antiki ta' influenza u diskriminazzjoni kienu msejsa biss fuq dawn l-ideat, dawn issa huma ddestinati li jikkrollaw.

Peter Drucker, il-ħassieb kbir fix-xjenza tat-tmexxija, isostni li l-informazzjoni issa hija "il-kapital ċentrali, il-punt fejn issir in-nefqa, u r-riżors kruċjali fl-ekonomija tagħna".

Ir-rivoluzzjoni fit-teknoloġija tal-organizzazzjoni – li din qed twassal għall-għabex tal-ġerarkija - issa qabdet triqitha sew. Aktar ma jinxtered it-tagħrif, aktar jixtered ukoll il-poter. Din hija konsegwenza tal-ħolqien permezz tal-edukazzjoni ta' soċjetajiet b'miljuni ta' nies "li jafu". Isir aktar u aktar xogħol mhux b'sistema ta' "rakkomandazzjonijiet 'il fuq, u ordnijiet 'l isfel," iżda "b'sistemi ta' konsensus" [bi qbil]. Ara, pereżempju, fil-Ġappun it-"tmexxija kollettiva", fir-Russja u fiċ-Ċina x-"xoghol ta' kumitati", u fl-Istati Uniti l-"ħidma ta' tim".

Is-satelliti tal-komunikazzjoni, u kompjuters ta' ħeffa straordinarja, issa qegħdin ikissru d-distanzi: li huwa l-aktar żvilupp importanti u li l-inqas li kien imbassar għaż-żminijiet straordinarji tagħna. Fl-ambjent ġdid tal-informazzjoni ċ-ċiviltà ser tkun ovvjament mibnija inqas madwar komunitajiet ta' post, u aktar madwar komunitajiet ta' bnedmin b'interessi komuni. U għalhekk din l-informatizzazzjoni tas-soċjetà titlob minna li nerġgħu naħsbu mill-ġdid is-sisien infushom tal-filosofija tagħna – p.e li naħsbu mill-ġdid dwar ekonomija li tara ċertu valur intrinsiku fl-iskarsezza, li tirrevedi mill-ġdid kull governanza msejsa fuq is-segretezza, li taħseb mill-



**Peter Drucker (1909 - 2005)**

ġdid dwar liġijiet ibbażati fuq id-dritt tal-propjetà, u terġa' anki taħseb mill-ġdid dwar tmexxija bbażata fuq ġerarkija.

Dawn ir-rivoluzzjonijiet interattivi u li jseħħu flimkien għandhom loġika interna tagħhom: aktar ma jirnexxielna niskopruha aħjar inkunu. Fil-qalba tal-loġika tax-xjenza u teknoloġija hemm ħsieb ta' bixra Newtonjana: pjaneti li jduru ta' poter li joħloq l-għerf b'mod li ma jaħbtux ma' xulxin b'xi dannu għall-ispeċi umana. Il-mixja tax-xjenza u teknoloġija hija stimulata minn katuba li tħabbat bla heda l-pass ta' progress "inevitabbli". Il-loġika hija waħda lineari: hekk kif inħollu l-kobor tan-Natura rridu b'mod naturali naħsbu dwar it-teknoloġiji li x-xjenza ġdida tirrendi possibbli; jekk dawn it-teknoloġiji ġodda jwassluna biex noħolqu magni u proċessi ġodda, aħna allura rridu bilfors niddisinjawhom, nibnuhom, u nużawhom.

Iżda l-burdata tas-soċjetà moderna m'għadha taċċetta ebda transizzjoni bla kritika ta' ħsibijiet xjentifiċi għal ġo xi dommi soċjali. Illum il-"progress" imbuttat mix-xjenza u teknoloġija tant sar perikoluż, l-effetti tiegħu tant jidħlu kullimkien u f'kollox, u n-nies li jħossu li għandhom jieħdu sehem fid-deċiżjonijiet dwaru tant huma numerużi u diversi, li ċerta reżistenza popolari għal-loġika interna tal-metodu xjentifiku kibret u għadha tikber.

L-evidenza għal din il-burdata ambivalenti – affaxxinata mix-xjenza iżda forsi tibża' mit-teknoloġija – għadna niltaqgħu magħha madwarna. Fuq temi ambjentali rajnieha simbolizzata fl-1962 fil-ktieb influenti ta' Rachel Carson *Silent Spring*. "Il-




kontroll tan-natrura", kienet kitbet, "hija frazi konċepita fl-arroganza, imwielda fl-era Neanderthali tal-bijoloġija u filosofija, meta konna nissopponu li n-natura teżisti għall-konvenjenza tal-bniedem." Wara ġie l-mikro-bijologu Svediż Carl-Goran Heden li poġġa l-kwistjoni f'dal-kliem: "It-teknoloġija trid tiġi mfassla għall-Bniedem jekk ser tkun ta' anki l-inqas użu. Jekk it-teknoloġija tmur oltre l-kapaċità li tiġi mifhuma mill-bniedem medju, u barra minn hekk tkun iggvernata minn esperti f'pajjiżi mbiegħda, dan jagħti lok għall-insigurezza, u jwelled in-nuqqas ta' fiduċja u n-nuqqas ta' azzjoni."

Madwar id-dinja l-frosta teknoloġika ħadet firxa ta' forom. Daħlet fil-politika partiġġjana (għandna, pereżempju, il-"Partit tal-Ħodor"), fil-kummerċ (formula "għal babies", "sigurezza" fil-karozzi, it-tipjip), fil-politika pubblika (arja nadifa, xita aċiduża, l-ismog, l-istorbju tal-ajruplani), fir-relazzjonijiet internazzjonali (kontroll tal-armi, qbil biex jitnaqqas it-tinġiż tal-arja, ħarsien tal-ivvjaġġar bl-ajru). Il-ħassieba fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw ilhom jitkellmu dwar metodi ġodda ta' żvilupp li ma jkollhomx bżonn tal-ħala u ta' nuqqas ta' ġustizzja, li dawna donnhom, fis-soċjetà industrijali, saru jimxu id f'id mal-"progress".

Għadd kbir ta' bnedmin, f'tużżani ta' pajjiżi, saru jifhmu għalhekk li jekk inħalluha timxi bil-"loġika interna" tagħha, mingħajr ma s-soċjetà tifformula u ssawwar il-kundizzjonijiet u l-politika meħtieġa, ix-"xjenza-u-teknoloġija" tista' u effettivament tipproduċi dik is-sitwazzjoni li l-inġiniera jsejħulha "ħarba lejn il-massimu – *runaway to maximum*". Illum ħloqna l-kapaċità li dan kollu intemmuh, jew, bħala alternattiva, li nagħmlu l-avventura umana waħda bla tmiem u sabiħa. Aħna nistgħu nagħmlu din id-dinja post fejn wieħed ma jiflaħx jgħix, jew, bħala alternattiva, post fejn hija l-isbaħ esperjenza li tkun fiha. Il-maġija tal-ġenetika tista' twassalna biex insawru lilna nfusna u anki, b'mod speċjali, lil dawk li ġejjin warajna – dejjem jekk aħna jirnexxielna nirraġunaw sew dak li nixtiquhom ikunu.

L-unika ħaġa li ma nistgħux nagħmlu, f'din l-Era tal-Informazzjoni, hija li nżommu lin-nies kwieti dwar dan kollu, u dan billi nżommuhom injoranti. It-tixrid tal-edukazzjoni tal-massa ġab fix-xija tiegħu rivoluzzjoni għal ġustizzja dinjija, talba u insistenza akbar għal aktar parteċipazzjoni li tiżgura li s-sbuħija tax-xjenza u teknoloġija huma mxerrdin fil-wisa' u b'ugwaljanza.

Dak li joħroġ bħala perspettiva – kważi 400 sena wara Newton – huwa tiżwiġ ta' limiti umani u opportunitajiet umani, bl-opportunitajiet jersqu quddiemna biss jekk l-ispeċi umana tikkontrolla lilha nnifisha b'etika ekoloġika. Dak li aħna issa niddeċiedu li nagħmlu lill-ambjent naturali jista', għall-ewwel darba fl-istorja tad-dinja, ikun aktar sinjifikanti minn dak li n-Natura tagħmel lil, u għall-ispeċi umana. Din it-tiżwiġa, anonima, issa hija aktar relevanti minn qatt qabel:

"Ħaġa stramba li l-bniedem jista' jagħmel listi ta' affarijiet ħajjin li huma mhedda…
Li ma jirnexxilux idaħħal lilu nnifsu fil-lista hija verament ferm aktar stramba."

Fi żminijietna l-fallimenti soċjali tax-xjenza u teknoloġija – il-perikli fis-saħħa esplussiva nukleari, id-dilemmi morali inerenti fil-bijoteknoloġija, il-potenzjali f'tibdil fil-klima li bħalu qatt ma rajna, il-mirakli ambigwi tal-informatika – dawna huma kollha affarijiet li huma magħrufa madwar id-dinja kollha, u, iva, qed iwasslu għal aktar tħassib. Il-"loġika interna" tar-Rivoluzzjoni Xjentifika issa qed nistaqsu ħafna aktar dwarha: is-saħħa tal-biża' tagħha qatt aktar mhi ser tkun dak li kienet.

**L-awtur ta' din il-kitba, Dr. John Consiglio, huwa l-awtur tal-ktieb *L-Ekonomija fi Lsien ix-Xjenza u Filosofija*, maħruġ minn Faraxa Publishers, Malta, fl-2020.**




## IN-NATURA FIR-RUMANZ *RAĠEL BIL-GĦAQAL* TA' ĠUŻÈ GALEA

**Studju ta' Victor V. Vella**

Il-kelma natura bħat-tifsira tagħha tant hi vasta li jaqbel li tgħid xi trid tfisser bil-kelma 'natura'. Hemm in-natura tal-bniedem... x'tip ta' bniedem hu... hemm in-natura fiżika, dak li naraw madwarna li hu naturali, jew qrib kif ġie maħluq... hemm ukoll in-*natura naturans*, in-natura irranġata, bħalma kien jagħmel Cezanne li qabel ma kien ipitter veduta kien jaqta' xi siġra biex ineħħiha 'min-nofs' jew jiżbor xi oħra bħal fatta jaqtagħalha xagħarha biex tidher isbaħ u tiġi taqbel ma' dak li ried ipitter.

Fil-kitba m'hemmx għalfejn tqaċċat u tiżbor għax 'is-siġra' tista' tinjoraha jew iċċekkinha jew tkabbarha jew...

F'ħafna mil-letteratura n-natura nsibuha deskritta jew imsemmijja kif inhi, bl-għeruq u x-xniexel. "For nature to me was all in all", kiteb il-poeta Ingliż Wordsworth u ħafna bħalu li kienu jħobbu n-natura fiżika li aħna mdawrin biha. Insemmuha bħala l-ambjent naturali. In-natura kif narawha u kif inħossuha tilgħab parti importanti fil-letteratura. F'ħafna kitba jagħtik li tgħid li n-natura jew il-veduta tieħu ċ-ċentru tal-kitba speċjalment meta ssib poeta li donnu jinftilef fiha, bħalma għamel Dun Karm fl-'introduzzjoni' tal-poeżija *Żjara lil Gesu*... fejn l-ewwel erba' versi jolqtuk mill-ewwel b'dik is-serenità li tistenna f'poeżija bħal dik u li tħawwar il-poeżija kollha:

................ Kienet il-ħabta
li d-dwieli jinżgħu u lis-sid iroddu
l-aħħar għenieqed u maż-żiffa ħelwa
itir il-weraq isfar u jitgħajjeb...

Dan mill-ewwel jixhed il-paralleliżmu jew il-mixi id f'id tan-natura mal-ġrajja tal-istorja jew tal-poeżija. Turi l-melodija u ż-żifna ta' bejn natura u tema jew suġġett kif it-tnejn jilagħbu u jaħdmu flimkien, sakemm waħda ma tirbaħx jew tissupera lill-oħra.

Avolja fil-każ li n-natura ma tibqax kwieta u ħiemda, avolja jgħaddi r-riħ ivenven u l-baħar jitqalleb '... bil-kurrent tal-Fliegu', dan il-bilanċ, din iż-żifna ma tintilifx... bħalma juri tajjeb Ġużè Galea fir-rumanz tiegħu *Raġel bil-Għaqal*.

Dan ir-rumanz storiku għadu meqjus bħala wieħed mill-isbaħ rumanzi tal-Malti. Fih storja ta' kunflitt, ġlieda kontra l-ħażen u l-abbużi ta' poter u ta' flus. Tant kien ħsiebu fil-'ġlieda' stess li l-awtur ma riedx idaħħal imħabba jew ukoll mara fir-rumanz. Donnu ried iżomm mal-linja tas-suġġett jew tal-istorja mingħajr ma daħħal 'side shows'. Turi missjoni ċara u diretta fil-kitba tiegħu.

Imma Galea seta' jara li s-suġġett kellu bżonn ta' *detours*, ta' xi ħaġa biex l-istorja ma tibqax xotta xotta u tiġi storja b'tagħlima fuq il-kunflitt. Il-kunflitt ta' *Raġel bil-Għaqal* fih battuti ta' kwiet u ta' ħsieb, insomma ta' xi ħaġa li tnissik għal ftit it-traġedja nnifisha. U hawn l-awtur wera l-kapaċità tiegħu li jvarja u jżommna naqraw u ħawwar l-istorja b'ħaġa oħra: daħħal in-natura u f'ħafna każi jidħol il-baħar. F'dan ir-rumanz hemm bilanċ sabieħ u li hu effettiv bejn l-istorja fiha nnfisha u n-natura. Il-vinjettes imxerrdin 'l hawn u 'l hinn fl-istorja joffru ftit intervalli jew pawsi fil-'ġlieda' u fl-istess ħin jgħinuha. Jagħtik li tgħid li l-awtur tal-proża dan għamlu b'iktar sengħa minn Dun Karm: tal-aħħar iffissa naqra żżejjed fuq in-natura u nesa t-tema tal-poeżija ż-żjara nnifisha... għax donnu ntilef fis-sbuħija tan-natura. Imma Galea żamm il-kontroll u l-bilanċ fejn in-natura qiegħda hemm jew użata biex tgħin u sseddaq l-istorja. Mhux li tieħu f'idejha l-istorja jew titfiha. Anzi...

Fir-rumanz tiegħu Galea ma joqgħodx jintilef fuq dak li l-karattri jkunu jħossu u jaħsbu, fuq il-psikoloġija tal-karattri: iżjed ikkonċentra fuq l-azzjoni, fuq dak li jagħmlu. Mhux għax ħallih barra għal kollox. Galea jdaħħal in-natura biex tgħinu f'dan il-każ, u jdaħħal l-iżjed il-baħar biex jasal li jagħtina ħjiel il-karattri x'inhuma jħossu avolja ma jgħidux u wkoll juru permezz tal-baħar x'kapaċi jagħmlu, kemm huma qalbiena, kemm huma dedikati fil-ġlieda li lesti li jsofru u jbatu.

Kulħadd hu familjari ftit jew wisq man-natura bħala ambjent għax imdawrin biha. Għalhekk l-awtur jappella lill-qarrej biex jgħinu jew biex jagħmel il-parti tiegħu ħalli jġib quddiem għajnejh l-awtur xi jrid jgħid u jfisser. Għalhekk Galea jikkonċentra fuq id-dettalji tan-natura biex ma jdejjaqx lill-qarrej b'dak li hu familjari żżejjed. Bħal f'dan l-eżempju li hu xhieda soda tal-kapaċità tal-awtur li jiddeskrivi u dan jagħmlu mingħajr ma jdejjaq:

... il-qlugħ kien miftuħ imma merħi; il-qala tat-tarkett u dak tal-parukett kienu mċarrtin u jlaħalħu l-ħin kollu; l-istrali maqtugħin u jixxejru mar-riħ ħafna mis-sarsi mqaċċtin u bosta ċimi mdendlin jitkaxkru u jgħumu f'wiċċ il-baħar.....

Dawn id-dettalji li fil-ħajja jaqbżulna għax ma jidħlux taħt il-lenti tagħna huma sinjali ċari ta' kittieb tal-affari tiegħu u li juri li jaf fuq xiex qiegħed jitkellem, u mhux qiegħed jikteb biex itawwal u jimpressjona. Juru wkoll kemm l-awtur hu kapaċi janalizza ċerti aspetti tan-natura mingħajr ma jsir botanista jew xjentist u jaqa' fid-dettalji li ma għandhom x'jaqsmu xejn mal-istorja nnifisha. Anzi, il-mod kif jiddeskrivi l-ambjent, baħar u l-bqija, Galea jevoka n-natura bħala karattru ieħor importanti, iva, imma li joqgħod wara l-kwinti. Imma xorta tfiġġ kultant u turi wiċċha li jintona ferm ma' dak li jkun qiegħed jiġri jew għaddej fl-istorja. Waqt il-ġlied u l-kunflitt u l-kwistjonijiet, Galea jħares 'l fuq u jara:

... is-swied ta' sema, dik il-kruha ta' ajru u dak ir-riħ tqil... li ħeddlu lis-suldati... li kienu jisħtu li min bagħathom...

Iva, imma mbagħad meta Marku Falzun u Luqa Briffa u ibnu waslu quddiem il-bieb tal-Imdina, Ġużè Galea jħares lejn is-sema b'nuċċali ieħor u jdaħħal kuntrast effettiv billi jurina wkoll in-naħa l-oħra tan-natura u b'ton liriku jgħidilna li:

... fis-sema kien hemm ħmura donnha raxx id-deheb, il-qanpiena tal-kunventi u tal-knejjes kienu jdoqqu... għat-talba ta' filgħaxija u l-bdiewa u r-raħħala kienu qegħdin jinġabru għall-mistrieħ...

Hawn jagħtina xena sabiħa fi ftit kliem ta' aspett ieħor tan-'natura' umana u soċjali ta' dak iż-żmien poġġuta f'ambjent ta' nżul ix-xemx.

Fuq kollox fir-rumanz *Raġel bil-Għaqal* in-natura hi ttrattata bħala mezz ta' ħelsien, speċjalment dawk ix-xeni ta' fuq il-baħar, fejn il-baħar isir il-ħabib li jgħinek taħrab. Tista' wkoll tieħdu bħala eżempju tal-użu tan-natura bħala metafora, fejn il-maltemp u t-taqlib tal-ajru u tal-baħar jimxu id f'id mat-taqlib u l-ġlied li għaddej bejn il-karattri. Jew ukoll fil-kuntrast li ħoloq meta daħħal l-ajru u fi ftit kliem ħoloq il-qatgħa u 'l-għagħa' u d-'dehxa' tas-suldati. Dan kollu ġara f'leħħa ta' berqa u kif wara l-berqa jinstama' r-ragħad, hekk minnufih il-ħemda ta' dak il-wied inkisret b'għajat ta' qilla u qamu ħamba u għagħa li jwaħħxu.

Galea juża l-baħar bħala mezz biex wieħed jaħrab minn xi ħaga imma mhux li joqgħod fuq ir-ramel jew fuq dgħajsa jistad u jistrieħ. Il-baħar ta' Galea hu mqalleb u tempestuż bħall-ħajja imma jservi bħala mezz ta' ħarba li fost it-taqlib li tgħaddi minnu jista' jwasslek għal certa libertà u kwiet, avolja mhux għat-tul. Bhalma naraw u nħossu f'din is-silta:

... qadfu ferqu l-medda baħar li tifred Kemmuna minn Malta. Laħqu l-kanal ta' bejn il-Kmiemen. Għaddew minn dik ir-roqgħa baħar baxx bil-qiegħ imrammel u abjad qisu tapit tal-fidda u daru lejn il-lemin ...

Nistgħu naraw ukoll kif mal-moviment u ċ-ċaqliq tad-dgħajsa l-awtur joħloq xena impressjonistika f'erba' versi.

Il-ġlieda għas-sewwa ta' Marku Falzun f'idejn Ġużè Galea fiha numru ġmielu ta' aspetti. Ir-rumanz kif inhu mfassal joħloq tant tajjeb il-kunflitt kemm fiżiku u morali bejn Marku Falzon u Diegu Alagona u wkoll bejn il-bniedem u n-natura. In-natura, b'enfasi fuq il-baħar, għall-awtur mhix bħas-sħab li jgħaddi jittajjar fis-sema, imma bl-ambjenti differenti tagħha tilgħab parti importanti u ssaħħaħ l-istorja stess u tkabbrilha t-tifsira u l-messaġġ tagħha.




***BAĦAR IL-MEWT U REĊTI OĦRA GĦALL-ISTUDENTI*** **ta' Mario Azzopardi, Pubblikazzjoni Merlin u Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, 2020**

Din hija ġabra ta' 20 reċta jew mikro-dramm li Mario Azzopardi kiteb apposta għall-istudenti tal-iskejjel sekondarji. Azzopardi huwa magħruf bħala poeta u kiteb ukoll numru ta' rakkonti qosra għaż-żgħażagħ, imma l-esperjenza tiegħu fit-tagħlim tad-drama hija vasta. Hawn huwa jagħti xeħta drammatika lill-poeżija u b'hekk juri kemm għadha rilevanti anki fi żminijietna.

Fid-Daħla għall-ktieb l-awtur stess jikteb li permezz ta' dawn ir-reċti qosra, l-istudenti, flimkien mal-għalliema tagħhom, jingħataw rwol attiv li jagħti ħajja lill-versi u b'hekk il-poeżiji tas-sillabu jingħataw xeħta kompletament differenti.

Il-poeżiji li jagħżel Azzopardi huma miktubin minn sitt poeti Maltin li l-istudenti huma familjari magħhom (Karmenu Vassallo, Rużar Briffa, Ġan Anton Vassallo, Patri Ġużè Delia, Patri Anastasju Cuschieri, u Anton Buttigieg). Azzopardi jagħżel bħala ispirazzjoni anki żewġ kitbiet narrattivi mill-pinna ta' Ġużè Ellul Mercer u Lino Spiteri. Dawn flimkien ma' mikro-drammi oħrajn, jittrattaw numru ta' temi soċjali li l-istudenti Maltin huma konxji tagħhom ladarba huma preżenti anki fil-kuntest soċjali Malti.

Mill-ewwel jolqtu d-didaskaliji, mela dak it-tagħrif li jispjega min huma l-personaġġi tal-mikro-dramm, il-pożizzjoni tagħhom fil-klassi (li hawn isservi bħala palk fejn isseħħ ir-reċitazzjoni ħajja), min ikun qed jitkellem.

Fl-ewwel reċta, ispirata mill-poeżija "Raħal Twelidi" ta' Karmenu Vassallo, taħkem atmosfera ta' nostalġija, b'Malta tal-imgħoddi u bir-raħal bħala spazju li kien għadu uman, u fejn kienet taħkem is-solidarjetà bejn il-ġirien. Diġà mill-ewwel reċta naraw kif Azzopardi jorbot flimkien fi struttura armonjuża n-narrattiva, il-poeżija u d-drama. Hemm ċerti ripetizzjonijiet, versi li għandhom mir-ritmu u mill-mużikalità tal-poeżija anki fil-kuntest tal-mikro-dramm. Drabi oħra niltaqgħu ma' partijiet li fl-imgħoddi kienu afdati lill-kor Grieg li jqabbel il-kliem, xi drabi anki b'ċerta ironija. Jiġu inklużi wkoll xi strumenti mużikali biex joħolqu iktar effett drammatiku. Fuq kollox il-parteċipazzjoni tal-istudenti żgħażagħ fil-klassi.

Fit-tieni reċta, ispirata minn "Tristis Est Anima Mea" ta' Rużar Briffa, Azzopardi jabbina din il-poeżija mad-dramm tal-Passjoni. Imbagħad, it-tielet reċta, ispirata minn poeżija ta' Ġan Anton Vassallo, tassumi tema politiko-ambjentali: il-progress li llum seraq ħafna mill-isbuħija naturali ta' Malta, u l-firda li teżisti bejn il-Maltin rigward kull argument jew qasam. L-idea muftieħ hawn hija 'forum', kelma li ż-żgħażagħ jeħtieġu jifhmu t-tifsira tagħha u jibdew jipprattikawha.

"San Franġisk u l-Gamiem" hi reċta li tfakkar li l-poeżija hi xi ħaġa ħajja, mhix tal-passat, u tista' twassal għal dibattitu. Hawn jiġu ttrattati l-faqar u d-drittijiet tal-annimali. Il-mini-dramm bil-għan li jitqajmu numru ta' mistoqsijiet għal dibattitu san bejn iż-żgħażagħ, minn fejn għandu jitwieled sens kritiku matur jidher ukoll fil-ħames reċta ispirata minn poeżija ta' Patri Anastasju Cuschieri: din id-darba s-suġġett hu l-qasma bejn il-ġenerazzjonijiet, mela bejn mentalitajiet tal-imgħoddi u oħrajn tal-preżent.



Anki l-aħħar reċta hi ispirata minn poeżija Maltija klassika - l-eleġija "Niftakar" ta' Anton Buttigieg – u tittratta dan it-tieni President tar-Repubblika ta' Malta li minkejja l-imrar li ħabbat wiċċu miegħu matul ħajtu, ma qatax qalbu u żżewweġ iktar minn darba. Tissemma wkoll ir-rabta tiegħu mal-Ħamrun, il-poet fejn twield Mario Azzopardi stess.

L-għaxar reċti li jmiss ma jintrabtux ma' poeżiji partikolari. Niltaqgħu ma' Buffu li jitkellem dwar ħaġa li ma ddaħħaqx: l-abbuż fuq il-minorenni u n-numru telefoniku ta' għajnuna 179, imma anki dwar l-ulied abbandunati għal rashom għax il-ġenituri jaħdmu għal sigħat twal barra mid-dar. Buffu ieħor li jintrabat mal-Commedia dell'Arte, Arlekkinu, jitkellem dwar il-bulliżmu. Azzopardi jagħtina wkoll tagħrif f'tarf il-paġna dwar il-Commedia dell'Arte u l-influwenza tagħha fuq drammaturgi Maltin bħal Oreste Calleja u Joe Friggieri. Hawn l-istudent qed jiġi mħajjar jaqra xogħlijiet teatrali ta' kittieba lokali. F'kitba oħra l-buffu jerġa' jitkellem dwar ħwejjeġ serji, din id-darba dwar l-effetti tal-*gadgets* elettroniċi fuq iż-żgħażagħ.

Reċta oħra hija dwar il-ġenituri li jċedu u jixtru lil uliedhom dak kollu li jixtiequ, u r-relazzjoni bejn in-neputijiet u n-nanniet ladarba l-ġenituri jkunu x-xogħol. Hawn niġu mfakkra wkoll li biż-żmien qed inwarrbu ċerti tradizzjonijiet Maltin biex inħaddnu modi ta' aġir moderni u materjalistiċi. Il-figura tan-nannu u r-rabta tiegħu man-neputija terġa' tidher f'"Patricia u Rosella: Ħbieb", imma hawn jiġu ttrattati wkoll in-nutrizzjoni sana, ir-raba' u l-ġonna li posthom ħaduhom il-bini u l-konkrit, il-kożmetiċi u prodotti oħra ta' sbuħija. Hawn jinstema' wkoll leħen l-ispekulatur-żviluppatur, u jissemma l-konfront bejn x'teħtieġ l-ekonomija u r-rispett lejn il-patrimonju Malti.

Wieħed mill-mikro-drammi hu ispirat mill-ħrafa ta' Cinderella, imma bi tmiem differenti. Hawn jiġi ttrattat in-nuqqas ta' paċenzja min-naħa tal-ġenerazzjoniiet iż-żgħar. Jiġu ttrattati r-relazzjonijiet gay, dwar kif jintlaqgħu hawn Malta u l-bulliżmu u l-intolleranza li jrid jaffaċċja min hu gay. F'kitba oħra, niltaqgħu wkoll mal-figura ta' Humpty Dumpty biex niftakru fil-bżonn tal-ħsieb kritiku, kontra l-aljenazzjoni, il-moħħ vojt, u l-manipulazzjoni politika.

Ir-reċta "Baħar il-Mewt", mela dik li tagħti isem lill-ġabra sħiħa, hija dwar it-traġedji li jiltaqgħu magħhom l-immigranti, inklużi t-tfal, li jaqsmu l-Mediterran li issa sar ċimiterju kbir. Hawn jinxteħet dawl fuq minn fejn ġejjin dawn l-isfortunati, għaliex jaħarbu minn pajjiżhom, u ma' xiex iħabbtu wiċċhom. Hija storja li tintrabat ma' dik tal-ilsiera ta' ġilda sewda fl-imgħoddi. Anki hawn il-figura tal-klawn li mill-ġdid għandu mill-Arlekkin.

"Id-Diversità fl-Ewropa" hija mill-ġdid dwar l-għaliex ir-refuġjati jaħarbu minn pajjiżhom, dwar jekk verament l-Ewropa temminx fid-diversità, u dwar il-ħitan li qed jinbnew biex l-Afrikani u l-Islamiċi jinżammu barra. Anki hawn il-figura tal-buffu li jistieden għal dibattitu intelliġenti fost nies intelliġenti.



Bħala għalliem, Azzopardi ma setax ma jittrattax is-sistemi ta' tagħlim u kif jinbidlu mal-mixja taż-żmien (ara "Tagħlim Kollaborattiv"). Jistaqsi liema tip ta' tagħlim jgħin biex iż-żgħażagħ ikunu kreattivi u intraprendenti. Jissemmew Dun Karm u l-poeżija "Id-Dar", Google, u 'We don't need no education' tal-Pink Floyd. Fuq kollox il-kollaborazzjoni bejn l-għalliem u l-istudent, li fuqha tinsisti din il-ġabra ta' reċti sħiħa. Mela dak li qed jagħmel Azzopardi hawn hu li juri kemm l-għalliema, illum iktar mill-bieraħ,

għandhom rwol importanti biex inisslu ċittadini responsabbli u maturi.

"Żvilupp Sostenibbli" isimha magħha. Hi wkoll dwar it-tniġġis tal-ambjent, il-faqar f'pajjiżna, il-bżonn ta' politika ta' integrazzjoni tar-refuġjati, u dwar kif tista' tiġi solvuta l-problema tat-traffiku.

"Ċensina" hija reċta ispirata minn kitba ta' Lino Spiteri, politiku u kittieb prim. Jissemmew l-Interdett, il-ġustizzja soċjali, id-diżabbiltà fiżika li m'għadhiex ittellef l-ambizzjonijiet ta' dak li jkun, u l-injoranza li tħalli lill-individwu fil-faqar u fil-miżerja. Hawn l-istudenti jiltaqgħu ma' Victor Fenech, kittieb, poeta, u ħabib kbir ta' Lino Spiteri.

"Firda minn Kelb" imbagħad hija ispirata minn kitba ta' Ġużè Ellul Mercer. Jissemma kittieb ieħor, Ġużè Chetcuti. Hawn Azzopardi jittratta r-rabta bejn il-bniedem u l-annimal. Hemm siltiet f'dawn il-mikro-drammi li għandhom mill-poeproża.

Mitqilhom deheb huma l-punti għad-diskussjoni li minn ħin għall-ieħor jistiednu għall-ħsieb kritiku, xi ħaġa li neqsin minnha ħafna bħala poplu. Hemm ukoll il-kunċett ta' 'spettaturi', mela l-istudenti li minn spettaturi passivi jsiru atturi parteċipanti attivi. Huma importanti f'dan il-każ għalliema kreattivi, diżinibiti u ħielsa minn kull riġidità u li jemmnu f'tagħlim interattiv.

Dawn l-għoxrin  reċta huma prova ħajja tal-fatt li Mario Azzopardi jaf sewwa kemm is-soċjetà Maltija kontemporanja, kif ukoll id-dinja taż-żgħażagħ. Huma wkoll prova tal-imħabba ta' dan il-kittieb kemm lejn art twelidu – li jixtiqilha l-ġid billi jikxef numru ta' nuqqasijiet -, kif ukoll lejn il-ġenerazzjoni żagħżugħa. Huma mikro-drammi li joffru opportunità biex iż-żgħażagħ jiftħu moħħhom, ikunu verament kritiċi, bi ħsibijiet tagħhom, u ma jitħallewx jiġu mmanipulati minn mexxejja li ma jridu xejn ħlief poter u ġid personali. Dawn li joffri Mario Azzopardi huma l-muftieħ biex 'il quddiem ikollna ċittadini u mexxejja Maltin maturi, 'armati', u responsabbli tassew, anki billi jitgħallmu jisimgħu u jifhmu sew qabel ma jiftħu ħalqhom u jfajru bl-addoċċ.



## THE ARTIST OF ISOLATION

The artist of isolation has never been spoken of,
till  2020, the malicious year.
So many words, one sole word, Covid 19.
Pandemic, lockdown.
Mask to protect.
All in one year.

The artist of isolation,
came amongst us, emptied the streets, closed shops.
Created isolation.
Isolation lost its art, when people started dying.
Then it  became the master of loss.

I am still walking  the road.
It is overbearing, exhausting,
and almost  blurred.

Never mind the vaccine has come.
And it may look like hope.
That day,  I will dream of a new life.

Finally, when the day comes, and the Pandemic becomes a memory.
And the  artist  who painted isolation will fade.
It means travel again, social life and meeting people.
The life which we wanted to live before the dreaded covid

**MARY ANNE ZAMMIT**

**NARĊISSIŻMU**
**omaġġ lil Ovidju ta' Metamorfosi**

Ta' spiss għarkupptejna
quddiem għadira kbira
qisna qed nitolbu bil-qima.

Nogħxew bina nfusna ... inqimu
ir-rifless ta' wiċċna jmewweġ
fil-wiċċ tal-ilma ċar li jpaxxina.

Nitpaxxew bil-fond tal-ilma
u bih inserrħu rasna u bil-ħarsa fissa
li troddilna x-xbieha tagħna.

Sabiħa wisq l-illużjoni
qabel id-delużjoni bir-rifless:
imqar nitfa żrara mixħuta
tħarbat fiċ-ċert wiċċ Narċisu.

**CARMEL SCICLUNA**

**IR-RAĠEL TAD-DEŻERT**

Jien raġel tad-dinja,
imbiegħed mid-dinja,
niskarta tal-kotra il-ġenn.
Ma għandi mkien tiegħi,
inġorr id-dar miegħi,
taħt saqaf tad-tinda nistkenn.
Jien niekol mill-bqija
li ttini l-ħamrija,
ħaxix u mill-frott tas-siġriet.
U ġieli jrejquni,
l-wiżgħat, l-iskorpjuni,
u niekol imqar ġradijiet.
Il-ħwejjeġ ta' fuqi
jixhduli senduqi,
inxidd biss il-ġild tal-ħaruf.
Nitriegħed bil-kesħa,
ninfileġ bis-sħana,
fil-qilla tax-xitwa u s-sjuf.
Twelidt biex inxandar
u nħabbar il-bxara
li qorob il-waqt tal-ħelsien.
Jien ġejt inwiddibkom,
biex tindmu mill-ħtija,
li ssarraf għalikom telfien.

**CHARLES MIFSUD**

**UN'ALBA INSOLITA**

Sorrido quando penso a quell'alba insolita,
a tratti buffa, passionale, giocosa,
che con un sottile bagliore d'argento
delineava le nostre anime nude e splendenti.

In un mondo fatto di cose bizzarre e gente di
passaggio,
ci sbattiamo incontro più volte (volendo che a caso).

M'inciampo ridendo tra le tue battute,
a volte un po' sciocche,
a volte un po' troppo d'alta cultura,
per poi lasciarti cullarmi
verso orizzonti lontani.

**KAREN MAMO**

**ISA, ISA**

Qed idoqq l-arloġġ tal-knisja
bejn kampnari paċenzjużi;
il-kennies għaddej inaddaf
taħt għajnejn kemxejn kurjużi;
X'dinja din! Ma tifhem xejn!
Tifhem? Kif? U mnejn safejn?
Tal-ħaxix jiżen u jkejjel
b'nisa għajjenin, anzjużi;
il-larinġ u dak il-lumi
jħarsu lejk meraviljużi.
    Min isajjar ikel bnin,
    u min jiekol biss għaġin.
Dak il-ħmar, miskin, iddejjaq
bid-dubbien nofshom burużi.
Isa... d-dar qed jistennewni
tal-pitazz dawk il-fillieri
fejn bħal ilma ġieri
paġni sħaħ jimtlew,
fejn jehdew
il-karattri
li ġa bdew
jiddejqu.

**KARMENU MALLIA**
**(Fi Ġnien il-Kunsill Lokali, Ħaż-Żabbar, 4.3.'21)**

**SWEET… LITTLE… ME**

Sometimes you get discoyraged…
Because I am so small,
And always leave my fongerrints
On furniture and walls…..

But every day I'm growing…..
I'll be grown up some day…..
And all those tiny handprints
Will surely fade away…..

So here's a final handprint
Just so you can recall
Exactly how my fongers looked…
When I was so very small….

**JOHN CONSIGLIO**

**RIĦ**

Buffuri li jagħtu frisk waqt is-sħana;
ifewġu biex ikessħu fil-maltemp.
Jista' jagħmel ħafna ħsara,
iżda ċertament bih titnaddaf qiegħa.
Jonfoħ f'direzzjonijiet differenti;
xi kultant b'saħħtu, li jiknes xagħra
x'ħin jaqsam u jifrex għal naħat oħra,
biex iwarrab jew jiġma' sħab,
għall-inżul tax-xita, hekk kif dawn
jaħbtu ma' muntanji għoljin bis-silġ.
Ir-riħ irewwaħ fil-baxx is-sħab iswed,
u dawn jimtlew, biex wara jitqalu hawn
bil-ksieħ, u b'dak li ġabar bl-infiħ.
Ixerred żrieragħ mal-wesgħa,
biex ixettel jew inibbet fir-raba'
u fil-blat, siġar li jifilħu għat-temp;
imbagħad jikbru f'imsaġar fgati b'ħdura.
Ir-riħ jagħżel triqtu kif idur b'xaba',
f'ċrieki differenti 'l hawn u 'l hinn
bis-setgħa ta' dawk madwaru li sawruh,
biex iħalli l-effett tiegħu f'ħakka t'għajn.
Jużawh biex joħloq l-enerġija pura
li din iddawwar biex issuq
lil kull ħaġa taħdem b'sforz tad-dirgħajn;
ukoll biex l-arja jeħles minn tniġġis.
Bħal kull ħaġa hu għandu
żewġt uċuħ b'kawża tiegħu;
dak li hu ta' ġid kif ukoll ta' deni;
għal xi wħud li jinqdew bih,
hekk kif mil-lejl għan-nhar ibiddel miegħu
it-tbassir qabel, tal-aqwa ħabbara;
iżda li warajh iħalli ma tobsrux
għax biss meta jehda mal-ħin tkun taf,
x'ħin qawwa wara titmewwet għal kalma,
qisu qatt ma kien xejn li ġara;
imma wara b'li tara kulħadd ikun jaf.

**JOSEPH BONNICI**

**U KIF TAQBAD**

U kif taqbad tikkonkludi
jekk tweġiba waħda m'hemmx
sa ma tibda tħammem, thewden,
tisreġ rasek f'ħarqa xemx.

U kif tasal tagħmel tikka
jekk il-ħsus għadhom ħerġin,
u minkejja d-diżappunti
l-għoqod kollha maħlulin.

Tama waħda, ħolma kbira
tbiddel tista' s-sentiment
bla ma tiġbed sinjal fl-aħħar,
tagħlaq fommok bla kumment.

**CHARLES BEZZINA**

**MALTA, MALTA**

Malta Malta, fejn int sejra?
F'liema stat in-nies ġabuk!
Kulħadd f'butu, flusu jaħseb.
Ħlief inkwiet mhumiex jagħtuk.

Il-ħin kollu nhewden fuqek.
X'ħin narak jaqbiżli d-dmugħ..
Inħoss għafsa kbira f'qalbi
x'ħin narak ġisem bla ruħ.

X'inti tħoss, għażiża Ommi?
Għaliex int daqshekk ħosbiena?
Qalbek sewda, b'qalb imnikkta
Tinsab waħdek, titlob ħniena.

Ma nixtieqx narak kif inti.
Wiċċek tbiddel, kollu mrar.
Il-wiċċ sbejjaħ l'inti kellek
issa spiċċa, mar-riħ tar.

Bir-raġun tinsab imdejqa
għax ħlief ħerba m'hawn imkien.
Siġar kbar imqaċċt'għal dejjem,
bini mwaqqa' kullimkien.

X'ħasra tara kull fejn tħares.
Raba' saqwi ġie meħud
biex minfloku bini jitla'
u l-ambjent safa' meqrud.

U xi ngħid għat-telqa kbira.
Din issibha, kullimkien.
Tmur fejn tmur fit-toroq tagħna
ma tarax indafa mkien.

X'ser inħallu lil uliedna?
Flok is-siġar, ġonna sbieħ
se nħallulhom borġ ta' ġebel
fejn imkien ma ssib mistrieħ.

Sa l-għelieqi, 'l ftit li baqa',
waħda, waħda jispiċċaw
għax il-qerda sħiħa tagħhom
aħna wkoll kuljum naraw.

Jiġi ż-żmien, għażiża Malta
meta x-xemx titla' mill-ġdid.
fuq l-irħula sbejħa tagħna
fuq l-ibliet, jekk Alla jrid.

Ejja nkunu responsabbli,
ta' valuri sbieħ u sana.
Kulma nagħmlu, nagħmluh sewwa
b'kull rispett għall-Gżira tagħna.

**JOSEPH SCIBERRAS**

**WAQAFT**

Kif nefħu tal-bidla l-irjieħ
ikaxkru kollox u 'l kulħadd fi triqthom,
waqaft hemm fuq il-mogħdija tal-ħajja...
Waħdi...
b'ħarsti 'l bogħod lejn x'għad ikun:
stajt nara l-ħajja għaddejja,
bla ma ċċediha lil ħadd;
kbir jew żgħir –
kieku stajt niggranfa magħha, kienet toħodni magħha,
li m'għamiltx hekk, kont nitqies imwarrab,
mitluq waħdi nitmermer
f'abbissi tax-xejn.
Ilbieraħ il-ħajja tbissmitli,
b'sarkażmu,
donnha ssaqsini, "Int dak li int?"
Waqaft bla kliem...

**GODWIN FARRUGIA**
**(Tradotta għall-Malti mir-rivista *Cactus Flower*, 2013)**

**KEMM DEWA L-LEĦEN TAL-MUNTANJI MIAO**

pika mal-korijiet tal-empirew
l-ilħna siekta
jidwu qalb il-qċaċet tal-muntanji miao

eleganti r-ritmi ta' dal-ilħna
ġubilanti
u llum nhar iż-żjara ta' dal-ewropej insinifikanti
qed iżanżnu leġġendi koħol nir miżbugħa għall-okkażjoni
kaskati mberflin fiċ-ċpar taż-żminijiet

siġar tat-te tal-arżnu u l-bambù
donnhom maestri
iħabbtu orkestri
li s-sonatini tagħhom mimgħuda mid-dragun
li jgħammar fl-għerien mistiċi
ta' laojun

**ALBERT MARSHALL**
**(minn *Sitt Fanali Ċiniżi-Six Chinese Lanterns*,**
**China Cultural Centre, Malta)**

**BARKATA NIES**

Barkata nies f'nofs baħar qed jitqawwa.

Xewqat fil-qlub iduru.
Beżgħat bla heda jfuru.

Is-sema mkeffen sewwa.
M'hemmx lok għal aktar ħlewwa.

Il-mewġ jaf jiknes kollox u 'l kulħadd.

Barkata nies tistenna li tinħatt.

**ĠORĠ BORĠ**
**(minn *Fittixni fl-Ilma Ġieri*, Horizons, 2018)**

**CERTI STUDENTI!**

Passava a tarda mane frettoloso
col sonno ancor negli occhi lo studente:
tenea di libri un pacco ponderoso,
ma in zucca il poverin non avea niente.

Giunse a la scuola, ahi loco tormentoso!
E vi scaldò cinque ore i banchi - lente
passar quell'ore! Alfin il giorno esoso
declinò a sera. Or, disse, allegramente.

Prese il bastone in man: pose all'occhiello
un rosso fiore e co' compagni a lato
cercò i lampioni a comparir più bello.

Fumò, parlò, sorrise: a una fanciulla
tenne dietro un par d'ore. Alfin stanco
tornossone a dormir... sognò una culla.

**DUN KARM PSAILA**
**(minn *Dun Karm. Le poesie italiane*, ed. Oliver Friggieri, MUP, 2007)**

**LIL MARIO GRISCTI**
**(B'ħajr)**

Ħabib, il-versi sbieħ li ddedikajtli,
kebbsu ġo fija xrar il-poeżija;
il-balzmu jfuħ li fuq il-ġerħa tfajtli
taffieli sħiħ l-uġigħ li għamel bija!

U ħassejt ruħi tqum, bħal meta f'Mejju
raġġ sħun tax-xemx ibus ħaddejn ta' fjura;
u reġgħet l-arpa daqqet għana ħlejju,
'il bogħod mid-dalma tal-ħitan mistura!

U erġajt doqt tal-ħajja l-oħla benna,
u reġa' s-sebħ welled it-tama fija,
erġajt bdejt nemmen li teżisti l-Ġenna,

għax fik sibt xempju sħiħ tal-irġulija
(ħaġa li fuq din l-art mhux spiss imtenna)
li lili offra l-id tal-ħbiberija!

**ALFRED PALMA**
**(minn *Katarsi*, 2020)**

**L-INKWIŻIZZJONI S-SAFRA**

issa l-covid dexx dsatax,
qabilha s-sars, l-ejċ wann in wann,
ilkoll lagħbu d-durella ma' saħħitna.
il-gondola vjola taħt boroż għajnejna,
u l-wiċċ jirtira lura,
quddiem l-inkwiżizzjoni s-safra.
vit l-imnieħer tħalla jqattar,
fuq fomm issingjat,
u geddum lembuti.
min jitlob b'ħarstu mwaħħla mal-isħab,
u min ma jħabbilx rasu li jsir trab.

**MARIO GRISCTI**

**PEDAMENTI**

Rajthom mexjin bl-amment
bl-ixkejjer tas-siment
iġarrfu kull ma jsibu
biex jordmu l-pedament.

Ħarist f'għajnejn imżellġa
f'uċuh miksija mard;
hemm rajt sinjali ħorox
ta' dell il-mewt bla ward.

Min stagħna minn dil-qerda
narah imut kuljum,
minfud minn mitt siringa,
minn snien l-erwieħ migdum.

Il-pedamenti ġodda
rajthom fil-ħolm jinbnew
minn idejn bojod torja
li l-ħażen kollu rmew.

**JOHN MALLIA**

**ĦAJKU**

Mis-sema ċelest
saċ-ċelesti ta' għajnejk
hemm korall leqqien.

**AMANDA BUSUTTIL**

**DISINJI SAJF**

Ballun nar ix-xemx,
faxx kannella dehbi r-ramel
ta' bajja ovali;
strixxa kaħla skura l-baħar
li jitbewwes ma' firxa aktar ċara
ta' sema fuq ix-xefaq.
Umbrella ħadranija, għamla ta' skutella
fuq bastun dritt wieqaf sentinella.

Tielgħa mill-ilma sirena liebsa l-aħmar
bi qtar kristall jiġri ma' ġisimha
waqt li taqbeż u ddur.
Ħolma ta' pittur!

Trijangli ferrieħa l-qlugħ
friefet il-baħar,
jiżfnu mar-ritmu tal-mewġ,
waqt li dgħajjes bil-moqdief
ta' kull lewn u għamla,
u oħrajn bil-mutur
jigirfu rig abjad fl-ikħal skur.

Ilwien u disinji,
ħolm u fantasija
fuq plajja sajfija.

**LINA BROCKDORFF**

**È TEMPO SPRECATO**

Potrebbe essere tempo sprecato.

Come qualcuno che cerca lavoro
per poter vivere
e poi si nasconda dietro il lavoro.

Come qualcuno che cerca
il buono nel bello
e non scopre mai
il vero.

Come qualcuno che cerca il significato
nella parola
ma la parola non è
significato.

Come qualcuno che cerca
la conoscenza
tramite l'incontro
ma quel che viene
è qualcun altro.

Come me
che cerco di scioglermi
che cerco me stesso
in te
ma tu sei lontana.

È tempo sprecato.

**ALFRED GRECH**

**WARA MEWTEK**

Rabbejt lil uliedek
b'għożża u bontà,
lil Alla ħabbejt
bl-ikbar fedeltà,
ħajtek kollha għext
fis-semplicità.
Dan kif nafek jien,
Alla jafek aħjar.
Bil-fidi u tama
li ħaddant u bnejt
ħa tgawdi bil-għama
issa li mteddejt.

**JONATHAN BALZAN**

**VALURI**

Mitbiela jmutu l-fjuri
u bħalhom il-valuri...

U jerġgħu f'rebbiegħ'oħra
mill-ġdid jitwieldu l-fjuri.
'Mma liema rebbiegħ'oħra
se ġġedded il-valuri...?

**CARMEL G. CAUCHI**
(minn *In-Nar fl-Ispirtu Tiegħi*, 2015)

**RUSTICI A PILASCO**

Guglie ritorte
sdentati pinnacoli
soffocati di sterpi e rovi,
muti testimoni
di sfregiate memorie
ricolme nel vuoto
di perduti misteri.
Seppelliti giorni
sviliti d'ogni ardore
chiusi in un patito abbandono,
e nell'aria
l'odore di muschio
che s'attorciglia al sasso.

**MARINO SPINI**
***L-ITALJA, Ardenno (Sondrio)***

**THE SOUTH-WEST WIND**

The south-west wind has blown his fill,
and vanished with departing day:
the air is warm, and very still,
and soft as silks of far Cathay.

This is a night when spirits stray.
Their wan limbs bear them where they will;
they wring their pallid hands alway,
seeing the lights upon the hill.

**GEOFFREY BACHE SMITH**
**(minn *A Spring Harvest*, J2B Publishing, 2019)**

**GABBIANO**

Come aquilone di penne
regno nell'aria
e sui fili dell'onda
vado ad impigliarmi.
Piccolo trionfo
che, in breve, ha fine.
Così, come nella mia vita,
povero e con pena
cercai di innalzarmi,
ma resta solo ricordo,
perché l'ala fu tarpata
dall'odio...

**DANILO TERZAROLI**
**(minn "*Quattro Poesie*", Ciro Punzo Editore, Napoli, 1961)**

**IL TRENO DELLA VITA**
**a Patrick**

Passeggeri nel treno della vita
fingendo o distraendoci a caso
evitiamo di conoscerci – a volte
paurosi di scoprirci o scoprirci
in altri a noi simili – specchi
in cui vediamo si rompe il nostro volto –
difficili frammenti a ricomporre
l'umanità che siamo sempre in viaggio
passando una stazione dopo l'altra
per una meta ormai fatta miraggio
e schermo all'impotenza di arrivare.

**GIUSEPPE NAPOLITANO**
***L-ITALJA***

**WANDERER**

Times are uncertain
Life unpredictable
yet, desires abound
Seeking fulfillment

Allow me to exert
for one more day
in my attempt to empty
the trunk of cravings

The new journey
must begin, unsullied,
without any luggage,
to explore the unknown

Verily all will belong
to the same Cosmos
yet, let me not wonder
as to who will meet

walk and wander with me
on the new voyage, instead
I pray, keep me blessed
to be true to myself

**RAJENDER KRISHAN**
**L-Indja**
**(minn *Wanderer*, Setu Publications, 2021)**




***IŻ-ŻEWĠ UĊUĦ TAL-KWARANTINA*** **ta' Jim Crace, traduzzjoni ta' Charles Flores, Horizons, 2021**

X'aktarx li l-aktar kelma fil-vokabularju dinji li smajna u għadha tirbombja fost il-ġnus tul din l-aħħar sena u nofs hija 'kwarantina'. L-imxija tal-virus qerried kienet u għadha l-kaġun, hekk kif il-bniedem beda jara kif se jeħodha ma' dan is-saram ġdid li ħlief imwiet, telf ta' mpjiegi u tkissir ta' ekonomiji madwar id-dinja ma żerax. Il-ħtieġa tal-kwarantina kienet minnha nnifisha l-aħjar mogħdija lejn il-ħelsien mit-theddida, lejn l-irxuxtar minn tbatijiet fiżiċi, u lejn il-ħarsien tal-maħbubin u l-għeżież tagħna.

Il-kwarantina fil-ktieb rinomat ta' Jim Crace *Quarantine* mhix nieqsa mill-passi ġeblija ta' din l-istess mogħdija. Iżda fiha hemm sfida spiritwali, magħġuna fl-immaġinazzjoni u l-kreattività ta' kittieb li jwassal tqanqil ruħu b'mod li jsaħħrek. X'aktarx anki jaħsdek, kultant forsi anki jgħaddbek. Il-kwarantina ta' Ġesù Kristu fid-deżert, il-karattri kważi surrealistiċi li hemm miegħu jaqsmu l-għatx u l-ġuħ tax-xagħri mbiegħda jiffurmaw stampa li ma titilqekx għal waqt wieħed. F'dawn ix-xeni ta' sikwit issib u tara bċejjeċ minn Malta jfeġġu quddiemek. In-nixfa. Il-ħxejjex. L-ilwien. Ix-xtieli. Ir-reżħa. Is-sħana.

Fl-introduzzjoni tiegħu għal *Quarantine*, rebbieħ tal-Premju Whitbread għall-aqwa rumanz fl-2018, Stuart Evers, kittieb u kritiku ewlieni, jikteb fit-tul dwar l-isfidi li joffri l-qari tal-ktieb. Ixebbah l-iskossi u x-xokkijiet waqt il-qari mal-ambjent tax-xagħri li jiddominaw il-ġrajja tal-ktieb. Jitkellem dwar il-ġibda maġika ta' dan ix-xogħol oriġinali ta' Crace, mhux f'sessjoni waħda ta' qari iżda f'diversi, hekk kif il-qarrej ta' kull darba jkompli jassorbi aktar esperjenzi u sfidi ġodda.

Charles Flores, li qaleb għall-Malti dan ix-xogħol ta' Jim Crace, li huwa professur assoċjat mal-Fakultà tal-Arti tal-Università ta' Malta, jgħid fid-daħla tiegħu li għalih, din it-traduzzjoni kienet opportunità li ma xtaqx jitlifha. Iħoss li bejn twemmin u nuqqas (jew tmermir) ta' twemmin hemm baħar jaqsam u għexieren ta' interpretazzjonijiet. Hu żgur li fil-qasam tal-kitba bil-Malti x'aktarx li qatt ma kellna xogħol daqstant intellettwalment provokattiv u ħawtiel, li jmiss mill-qrib u b'daqshekk intensità l-aspett tal-bniedem u t-twemmin tiegħu, ir-ritwali u t-tradizzjonijiet, l-inżul u t-tlajja' tas-soċjetà, l-imħabba ta' veru u l-qerq, it-tfittxija dejjiema għal xi ħaġa... kollha kemm huma maqbudin f'kitba qawwija fin-nisġa, tgħum fil-metafora u tgħinek taħseb, tipprova tifhem u tħares lejn ħajtek minn lentijiet għal kollox differenti minn xulxin.

Flores isostni wkoll li wasal tabilħaqq il-waqt li, permezz ta' din it-traduzzjoni u oħrajn li jistgħu jsiru ta' kotba ta' din il-bixra, niftħu aktar ix-xefaq ta' quddiemna u ma niddejqux nistaqsu, niddiskutu u nfittxu nkattru d-diversità tal-ħsieb, tal-qalb u, f'suriet differenti u kuntrastanti, ir-ruħ.

*Kwarantina* jinsab għall-bejgħ mill-ħwienet kollha tal-kotba f'Malta u Għawdex jew direttament mingħand Horizons fuq https://horizons.com.mt/




***CHARLES BRIFFA. STUDJI KRITIĊI. VOL. 1*, Imħejjija minn Andrew Sciberras, 2020**

Il-Prof. Charles Briffa huwa kritiku ewlieni tal-letteratura Maltija. F'dan l-ewwel volum, li jtul mal-542 paġna, bl-istil uniku tiegħu jittratta xi wħud minn dawn il-kittieba fit-tul. F'dan il-ktieb insibu studji analitiċi dwar Toni Aquilina, Carmel Attard, Charles Attard, Joe M. Attard, *Erba' Ilħna* - Joseph Axiaq, Josianne X. Azzopardi, Josef Borg u Carlston Grima -, Mario Azzopardi, Jonathan Balzan, Rena Balzan, Charles Bezzina, Ġużè Bonnici, Ċali Bonnici, Ġorġ Borg, Paul P. Borg, Roderick Bovingdon, Louis Briffa, Marie Rose Caruana, Rużar Briffa, Lina Brockdorff, Anton Buttigieg, Michael Buttigieg, Amanda Busuttil, Noel Cachia, Oreste Calleja, Joe Camilleri, Louis Camilleri, Ġużè Cardona, Manwel Anton Caruana, Manwel Anton Caruana, Oliver Friggieri, Marie Rose Caruana, Charles Casha, Ġuże Pullicino Cassar, Albert M. Cassola, Carmel G. Cauchi, Pietru Caxaro, Ġużè Chetcuti, Charles Cilia, Michael Cini u John Cremona. Qabel dan il-volum Andrew Sciberras ħareġ oħrajn dwar Oliver Friggieri, Carmel Attard, u Tarċisju Zarb. Min irid kopja jista' jikkuntattjani fuq l-email: andrewsciberrasartist@gmail.com




***IR-RAĠEL TAS-SKIET* ta' Joe Camilleri, Horizons, 2021**

Wara li s-sena l-oħra Joe Camilleri ħareġ il-ġabra ta' novelli *Mużajċi tat-Tafal* mal-istess dar tal-publikazzjoni, din is-sena għamlilna sorpriża oħra b'dan il-ktieb ġdid ta' 137 paġna li hu stess isejjaħlu "ġabra ta' stejjer aktar leġġeri li b'mod dirett jew indirett huma marbuta ma' San Ġużepp jew mal-kult Ġużeppin", u li jfakkar ukoll il-150 anniversarju minn meta San Ġużepp inħatar bħala l-Patrun tal-Knisja Universali. Din id-darba għandna 18-il rakkont li jitbiegħdu sewwa mit-tematika, mill-karatterizzazzjoni u mill-istilistika tal-publikazzjonijiet preċedenti ta' Camilleri: iċ-ċentru huwa dan il-qaddis li hu magħġun fil-ħajja intima u dik soċjo-kulturali mhux biss tal-awtur imma anki tal-Maltin u l-Għawdxin. Naqraw rakkonti li jesprimu ħasra, biki u kundanna, għat-telfa ta' ġawhar arkitettoniċi li nqerdu; oħrajn għandhom mis-sempliċità tal-ħrejjef u mis-seħer tal-leġġendi. Kollha huma ħolqien tal-fantasija, b'inċidenti, ġrajjiet jew sitwazzjonijiet li twieldu mill-istħajjil, imma jirriflettu tiġrib li jista' jgħaddi minnu kull bniedem li jsib ruħu b'dahru mal-ħajt.




***IL-VANĠELU TA' AMMA*, Poeżiji ta' Rajender Krishan, maqlubin għall-Malti minn Patrick J. Sammut, 2021.**

Din hija ġabra ta' 45 poeżija li oriġinarjament kienu ppubblikati bl-Ingliż fil-ġabra *Amma's Gospel* (2020) tal-poeta Indjan Rajender Krishan. Hawn Patrick Sammut jagħti lill-qarrejja l-opportunità li jaqraw dawn il-poeżiji bl-ilsien Malti. Huma poeżiji ispirati mill-figura kariżmatika u spiritwali ta' Amma, din in-"nanna" li hija wkoll figura materna, li sservi ta' mudell morali eżemplari. Il-poeta jsejjes il-poeżiji tiegħu fuq il-verità u l-valuri fundamentali, filwaqt li Amma tfakkar li l-bniedem fiċ-ċokon tiegħu huwa ħaġa waħda mal-kobor tal-kożmos. Jinħass li f'kull organiżmu ħaj hemm id-divin. Minkejja li Amma m'għadhiex ħajja, jibqgħu f'qalb u f'moħħ il-poeta valuri bħall-gratitudni, rispett, imħabba, umiltà, modestja, ferħ, sabar, kapaċità li tadatta, kompassjoni, kontemplazzjoni, sinċerità, lealtà u ekwilibriju. PatricK J. Sammut jirnexxilu juri kemm l-ilsien Malti kapaċi jadatta biex ifisser anki kunċetti marbutin mal-kultura orjentali tal-Ħinduwiżmu. Din il-ġabra għandha daħla kritika mill-istess traduttur u postfazzjoni mill-pinna ta' Alfred Palma. Id-disinji huma ta' Niloufer Wadia. Min jixtieq jakkwista kopja għandu jikkuntattja lill-editur ta'din ir-rivista virtwali.




***SE NĦALLIK* ta' Alfred Palma, traduzzjoni tar-rumanz *Aimez-vous Brahms…?* ta' Françoise Sagan, Wise Owl Publications, 2021**

Għal darb'oħra Alfred Palma qed iwasslilna xogħol letterarju klassiku mil-letteratura Franċiża: ir-rumanz *Aimez-vous Brahms?* ta' Françoise Sagan, li ħareġ fl-1959, b'verżjoni filmika bl-isem ta' *Goodbye Again* tal-1961, bl-atturi Ingrid Bergman u Anthony Perkins. F'dan ir-rumanz ta' 110 paġni niltaqgħu ma' Paule, ta' 39 sena, li tinqabad bejn żewġ imħabbiet: Roger, tamparha imma li moħħu f'nisa oħra għalkemm jgħid li ma jistax jgħaddi mingħajrha, u Simon, żagħżugħ ta' 25 sena, li jintilef warajha u jkun lest li jiżżewwiġha. It-traduzzjoni ta' Palma tinqara b'mod naturali għall-aħħar tant li tinsa li dan ix-xogħol inkiteb minn id oħra f'ilsien ieħor. L-istorja hija ambjentata f'Pariġi u l-atmosfera hija waħda romantika, nostalġika u melankonika. Jispikkaw ġesti sensittivi u melliesa, u sentimenti bħall-imħabba, l-għira u l-passjoni. Il-lingwaġġ jaf ikun f'waqtiet poetiku. Simon jagħraf is-solitudni li tgħix fiha Paule, minkejja li taħbiha, u għalhekk joffrilha alternattiva - fejn hemm il-vera mħabba jieqaf il-ħin - li hi fl-aħħar tasal biex ma taċċettax, anki għax tħoss li r-relazzjoni tagħha miegħu tixbah lil dik bejn omm u iben. Jaħkem matul ir-rumanz sens qawwi tal-inevitabbli.




**_L-AMBJENT LI QERIDNA_ ta' Carmel Scicluna, Horizons, 2020**

Din ta' Carmel Scicluna hija ġabra ta' 53 poeżija bil-Malti li huwa kiteb bejn l-2017 u l-2020. Fuq wara huma inklużi tliet reċensjonijiet dwar ġabra poetika oħra tiegħu - *Il-Kalċi Qed Ifur* (Horizons, 2017), miktubin minn  Dr Paul Xuereb, u poetessa Therese Pace, u l-Prof. Charles Briffa.

Waqt li wieħed ikun qed jaqra l-versi ta' Scicluna, jisma' vuċi bħal donnha ttennilu minn taħt l-ilsien: xi sbuħija ta' versi! Huma versi li għandhom kemm mis-sempliċi u anki mill-kumpless, mill-ħajja ta' kuljum, mela dik li nafu biha bla għata ta' xejn, fl-għera tagħha, u dik misterjuża li għandha mid-dinja enċiklopedika li mhux kulħadd hu familjari magħha. Hemm l-isbuħija tal-ilsien Malti mħaddem b'sengħa u l-kruha tal-uġigħ li jitwieled fuq ġewwa tal-bniedem, imma li ġej ukoll minn dak li hemm madwaru, l-aktar mill-bnedmin stess. Għalhekk ix-xewqa tal-poeta li jinqata' mill-art u jitbiegħed minnha.

Bosta huma l-poeżiji fejn Scicluna jikteb bħala djalogu ma' poeti u kittieba oħra kemm Maltin (Andrew Sciberras, Oreste Calleja, u Alfred Palma), kif ukoll barranin (bħal Aeschylus, Walt Whitman, Franz Kafka, James Baldwin, Cesare Pavese, Camilo José Cela, Thomas Mann, Eugene Ionesco, Leonard Cohen, Gøhril Gabrielsen, Miroslav Horub, u oħrajn). Dawn tiegħu huma versi li jixorbu mill-mitoloġija klassika, mil-letteratura Ewropea, mill-filosofija. Jinħass dejjem li Scicluna hu bniedem li qara bosta u daħal sewwa f'ruħ il-kittieba li ltaqa' magħhom waqt il-qari tiegħu, vjaġġ li għadu għaddej b'saħħa. Hemm ukoll poeżiji ispirati minn kanzunetti kontemporanji jew pitturi.

Fis-solitudni tiegħu Scicluna jħossu muġugħ u mitluf f'oċean ta' indifferenza (*La Solitude*). Dak tiegħu hu leħen li jistedinna nidħlu daħla fil-jien tagħna u nfittxu dak li xi darba kien tajjeb fina, ladarba hemm ħwejjeġ li s-soċjetà post-moderna serqitilna u għadha tisraqilna biex ħallietna għerja minn kull umanità (*Ħallelin*). Quddiem dan kollu hu jistaqsi: "X'qed jiġri fid-dinja O Alla?/ Meta ħa tisplodi qalbna bl-uġigħ?" (*L-isparar f'Thousand Oaks, Kalifornja*), ladarba qed negħrqu f'"dal-mirkeb imtaqqab,/ u ħadd minna ma jaf min se jinfeda." (*Li tkun jew ma tkunx*). Hemm ukoll versi patrijottiċi, anki jekk b'ton ta' protesta jikteb dwar l-ipokresija ta' soċjetà li tippoża bħala Nisranija (*Għax bid-dlam infraġna*). Hemm drabi fejn il-kelma tissarraf f'abiss, vojt, u xejn ġewwieni (*Għadam*); drabi oħra meta Scicluna jipprotesta kontra l-abort (*Dal-kalċi jfawwar b'demmkom* jew *Lill-miljuni ta' trabi li qtilna*); waqtiet oħra tieħu l-għamla ta' salm (*Talba*). Waħda mill-iktar poeżiji b'saħħithom hija *Qtil f'nazzjon mafjuż*, iddedikata lill-ġurnalista Daphne Caruana Galizia: hawn Scicluna jikteb "Falza s-serenità/ tad-diżonorev'li/ kolpev'l" u "Muswied/ l-edifiċju li kkorroda;/ muswied id-dud/ li miġwieħ nawwar/ sa għadmet ir-ruħ/ tan-nazzjon mafjuż/ li darba tkellel/ orgoljuż orgoljuż -/ 'Fior Del Mondo.'"

Li hu żgur hu li dawn ta' Carmel Scicluna huma versi li jsaħħruk waqt li qed taqrahom u jħalluk tibqa' tistaqsi x'seħħ eżattament anki wara li jinqraw darba darbtejn. Mir-refuġju solitarju tiegħu Scicluna ma jaħrablu xejn u l-kelma tiegħu taf taqta' daqs l-iktar xafra msinna. Hu wieħed mill-ftit li għajnejh miftuħin u jixtieq li aħna wkoll nqumu mir-raqda li jassritna biex nerġgħu nibdew nemmnu fir-rispett u fl-umanità.




***IL-KTIEB TAL-MALTI FIL-LIVELL AVVANZAT U INTERMEDJU: TAGĦRIF U TAĦRIĠ. VOLUMI 1 U 2*, ta' Patrick J. Sammut u Tarċisju Zarb, Publikazzjoni Faraxa, 2020**

F'dan ix-xahar ta' Ġunju 2021 dawk l-istudenti li se jersqu għall-eżami tal-Malti fil-livelli tal-Avvanzat u tal-Intermedju se jkunu qed iwieġbu għall-ewwel darba mistoqsijiet marbutin mas-sillabu l-ġdid. Għal dan il-għan, dawn iż-żewġ edukaturi ngħaqdu flimkien biex jagħtu l-għajnuna xierqa lill-istudenti f'rabta mat-tieni karta - livell Avvanzat - fejn huma mistennija jwieġbu mistoqsijiet f'rabta ma' poeżiji ta' Oliver Friggieri u ta' Simone Galea, u jiktbu apprezzament kritiku letterarju ta' poeżija jew silta ta' proża, u f'rabta mat-tielet karta - dejjem livell Avvanzat - fejn huma mistennija jwieġbu mistoqsijiet dwar in-novelli ta' Trevor Żahra minn *Xemgħat*, ir-rumanz *Ħelsien* ta' Ġużè Bonnici, u d-dramm *Karnival* ta' Francis Ebejer. Il-poeżiji ta' Simone Galea u r-rumanz *Ħelsien* huma komuni wkoll għall-karta tal-Malti Intermedju. Apparti noti, riflessjonijiet u komponimenti prattiċi, dawn iż-żewġ volumi t'għajnuna jipprovdu lista ta' mistoqsijiet li l-istudenti jistgħu jittrattaw kemm fil-klassi, kif ukoll jiltaqgħu magħhom fl-eżamijiet tagħhom. Is-sabiħ ta' dawn iż-żewġ volumi hu li joffru l-interpretazzjoni ta' żewġ edukaturi li għandhom esperjenza twila kemm fit-tagħlim inġenerali kif ukoll fit-tagħlim tal-lingwa u l-letteratura Maltija. Għalhekk, f'dawn l-400 paġna, l-istudenti jiġu pprovduti kumment wiesa' u varjat għal kull poeżija ta' Oliver Friggieri u Simone Galea, u għal kull novella ta' Trevor Żahra, apparti komponimenti mudell ta' kritika letterarja (poeżija u proża), u riflessjonijiet oħrajn dwar ix-xogħlijiet ta' Ġużè Bonnici u Frances Ebejer. L-ewwel volum jintrabat mat-tieni karta tal-avvanzat u t-tieni volum mat-tielet karta tal-avvanzat.




***SITT FANALI ĊINIŻI/SIX CHINESE LANTERNS*, Poeżiji ta' Albert Marshall, China Cultural Centre Malta**

Matul is-sajf tal-2019, Albert Marshall, flimkien ma' artisti Maltin oħrajn, żaru r-reġjun ta' Guangxi bħala mistednin taż-Ċentru Ċiniż għall-Kultura f'Malta. Marshall ġie ispirat biex jikteb sitt poeżiji fuq l-esperjenza tiegħu fi Guangxi. Il-fanal Ċiniż, bħala oġġett, madwar id-dinja huwa sinonimu tal-kultura Ċiniża, u l-funzjoni tiegħu hi dik li jagħti d-dawl. B'hekk il-poeżija, il-fanal u d-dawl huma tliet elementi li jintrabtu flimkien. Għal Marshall iċ-Ċina hi art misterjuża, barranija u immortali, fejn mill-preżent il-poeta jevoka il-passat. Dawn li naqraw hawn fi tliet ilsna - il-Malti, il-Mandarin u l-Ingliż - huma poeżiji ispirati mill-isbuħija tan-natura fi Guangxi, magħmula minn pajsaġġ grandjuż, ħsejjes, kif ukoll il-poplu. Il-vers li jħaddem huwa dak ħieles. Il-ġabra għandha Daħla mid-Direttur taċ-Ċentru Ċiniż għall-Kultura f'Malta, Yang Xiaolong, u Kumment introduttiv mill-kuratur u kritiku E.V. Borg. It-tradutturi huma Teresa Friggieri u Jiajun Shi, filwaqt li Mark Fenech ħa ħsieb in-noti mill-Malti għall-Ingliż u ċ-Ċiniż. Inklużi huma wkoll għadd ta' ritratti bw mill-fotografu Darrin Zammit Lupi. Ktieb bħal dan, fis-sempliċità u fl-isbuħija tiegħu, jistieden lill-qarrej isir jaf ftit iktar lil din il-kultura tant 'il bogħod minna - imma li ilna snin twal marbutin magħha -, u jieħu interess f'pajjiż ġgant li għandu minn kull lewn, ħoss, u joffri mitt elf esperjenza, hawn imwasslin permezz tal-poeżija u tal-fotografija.




***LEĦEN MIX-XAGĦRI MAĦQUR: PAUL P. BORG BL-EKOFILOSOFIJA LETTERARJA* ta' Charles Briffa, Horizons, 2021**

Dan il-ktieb juri kif Paul P. Borg qatagħha li jkattar il-valuri tal-letteratura Maltija meta jitkellem f'isem il-magħkus. U f'dawk il-valuri tidher ix-xewqa li l-awtur irid isir bniedem aħjar billi jkun aktar ġenwin miegħu nnifsu.

Borg għandu relazzjoni mal-ambjent. Jidher ambjentalist. U dan il-ktieb, *Leħen mix-Xagħri Maħqur: Paul P.Borg bl-Ekofilosofija Letterarja*, (fost ħwejjeġ oħra) jipprova jifli ftit kif il-letteratura li jikteb Borg tippriserva din l-identità ambjentalista. Imma fil-proċess jikxef il-ħajja ġewwiena f'xogħol l-awtur. Din il-pubblikazzjoni ġdida ta' Briffa hija studju organizzat madwar il-letteratura u jikxef il-karatteristiċi tal-istil mentali. Fil-programm għal-letteratura tiegħu l-kelma ssir strument ta' qawwa u ċarezza fis-servizz tal-kontemporanjetà skont kif jifhimha Borg. Il-kitba tiegħu taqdi ħtieġa għax tesplojtja kondizzjonijiet ta' mentalità kontemporanja u kull darba toffri perċezzjoni li tħassibna fuq il-mod ta' ħajja u burdati li nsibu fostna fi żmienna. U mix-xejriet li jixirfu mil-letteratura tiegħu (li spiss tipprova tmerrek il-ħsieb konvenzjonali jew kollettiv) nistgħu nkomplu nikkaratterizzaw lilna nfusna llum.

Il-funzjoni ta' Borg fil-letteratura dejjem tixpruna lill-qarrejja lejn l-eżistenzjaliżmu li jitlob għarfien ta' xi ħaġa. L-awtur huwa konxju tal-kontemporanjetà tiegħu, u la hemm l-għarfien hemm il-kewn. U l-għarfien (ukoll bħala perċezzjoni) isir fih innifsu l-eżistenza tiegħu fl-isfond tal-kontemporanjetà. Huwa minħabba dan l-għarfien li Borg jaqbeż għan-natura mifġura u jaqbeż għall-umanità muġugħa. L-umanità muġugħa tista' tkun tarbija riesqa lejn it-tbiċċir qabel ma tixref mill-ġuf, tfajla li tkun irrejpjata għax sabiħa, ġuvni li jgħaddi minn moħqrija ta' ġenn minħabba t-tendenzi sesswali tiegħu, u bniedem li jkun maħqur jew imxaħħat għax kulturalment differenti. Kull meta xi xejra tal-umanità tkun imkagħbra, imkasbra, imriegħxa, jew imsawta – f'kelma waħda, maħqura – Borg isemma' leħnu kontra l-kefrija, kontra kull għafsa ta' ħruxija.

Dal-ktieb għandu mal-273 paġna. Apparti l-kapitlu introduttiv u dak konklussiv, huma inklużi wkoll sitt taqsimiet ewlenin fejn Briffa jittratta dawn l-aspetti f'rabta ma' Paul P. Borg: Ħajja u Ħidma; Paul P. Borg u r-Raħal; bħala Novellist; bħala Poeta; bħala Rumanzier; u bħala Bijografu. Il-ktieb jinkludi wkoll xi ritratti, anki bil-kulur, u taqsimiet oħra bħal Biblijografija, Referenzi u Xi kitbiet fuq ix-xogħlijiet ta' Paul P. Borg. Mela, min jakkwista dan il-ktieb se jkollu stampa dettaljata sewwa tad-'dinja' letterarja ta' dan il-kittieb prolifiku kontemporanju.

Dan il-volum ikompli s-serje ta' monografiji li Charles Briffa qed jiddedika lil numru ta' kittieba Maltin fosthom Oliver Friggieri, Victor Fenech, Mario Azzopardi, Joseph Vella Bondin, u Charles Casha.

Il-Professur Charles Briffa għallem il-Letteratura Maltija u t-Traduzzjoni fl-Università ta' Malta, u huwa kritiku letterarju, studjuż tal-Malti, u traduttur.